# Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza

# RAPPORT ANNWALI

# 2007

NCPE

ISBN: 978-99909-89-22-9

Ippubblikat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (2008)

# WERREJ


*1. Introduzzjoni* *13*

**1.1. Ġeneru** **13**

**1.2. Razza** **17**

***2. Xogħol li wettqet il-Kummissjoni matul l-2007*** **20**

**2.1. Sunt tax-xogħol li sar fl-2007** **20**

**2.2. Direzzjoni Politika** **23**

**2.3. L-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-sessi** **25**

**2.4. L-Ugwaljanza fil-Kuntest ta' l-Unjoni Ewropea** **28**

**2.5. Laqgħat/Konferenzi** **30**

***2.5.1. Lokali*** 30

***2.5.2. Konferenzi barra minn Malta*** 36

**2.6. Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja** **41**

***3. Ilmenti*** **44**

**3.1. Punti li ħarġu mix-Xogħol li sar fuq l-ilmenti** **44**

**3.2. Sotto-Kumitat responsabbli mill-Ilmenti** **46**

**3.3. Lista ta' Lmenti li sar xogħol dwarhom** **47**

***3.3.1. Ġeneru*** 47

***3.3.2. Razza*** 48

**3.4. Proċedura – kif isir ix-xogħol dwar l-ilmenti** **48**

***4. Talbiet għall- u Tqassim ta' Informazzjoni*** **50**

**4.1. Introduzzjoni** **50**

**4.2. Talbiet għall-informazzjoni** **51**

***4.2.1. Dawn it-talbiet waslu mingħand:*** 51

***4.2.2. Dawn it-talbiet saru dwar:*** 52

***4.2.3. Il-Materjal li ġie użat mil-librerija kien jitratta:*** 53

**4.3. Mistoqsijiet Parlamentari** **53**

**4.4. Tqassim ta' Informazzjoni** **55**

***4.4.1. Il-websajt il-ġdida ta' l-NCPE*** 56

***4.4.2. Mezzi oħra*** 57

***5. Proġetti*** **58**

**5.1. Introduzzjoni** **58**

**5.2. Mużajk – Magħqudin fid-diversita'** **59**

***5.2.1. Għanijiet*** 60

***5.2.2. L-Istadji tal-Proġett*** 61

***5.2.3. Riżultati*** 62

**5.3. Inwasslu L-Ugwaljanza Bejn Is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali** **63**

***5.3.1. Għanjiet*** 64

***5.3.2. L-Istadji tal-Proġett*** 64

***5.3.3. Riżultati*** 66

**5.4. FSE/Numru 48 Insaħħu l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'Livell Nazzjonali** **67**
*5.4.1. Għanijiet* 67
*5.4.2. L-Istadji tal-Proġett* 68
*5.4.3. Riżultati* 69

**5.5. In-Nisa fl-Iżvilupp Soċjali – Women in Development VP/2005/021 (W. in D.)** **70**
*5.5.1. Għanijiet* 70
*5.5.2. L-Istadji tal-Proġett* 70
*5.5.3. Riżultati* 72

**5.6. FSE No/46- L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali** **72**
*5.6.1. Għanjiet* 73
*5.6.2. L-Istadji tal-Proġett* 73

**5.7. Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversita` VT/2003/009** **74**
*5.7.1. Għanijiet* 75
*5.7.2. L-istadji tal-Proġett* 75
*5.7.3. Riżultati* 75

**5.8. Id-Distakk fil-Ġeneru fix-Xjenza u t-Teknologija f'Malta – Nindirizzaw is-Sitwazzjoni** **76**
*5.8.1. Għanijiet* 76
*5.8.2. L-Istadji tal-Proġett* 77
5.8.3. Riżultati 78

**5.9. L-Identifikazzjoni tal-Miżuri Tajbin għal-Implimentazzjoni tad-Direttivi dwar ir-Razza u l-Etniċita`** **78**
*5.9.1. Għanjiet* 78
*5.9.2. L-Istadji tal-Proġett* 78

***6. Riċerka u Pubblikazzjonijiet*** **80**

**6.1. Introduzzjoni** **80**

**6.2. Publikazzjonijiet** **80**
*6.2.1. 'Ommijiet waħedhom u l-benefiċċji soċjali' (NCPE)* 80
*6.2.2. Il-Fuljett: 'Id-Diversita` issaħħaħna, waqqaf id-Diskriminazzjoni Issa – Magħqudin fid-Diversita`'.* 80
*6.2.3. Rapport Finali: 'Mużajk – Magħqudin fid-Diversita`'* 81
*6.2.4. CD 'Differenti u Ugwali'* 81
*6.2.5. Rapport dwar ir-Riċerka- 'Inwasslu l-Ugwaljanza Bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Komunitajiet Lokali'* 82
*6.2.6. Rapport ta' riċerka bl-isem ta' 'Id-Distakk fil-Ġeneru fix-Xjenza u t-Teknologija f'Malta – Nevalwaw il-problema u nindirizzaw is-Suġġetti' (Id-Distakk fil-Ġeneru fix-Xjenza u t-Teknologija f'Malta – Nindirizzaw is-Suġġetti).* 82

**6.3. Riċerka li saret bħala parti mix-xogħol ċentrali tal-Kummissjoni** **82**
*6.3.1. Kumitati* 82
*6.3.2. Kwestjonarji* 84
*6.3.3. Rapporti* 85
*6.3.4. Rispons* 86

***7. Inizzjattivi ta' Taħriġ*** **88**

**7.1. Introduzzjoni** **88**

**7.2. Taħriġ provdut mill-Proġetti ta' l-NCPE** **89**
*7.2.1. Mużajk –Magħqudin fid-Diversita`* 89
*7.2.2. Inwasslu l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Komunitajiet Lokali* 89
*7.2.3. Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversita`* 89

7.3. Taħriġ provdut mill-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (mhux mill-proġetti) 90

7.4. Taħriġ li ingħata lill-impjegati tal-Kummissjoni 92

*8. Ħolqien ta' Għarfien* 94

8.1. Relazzjonijiet Pubbliċi 94

*8.1.1. Ittri lill-Editur* 94

*8.1.2. Stqarrijiet għall-Istampa* 96

*8.1.3. Artikli* 99

*8.1.4. Parteċipazzjoni fuq ir-Radju u Dehriet fuq it-Televiżjoni* 99

8.2. Kampanja ta' Għarfien - Mużajk Magħqudin fid-Diversita` 100

*8.2.1. Billbords* 101

*8.2.2. Riklami* 101

*8.2.3. Riklami fuq l-Gazzetti* 102

*8.2.4. Posters* 102

*8.2.5. Stikers għat-tfal* 102

*8.2.6. Fuljett* 102

*8.2.7. Jiem ta' Diversita'* 103

*8.2.8. Kompetizzjoni għat-tfal* 103

*8.2.9. Forum theatre* 104

*8.2.10. Fesitval tal-Films* 104

*8.3.* Inwasslu l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Komunitajiet Lokali 105

*8.3.1. Riklami Televiżivi* 105

*8.3.2. Riklami fuq il-Gazzetti* 105

*8.3.3. Parteċipazzjoni fil-Programmi Televisivi u l-Attivitajiet Lokali* 105

8.4. FSE/No. 46- Il-Ġeneru mill-Perspettiva Legali 106

*9. Anness - Glossarju* 107

## Messaġġ mill-Onor. Dolores Cristina, Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali

Ir-rapport dwar ir-raba' sena ta' ħidma tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, jew l-NCPE kif isejħilha kulħadd, huwa xhieda mill-aktar ċara ta' kemm is-soċjeta Maltija mxiet 'il quddiem fit-triq ta' l-ugwaljanza fiż-żmien hekk qasir.

Minbarra n-numru kbir ta' konferenzi u seminars li saru u proġetti li twettqu (li huma verament impressjonanti), jekk nagħtu daqqa t'ghajn ukoll lejn it-Taqsima dwar l-ilmenti f'dan ir-rapport ikun biżżejjed biex nindunaw kemm hawn għarfien dwar il-jeddijiet taċ-ċittadin u kif dawn il-jeddijiet jistgħu jiġu miċħuda bid-diskriminazzjoni. U aktar minn hekk, hawn ir-rieda li jinstabu rimedji għal dawn id-diffikultajiet. Fi ftit kliem, m'aħniex lesti li naċċettaw kundizzjonijiet jew sitwazzjonijiet li jpoġġuna fi żvantaġġ.

Dan sar wieħed mir-responsabbiltajiet ewlenin tal-NCPE li wettqet b'suċċess – u m'hemmx dubju li din ma kinetx biċċa xogħol faċli. L-għan tas-seminars u programmi ta' taħriġ jintlaħaq aktar jekk, fl-aħħar mill-aħħar, jgħin imqar persuna waħda biex tieħu r-riedni f'idejha u tgħix ħajja aħjar. Il-kampanja ta' pubbliċita' li saret bħala parti mis-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd saħħet iżjed il-messaġġ tal-Kummissjoni sabiex dan jilħaq firxa wiesgħa ta' nies.

Il-ħolm tal-passat issa sar realta' fil-ħajja ta' kuljum. Matul dawn l-aħħar ftit snin, rajna l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni u miżuri, bħal ma huma dawk immirati lejn il-bilanċ tal-ħajja familjari u dik tax-xogħol, inċentivi finanzjarji biex iħajru l-parteċipazzjoni ta' aktar nisa fis-suq tax-xogħol, u b'aktar aċċess għal *childcare* ta' kwalita għolja. Dawn il-miżuri u ħafna oħrajn għandhom effett fit-tul fuq il-ħajja ta' eluf ta' rġiel u nisa u l-familji tagħhom.

M'għandix dubju li, b'aktar opportunitajiet, ser insiru soċjeta' aktar inklużiva msejsa fuq l-ugwaljanza. L-NCPE żgur li ser tibqa' tmexxi din il-bidla.

Nixtieq nieħu din l-opportunita' sabiex nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kummissjoni u l-istaff tal-NCPE għall-ħidma u dedikazzjoni tagħhom fit-twettiq tal-viżjoni.

Dolores Cristina
Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali
Frar 2008

**Introduzzjoni mill-Kummissarju**

Spiss l-opinjonijiet dwar ir-relazzjonijiet bejn l-individwi fis-soċjeta jiddependu minn esperjenzi personali taghhom u mhux minn dak li turi l-istatistika. Filwaqt li m'hemmx statistika waħda jew indikatur wieħed li jista' jkejjel l-ugwaljanza, nistgħu ngħidu li hemm ħafna għal xiex kwazi kulħadd qiegħed jaspira. Ir-relazzjonijiet huma multidimensjonali, b'hekk jistgħu jfissru tibdil f'kunċetti, bħal-valuri u r-rispett li jingħata lill-individwi, ikun x'ikun il-ġeneru jew ir-razza tagħhom, il-kriterju tagħhom ta valur personali, u l-mod kif jagħmlu diversi għażliet strateġiċi fil-ħajja.

Għalkemm din kienet sena ferm impenjattiva għall-Kummissjoni, kienet sena li kellha siwi kbir. Flimkien mat-trasferiment fil-bini l-ġdid, il-Kummissjoni, f'April 2007, ingħatat spinta ġdida biex bħala parti integrali mix-xogħol tagħha tibda taħdem ukoll fuq il-kunċett ta' diskriminazzjoni dwar ir-razza. Bla dubju hemm ħafna xi jsir biex jiġu indirizzati il-bidliet u xi tensjonijiet li jistgħu jinħolqu fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u politiċi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ. Biex nisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal ta' dan it-tibdil hemm bżonn aktar politika pubblika. Madankollu, mhux kull forma ta' azzjoni pubblika għandha tittieħed mill-istat jew minn aġenziji li jaħdmu fuq żvilupp internazzjonali. Tabilħaqq, huwa probabbli li l-pressjoni politika meħtieġa sabiex dawn l-azzjonijiet jittieħdu mill-awtoritajiet għandha tiġi 'minn isfel'. Azzjoni li tittieħed b'mod kollettiv hija kruċjali għall-bidla soċjali. Il-proġett tagħna ta' l-Unjoni Ewropea – *"Mużajk – Magħqudin fid-diversita"*: għas-sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs fl-2007, wera biċ-ċar li bosta aġenziji mhux-governattivi flimkien ma' awtoritajiet f' Malta jistgħu jaħdmu flimkien b'mod effettiv.

Is-soċjeta' Maltija għandha ħafna x'tirbaħ mill-benefiċċji tad-diversita' u l-inklużjoni; li tfisser flessibilita' f'ekonomija globalizzata, aktar innovazzjoni, viżjoni aktar miftuħa u soċjeta' aktar ġusta għal kulħadd. Ir-rwol ġdid li ingħata lilna biex nindirizzaw il-kunċetti kontra diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza se jkun proprju li nippromwovu dawn l-benefiċċji. Is-soċjeta' Maltija għandha tilqa' l-isfidi li jiġu ma'

dan it-tibdil f'ambjent soċjo-ekonomiku aktar wiesgħa, filwaqt li l-forom individwali ta' tisħiħ huma kritiċi, dawn jistgħu jkunu punt tat-tluq għal aktar inizjattivi.

L-atitudni hija l-vera diskriminazzjoni u għalhekk għandna bżonn ħsieb aktar ħolistiku.  Permezz ta' dawk li fl-Ingliż nghidulhom il-4Rs: *Rights, Representation, Recognition, Respect* (Drittijiet, Rappreżentazzjoni, Rikkonoxximent u Rispett) is-soċjeta' Maltija għandha tħares lejn il-gwadann u l-benefiċċji li jġibu magħhom id-diversita' u l-inklużjoni, il-flessibilita' fl-ekonomija globalizzata, l-innovazzjoni, il-ftuħ tal-ħsieb, u soċjeta' aktar ġusta għal kulħadd.

Il-membri tal-Kummissjoni u l-istaff eżekuttiv li ġejjin minn oqsma professjonali differenti komplew jaħdmu tajjeb ħafna flimkien u nixtieq nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzjahom kollha individwalment għall-impenn u għax-xogħol dedikat tagħhom matul din is-sena.

Janet Mifsud
Kummissarju
Frar 2008

## Messaġġ mid-Direttur Eżekuttiv

Sena oħra ta' xogħol tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ġiet fi tmiemha. Madankollu dan m'għandux jitqies bħala telf u m'hemm l-ebda sens ta' niket iżda bil-kontra dan iż-żmien huwa apprezzat bħala parti integrali ta' proċess ta' tkabbir u żvilupp. Fil-fatt is-sena 2007 rat it-tkabbir tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni bl-inklużjoni tal-qasam ta' razza u oriġini etnika flimkien ma' ġeneru u responsabbiltajiet tal-familja bħala oqsma speċifiċi biex il-Kummissjoni taħdem fuqhom. Meta wieħed jikkunsidra li s-sena 2007, kienet is-Sena ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, dan it-tkabbir kien wieħed propizju ħafna. F'April 2007 daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 85 – Trattament Indaqs ta' Persuni li tat aktar responsabilta' lill-Kummissjoni hekk kif ħareġ mit-transpożizzjoni tad-Direttiva Nru 2000/43/KE magħrufa wkoll bħala d-Direttiva tar-Razza.

Artiklu 4 (1) ta' dan l-Avviż Legali jsostni li:

*"L-ebda persuna, stabbiliment jew entita'…m'għandu/ha j/tiddiskrimina kontra persuna oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma'*

- *Protezzjoni soċjali, inkluż sigurta' soċjali u servizzi tas-saħħa;*
- *Edukazzjoni;*
- *Aċċess għall- u provista ta' merkanzija u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inkluż il-qasam tad-djar;*
- *Aċċess għal kull servizz ieħor li jista' jiġi assenjat bil-liġi għall-fini ta' din id-Direttiva.*

It-tkabbir fir-responsabbiltajiet biddel l-istat tal-Kummisjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għal Korp li jaħdem għall-Ugwaljanza.

Filwaqt li 'razza u oriġini etnika' ġew miżjuda mar-responsabbiltajiet ta' qabel, il-ġeneru u r-responsabbiltajiet familjari ma twarrbux fil-ġenb. Fil-fatt l-NCPE wettqet ħidma sfiqa fir-riċerka trans-nazzjonali li twettqet permezz ta' proġetti ko-

finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Din ir-riċerka turi li hemm similarita' ċara fil-problemi relatati mal-ġeneru f'pajjiżi msieħba fil-proġett. Dawn l-imsieħba kienu prinċiparjament min-Nofsinhar ta' l-Ewropa/il-firxa Mediterranja. Interessanti l-fatt li l-kobor fil-popolazzjonijiet u l-istat ta' l-ekonomija ma tantx affetwaw dawn il-problemi li jinkludu fost l-oħrajn rata baxxa ta' nisa fis-suq tax-xogħol, inqas nisa fil-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inqas imprendituri nisa u sehem inqas tan-nisa fil-ħajja politika. Hemm bżonn li nisħqu l-fatt li biex nikkumbattu l-istatus quo nużaw mezzi aċċettati kulturalment.

L-attivita' li rajna f'numru ta' Ministeri permezz tal-Kumitati ta' l-Ugwaljanza fi ħdanhom, kienet ta' kuraġġ kbir għalina. Ovvjament ċertu kumitati kienu aktar attivi minn oħrajn u x-xogħol tagħhom jixhed dan kollu iżda sfortunatament xi kumitati qegħdin f'pożizzjonijiet li jagħmluhom inqas effiċjenti minn oħrajn. Dan ma jiġrix minħabba li l-membri infushom ma jemmnux fil-kunċett jew fil-bidliet li hemm bżonn li jsiru, iżda r-raġuni ħafna drabi tkun li s-superjuri tagħhom, s'issa għadhom ma fehmux l-obbligazzjoni li l-ugwaljanza hija verament prijorita' orizzontali. Matul l-2008 hu maħsub li jsir sorveljar effettiv ta' din is-sistema u dak li jinstab se jiġi inkluż f'rapport nazzjonali li se jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea qabel Ottubru tas-sena 2008. Din hija obbligazzjoni li toħroġ mid-Direttiva 2002/73/KE. L-NCPE tistenna b'ħerqa li jasal iż-żmien li f'kull rapport jew regolament li jsir il-kunċett ta' l-ugwaljanza jkun inkluż b'mod istintiv.

Il-Kummissjoni tifhem li dan huwa żmien ta' transizzjoni li jwassal għal bidla sinifikanti għalhekk hemm bżonn li tittieħed azzjoni biex din il-bidla isseħħ f'livelli differenti aktar milli noqogħdu nistennew li tiġri. Dan huwa dak li għamlet u se tibqa' tagħmel il-Kummissjoni permezz ta' diskussjonijiet dwar id-direzzjoni politika li għandha titieħed f'dan il-qasam kif ukoll permezz ta' taħriġ. Id-diskussjoni hija parti integrali fid-diskussjonijiet kollha ta' livell għoli waqt li t-taħriġ huwa evidenti fil-livelli kollha. Fil-fatt il-maġġoranza tal-proġetti ko-finanzjati mill-UE hemm element qawwi ta' taħriġ fejn huma mistiedna li jattendu diversi setturi tal-popolazzjoni li għalihom ikun immirat it-taħriġ.

L-NCPE irnexxielha tpoġġi l-kunċett ta' l-ugwaljanza fuq l-aġenda nazzjonali u użat metodi differenti biex twassal il-messaġġ tagħha. Is-suċċess ta' dan il-metodu ma jidhirx permezz ta' kulma akkwistat il-Kummissjoni iżda jista' jitkejjel permezz ta' sorveljar tat-talbiet għall-għajnuna ġejjin mill-impjegati fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Dawn jitolbu għajnuna dwar l-aħjar modi kif għandhom jimxu f'diversi sitwazzjonijiet li huma diskriminatorji u għalhekk m'humiex aċċettabli. Huwa kruċjali li l-individwi jkollhom is-setgħa li jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom biex isseħħ il-bidla fil-kultura waqt li nżommu f'moħħna li mhux kulħadd huwa lest li jħaddan bidla ta' dan it-tip. Fi kliem King Whitney Jr.,

> *"Il-bidla għandha impatt psikoloġiku konsiderevoli fuq moħħ il-bniedem. Għal dawk li jibżgħu, il-bidla hija ta' theddid għax is-sitwazzjonijiet jistgħu jiġu għar. Għal dawk li jittamaw, il-bidla hija ta' kuraġġ għax is-sitwazzjonijiet jistgħu jmorru għall-aħjar. Għal dawk li huma kunfidenti, il-bidla hija ispirazzjoni għax l-isfida teżisti biex l-affarijiet jitranġaw."*

Is-sena 2007 kienet sena impenjattiva ferm għall-Kummissjoni grazzi għall-impenn sfieq ta' l-istaff, il-Kummissarju u l-membri tal-Kummissjoni. Kellu bżonn li l-2008 tkun l-istess…u tagħtina l-istess livell ta' sodisfazzjon li ġabet magħha l-2007.

Sina Bugeja
Direttur Eżekuttiv
Frar 2008

# 1. Introduzzjoni

Soċjeta' inklużiva tħeġġeġ lill-membri tagħha jagħrfu l-potenzjal tagħhom billi jimmiraw biex jeliminaw id-differenza bejn ugwaljanza reali u formali; tipprovdi opportunitajiet indaqs għall-membri tagħha u tippromwovi d-diversita' b'mod attiv. Barra minn hekk il-parteċipazzjoni sħiħa fl-ekonomija, ir-relazzjonijijet soċjali u l-kultura huma bżonjużi u ta' min jagħtihom appoġġ sħiħ. Mingħajr ebda dubju, Malta qed tagħmel l-almu tagħha biex tippromwovi soċjeta' inklużiva għaċ-ċittadini kollha tagħha.

## 1.1. <u>Ġeneru</u>

Is-sehem tan-nisa fis-suq tax-xogħol huwa importanti għat-tkabbir ta' impjiegi fl-Ewropa. Minn meta fis-sena 2000, il-Kunsill Ewropew daħħal fis-seħħ l-Istrateġija ta' Liżbona[1], li l-mira tagħha hi li tagħmel l-Unjoni Ewropea bl-aktar ekonomija kompetittiva fid-dinja u tilħaq il-massimu ta' l-impjiegi sa l-2010, sitta mit-tmien miljuni postijiet ta' xogħol maħluqa fl-Ewropa ittieħdu min-nisa. Fl-2006, ir-rata tan-nisa fis-suq tax-xogħol telgħat għal 57.2%[2], u ż-żieda ta' nisa jaħdmu li għandhom aktar minn 55 sena seħħet aktar malajr minn dik ta' l-irġiel, li issa tilħaq it-33.3%[3].

Fl-2006, il-Kummissjoni Ewropea ippublikat '*A Roadmap for Equality between Women and Men*' għall-2006-2010. Dan id-dokument jirrappreżenta r-responsabbilta' li ħadet il-Kummissjoni Ewropea biex tippromwovi l-aġenda ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll issaħħaħ s-sħubija bejn l-iStati Membri u l-i*stakeholders*. Dan l-istess dokument jgħaqqad il-bidu ta' inizzjattivi ġodda u t-tisħih ta' attivitajiet eżistenti li diga' għamlu suċċess. Sitt suġġetti fundamentali

---

[1] Waqt laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Lisbona (Marzu 2000), ir-rappreżentanti ta' l-Istat jew il-Gvern preżenta l-bidu ta' l-Istrateġija ta' Lisbona
[2] Eurostat – News Release 102/2007
[3] Rapport mill-Kummissjoni Ewropea fuq l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u Rġiel - 2007

dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, kienu magħżula biex l-UE tieħu azzjoni fuqhom. Dawn huma:

- Indipendenza ekonomika ugwali għan-nisa u rġiel
- Bilanċ bejn il-ħajja privata u professjonali
- Rappreżentazzjoni ugwali fil-pożizzjonijiet ta' teħid ta'deċiżjonijiet
- It-twaqqif ta' kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-irġiel
- It-tneħħija ta'sterjotipi ibbażati fuq il-ġeneru
- Promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kemm fl-estern kif ukoll fl-iżvilupp politiku

Li s-soċjeta' Maltija tilħaq ugwaljanza bejn il-ġeneri (*de facto*) hija sfida. Sforzi nazzjonali saru bl-għan li jinkoraġġixxu ż-żieda tan-nisa fl-ekonomija formali, per eżempju ingħatat importanza għall-miżuri favur il-familja (*leave* ta' urġenza għall-familja, *leave* għall-ġenituri u *leave* għall-adozzjoni, sigħat imnaqqsa u flessibilta' fis-sigħat tax-xogħol eċċ.) kemm fis-Settur Pubbliku kif ukoll f'dak privat. Dawn il-miżuri kienu ta'siwi, għaliex bħal ma turi ċar riċerka lokali stess, ħafna min-nisa minn dejjem riedu jaħdmu dment li jkollhom bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. L-istudju '*Women and Work – findings from a study on the work aspirations of Maltese women*' li sar mill-ETC fl-2007, in-nisa (kemm dawk impjegati u kif ukoll dawk li ma jaħdmux) li ipparteċipaw qajmu diversi punti importanti, fosthom siegħat favur il-familja, *leave* għall-familja, arranġamenti fiskali, kundizzjonijiet tajba fuq il-post tax-xogħol u l-possibilita' li jaħdmu mid-dar. Fatturi oħra li ssemmew kienu pagi deċenti u l-possibilta' ta' promozzjoni.

Iż-żieda tas-sehem tan-nisa fid-dinja tax-xogħol ikollha impatt pożittiv fuq l-ekonomija Maltija, anka fost affarijiet oħra minħabba li jikkontrobwixxu għal soċjeta' b'saħħitha, aktar edukattiva u li fiha jinħoloq aktar ġid.

Saru diversi studji biex jevalwaw is-sitwazzjoni tan-nisa Maltin, f'dak li għandu x'jaqsam ma' responsabbilta' tal-familja u xogħol. Kmieni din is-sena l-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa flimkien ma' l-Uffiċju Nazzjonali ta' l-Istatistika ippublikaw

studju bl-isem '*Perceived obstacles to the participation of women in decision-making positions*'. L-għan prinċipali ta' dan l-istudju kien li jagħraf l-ixkiel li jaffaċjaw dawn in-nisa f'xogħlijiet li jirrikjedu teħid ta' deċizjonijiet kemm f'setturi politiċi, ekonomiċi u soċjali. Meta ġew mistoqsija biex jidentifikaw liema huma dawn l-ostakli, 84% ta' dawn in-nisa qalu r-responsabbilta' tat-tfal, 82% qalu li n-nuqqas ta' appoġġ mis-sieħeb, 30% jaħsbu li l-fatt li tkun mara ipoġġik f'pożizzjoni żvantaġġjata biex tieħu xogħol ta' kariga għolja. Huwa maħsub li fil-futur qarib aktar nisa se jkollhom xogħol ta' pożizzjoni għolja, għaliex fil-preżent in-nisa jammontaw għal aktar min-nofs l-istudenti fil-livell ta' edukazzjoni terzjarja.

Meta wieħed iħares lejn is-settur edukattiv, in-numru ta' l-istudenti femminili f'livell terzjarju qiegħed jiżdied. Fil-fatt dan huwa fattur komuni fl-iStati Membri, b'Malta inkluża mingħajr eċċezzjoni. Fl-2005, kien hemm persentaġġ aktar għoli ta' bniet milli subien fil-livell primarju – 32% u 25%[4] rispettivament. Mill-2000 sa l-2005 kien hemm 9% żieda fin-numru ta' nisa b'livell edukattiv terzjarju. Fil-fatt il-persentaġġ ta' nisa gradwati fl-2006 kien dak ta' 57.5%.[5]

Il-*Labour Force Survey* (April-Ġunju 2007) juri s-sitwazzjoni preżenti fid-dinja tax-xogħol, u d-differenza kbira bejn in-numru ta' nisa u rġiel li jaħdmu: 74% irġiel u 36.8% nisa – li tirrifletti differenza ta' 37.8% bejn il-ġeneri. Statistika demografika turi li l-akbar kategorija ta' irġiel jaħdmu hija dik bejn il-45 u 54 sena filwaqt li għan-nisa hija dik bejn il-25 u 34 sena. Barra minn hekk f'dan l-istess dokument toħroġ ċara d-differenza bejn in-nisa u l-irġiel fis-setturi differenti ta'impjiegi. Per eżempju, n-nisa jaqbżu l-irġiel fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fis-servizzi soċjali u fis-servizzi personali. F'setturi oħra irġiel u nisa jipparteċipaw fuq bażi ugwali imma fuq livelli ta' xogħlijiet differenti, per eżempju, fis-settur tat-turiżmu (irġiel 8%, nisa 8.2%) xogħlijiet relatati ma' xiri, kiri u kummerċ ta' propjeta' (irġiel 7.1%, nisa 7.6%)[6]

---

[4] NSO – News Release: International Women's Day 2007
[5] L-Universita' ta' Malta – office of the Registrar
[6] Dan il-persentaġġ ikkalkulat in-numru totali t'impjegati fis-settur speċifiku fuq it-total t'impjegati kollha f'kull settur kif jidhru fil-Labour Force Survey 2007

| Attivita' Ekonomika | Irġiel | | | Nisa | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Numru* | *%* | *Salarju Medju** *Lm* | *Numru* | *%* | *Salarju Medju** *Lm* |
| Edukazzjoni | 4,671 | 4.50% | 6,666.89 | 8,009 | 15.70% | 5,566.16 |
| Saħħa u Xogħol fis-Settur Soċjali | 5,677 | 5.40% | 6,285.03 | 6,322 | 12.40% | 4,708.83 |
| Attivitajiet oħra fil-kommunita', servizzi soċjali u personali | 3,561 | 3.40% | 6,197.31 | 2,807 | 5.50% | 3,382.08 |

*Salarju medju ma jinkludix lil dawk li jaħdmu għal rashom.

Illum il-ġurnata n-nisa huma mħeġġa jieħdu sehem sħiħ fis-settur ta' l-intrapriża. Fl-2005 total ta' 20,380 ruħ kienu impjegati għal rashom (kemm dawk bl-impjegati magħhom kif ukoll dawk mingħajr). Dan jammonta għall-13.7% tal-ħaddiema kollha, fejn 86.5% huma irġiel u 13.5% nisa. Bejn is-sena 2000 u 2005 kien hemm żieda ta' 11.2% f'ħaddiema li jaħdmu għal rashom, 10.8% irġiel u 5.2% nisa. Fit-tieni kwart ta' l-2007, il-persentaġġ ta' nisa u rġiel li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati magħhom kien dak ta' 10.3% u 6.5% rispettivament[7]. Il-Gvern impenja ruħu biex joħloq strutturi li joffru opportunitajiet permezz ta' taħriġ speċifiku u tagħlim fuq preparazzjoni ta' *'business plan'* u faċilitajiet tal-*micro-credit*, lil dawk li huma mħajra jieħdu sehem fis-settur ta' l-intrapriża fil-futur[8].

Għalkemm in-nisa jaqbżu lill-irġiel f'diversi setturi, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri xorta tiddomina u tibqa' tidher ċara fil-*Labour Force Survey* ta' l-2007. Il-Kummissjoni Ewropea stqarret li waħda mill-problemi relatati mad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija l-'*glass ceiling*', għaliex tagħmilha aktar diffiċli għan-nisa biex ikollhom xogħol ta' kariga għolja u fl-istess ħin ikollhom ir-responsabbilta' tal-familja, apparti l-fatt li x-xogħlijiet li jagħmlu n-nisa huma imħallsa inqas[9]. Il-

[7] Labour Force Survey: April-June 2007
[8] Il-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW) – r-raba' rapport għal Malta 2007
[9] http://news.bbc.co.uk/2/hi/europe/6904434.stm

Programm ta' Riforma Nazzjonali (2005-2008) lokali, huwa l-impenn ta' Malta biex ikun hemm kompettitivita' garantita kif ukoll tkabbir fl-ekonomija u f'opportunitajiet ta' xogħol skond l-Istrateġija ta' Liżbona li tikkonferma il-miri Maltin għall-2010. Waħda minn dawn il-miri hi li r-rata ta' nisa jaħdmu titla' b'7% u b'hekk titla' għal 41%.[10]

Il-Gvern qed jimmira biex jintroduċi politika għal dawk in-nisa li, l-istess bħall-irġiel jgħaddu minn fażijiet differenti matul il-ħajja. Għalhekk id-direzzjoni politika fil-preżent hi immirata lejn l-introduzzjoni ta' strutturi sistematiċi biex jindirizzaw il-bżonnijiet tan-nisa kemm mill-bidu li jsiru ommijiet sa aktar tard fiż-żmien. Qed tingħata wkoll attenzjoni fuq l-irwol tal-missier fil-familja. Il-missirijiet huma mħeġġin biex jagħmlu użu mill-*parental leave* u biex jgħinu kemm fix-xogħol tad-dar kif ukoll fit-trobbija ta' uliedhom. Infetħu wkoll faċilitajiet għall-kura u ż-żamma tat-tfal sabiex titnaqqas dik il-mentalita' tal-kultura Maltija li t-tfal huma r-responsabbilta' ta' l-ommijiet biss.

Huwa fattur fundamentali li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jimmiraw għall-bilanċ bejn ir-responsabbilta' tal-familja u tal-ħajja professjonali, sabiex b'hekk in-nisa ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali daqs l-irġiel fid-dinja tax-xogħol.

### 1.2. <u>Razza</u>

F'dawn l-aħħar snin kien hemm żviluppi importanti fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, biex tinqered kull tip ta' diskiriminazzjoni u biex tiżgura opportunitajiet indaqs għal kulħadd, kemm f'termini ta' liġijiet kif ukoll f'politika. Fil-fatt, l-għanijiet kurrenti tal-Kummissjoni Ewropea huma li jeqirdu d-diskriminazzjoni, jiċċelebraw id-diversita' u jippromwovu opportunitajiet ugwali għal kulħadd. Għal dan il-għan is-sena 2007 kienet is-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għall-Kulħadd fejn saru ħafna attivitajiet u proġetti ma' l-Ewropa kollha. Wieħed mis-suġġetti partikolari li ssemma kien id-diversita' fuq il-post tax-xogħol.

---

[10] Programm ta' Riforma Nazzjonali – *Malta's Strategy for Growth and Jobs* 2005-2008

Id-diversita' tista' iġġib bosta benefiċċji fuq il-post tax-xogħol. Aktar ma jgħaddi żmien aktar kumpaniji qed jirrealizzaw li d-diversita' mhix argument morali jew kwistjoni ta' obbligi legali. Id-diversita' fuq il-post tax-xogħol hija aspett ta' perspettivi u ideat differenti. '*The Business Case for Diversity – Good Practices in the Workplace' (2005)*[11], huwa rapport ikkummisjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea. Dan ir-rapport juri kif kumpaniji fl-Ewropa qed jimplimentaw politika ta' diversita' għal raġunijiet legali, ekonomiċi u ta' etika. Saru ħafna kwestjonarji u intervisti dettaljati fost il-membri tal-*European Business Test Panel* (EBTP) – *panel* ta' madwar 3,000 kumpaniji kummerċjali mill-25 Stat Membru ta' l-UE. Minn dan l-istudju ħarġu diversi fatturi pożittivi, fosthom bdil kulturali, titjib fid-diversita' u taħlit kulturali, żieda t'opportunitajiet fil-kummerċ kif ukoll stampa partikolari għal dik il-kumpanija speċifika. Din ir-riċerka turi wkoll tibdil ma' dak li għandu x'jaqsam ma' demografija (rata baxxa ta' twelid, popolazzjoni qegħda tixjiħ, u tnaqqis fl-impjiegi) u dan ifisser li fiż-żminijiet li ġejjin, ħafna kumpaniji għandhom jikkunsidraw aktar id-diversita' fl-impjegati tagħhom biex b'hekk jaqdu aktar faċilment il-bżonnijiet ta' reklutaġġ tagħhom, inkluż ukoll l-għoti ta' xogħol 'l barra minn xtuthom.

Min-naħa l-oħra wieħed ma jistax jelimina l-fatt li d-diskriminazzjoni ma teżistix. Fi studju li sar mill-*Euro Barometer*[12], eluf ta' nies fl-UE ġew mistoqsija jekk f'pajjiżhom hemmx tipi differenti ta' diskriminazzjoni. Riżultati li ġew ippublikati kmieni din is-sena juru li ħafna ċittadni Ewropej iħossu li diskriminazzjoni hi mifruxa, u barra minn hekk jaħsbu li fatturi bħal etniċita', eta' u diżabilita' huma ta' xkiel biex wieħed isib xogħol. Fil-fatt ċittadini Ewropej jaħsbu li l-oriġini etnika hija l-aktar suġġett espost għal diskriminazzjoni u 64% jaħsbu li din it-tip ta' diskriminazzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom. Kważi nofs dawk li kienu intervistati (45%) iħossu li l-oriġini etnika tista' tkun ta' żvantaġġ għal tfittxija ta' xogħol.

---

[11] http://ec.europa.eu/employment_social/fundamental_rights/pdf/events/busicase_en.pdf
[12] http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_263_sum_en.pdf

Id-diversita’ etnika hija preżenti f’ħafna mill-iStati Membri Ewropej u se tiżdied fis-snin li ġejjin. Mit-Trattat ta’ Amsterdam mill-1999, ġew fis-seħħ numru ta’ Direttivi Ewropej ġodda fil-qasam ta’ l-anti-diskriminazzjoni. Fis-sena 2000, ġew fis-seħħ ‘*Id-Direttiva li timplimenta il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuna irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċita’* (2000/43/EC) u ‘*Trattament Ugwali fuq il-Post tax-Xogħol’* (2000/78/EC). Dawn iż-żewġ direttivi jiddefinixxu sett ta’ prinċipji li joffru ‘l kulħadd fl-Unjoni Ewropea livell minimu ta’ protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni. Id-Direttiva li titratta oriġini razzjali, titratta fatturi relatati ma’ razza u oriġini etinika, filwaqt li d-direttiva ta’ Trattament Ugwali fuq il-post tax-xogħol titratta fatturi li għandhom x’jaqsmu ma’ reliġjon jew twemmin, diżabilita’, eta’ u orjentazzjoni sesswali. Iż-żewġ direttivi jipprovdu trattament ugwali fil-qasam ta’ xogħol kemm f’dak privat u kemm f’dak pubbliku, kundizzjonijiet ta’ xogħol, inkluż pagi, taħriġ vokazzjonali, promozzjonijiet, tkeċċija minn fuq il-post tax-xogħol u sehem f’Unions jew assoċjazzjonijiet oħra li għandhom x’jaqsmu mal-ħaddiema. Dawn id-direttivi ma jaċċettawx diskriminazzjoni diretta u indiretta.

F’Malta, l-Avviż Legali 85 ta’ l-2007, *Trattament Indaqs ta’ Persuni* li ġie adattat mid-Direttiva 2000/43/EC, kienet ippublikata f’April u tinkludi il-proviżjonijiet legali li m’għandhomx x’jaqsmu ma’ xogħol. Dawn huma, protezzjoni soċjali li tinkludi s-sigurta’ soċjali u kura tas-saħħa, vantaġġi soċjali, edukazzjoni, aċċess għal u provvista ta’oġġetti u servizzi li huma disponibbli għall-pubbliku, inklużi d-djar u aċċess għall kull servizz ieħor skond ma jiġi msemmi bil-liġi għall-finijiet ta’ dan l-Ordni. Min-naħa l-oħra l-Avviż Legali 338 ta’ l-2007 *Trattament Ugwali fuq il-post tax-xogħol* (Emenda) (Num.2) *Regolazzjoni* toħrog il-proviżjonijiet legali relatati ma’ xogħol, li joħorġu wkoll mid-direttivi 2000/43/EC u 2000/78/EC.

L-akbar sfida f’Malta hija li kontinwament ikun hawn kuxjenza dwar trattament ugwali u drittijiet legali, ħidma sħiħa kontra t-twaqqif ta’ kull tip ta’ sterjotipi razzjali u dawk relatati ma’ ġeneru, żieda fit-taħriġ, tagħlim u żvilupp rigward dawn iż-żewġ suġġetti imsemmija.

# 2. Xogħol li wettqet il-Kummissjoni matul l-2007

## 2.1. Sunt tax-xogħol li sar fl-2007

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ġiet stabbilita' bħala l-entita li tieħu ħsieb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'Jannar ta' l-2004, skond il-liġi, Kap 456 – *Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa*. Barra minn hekk l-NCPE wessgħat ir-responsabbiltajiet tagħha skond kif inhu mniżżel fl-Avviż Legali Numru 85 – Ordni ta' l-2007 dwar *Trattament Indaqs ta' Persuni*. Qabel żiedet din ir-responsabilta' l-NCPE kellha x'taqsam mar-responsabbiltajiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u dawk tal-familja, madankollu minn din is sena ir responsabbiltajiet dwar il-provizjoni ta' oġġetti u servizzi fil-qasam ta' razza u oriġini etnika se jibda jaqa' taħt il-Kummissjoni.

Fl-2007 kien hemm liġijiet oħra li ġew fis-seħħ u li jagħtu importanza biex is-soċjeta' tkun aktar inklużiva u tħaddan l-ugwaljanza u ma tittolerax diskriminazzjoni fl-ebda qasam.

- A.L. 86 – Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li jimpjegaw lilhom infushom u l-Okkupazzjoni.

L-għan prinċipali ta' dan l-Avviż Legali huwa li jkun hemm trattament ugwali kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' impjieg u kif ukoll dak li għandu x'jaqsam f'aċċess ta' impjieg ta' persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew għall-okkupazzjoni. Dan l-Avviż Legali isemmi r-rekwiżisti minimi li għandhom ikunu infurzati biex tigi miġġilda id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin, dizabilta', eta', orjentazzjoni sesswali, razza jew oriġini etnika.

- A.L. 338 – Trattament Ugwali fuq l-Impjiegi

Dan l-Avviż Legali jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali sabiex jingħataw definizzjonijiet ġodda, bħal per eżempju, fastidju sesswali bħala trattament diskriminatorju u 'sess' bħala bażi ta' diskriminazzjoni.

- A.L. 260 – jiffoka fuq ir-rekwiżiti ta' kriterji u prattiċi li huma applikabli għal dawk in-nies b'diżabilita' u kif jidhru fix-xandir.
- A.L. 413 – jenfasizza r-rekwiżiti ta' kriterji u prattiċi fuq il-promozzjoni t'ugwaljanza razzjali.
- A.L. 730 – tippreżenta r-rekwiżiti ta' kriterji u prattiċi applikabbli għal parteċipazzjoni għal persuni vulnerabbli fil-programmi fuq il-medja.

Dan l-Avviż Legali jwettaq ir-rekwiżiti u jagħti linji ta' gwida fuq kontenut ta' programmi u *broadcasting standards* biex b'hekk jassistu l-produtturi lokali biex jagħtu representazzjoni inklużiva lill-persuni vulnerabbli u dawk b'diżabilita', kif ukoll promozzjoni ta' ugwaljanza fuq bażi ta' razza.

Ix-xogħol tal-Kummissjoni huwa mifrux. Parti minn dan ix-xogħol li tagħmel l-NCPE huwa li tiżgura li l-imsieħba soċjali kollha, ikunu miżmuma infurmati fuq kull żvilupp possibli u barra minn hekk dejjem tkompli twessgħa il-kuntatti li għandha ma' *stakeholders* kemm dawk privati u pubbliċi kif ukoll ma' dipartimenti tal-Gvern, NGOs u sħab soċjali kemm fuq livell nazzjonali u sew dak internazzjonali. Barra minn hekk NCPE tagħti s-suġġerimenti tagħha fuq oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet tagħha dwar l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni. Il-Kummissjoni taħdem kemm mas-settur pubbliku kif ukoll ma' dak privat biex ikun hemm uniformita' f'kif isiru d-diskussjonijiet.

Eżempji ta' suġġetti li ġew diskussi din is-sena kienu:

- L-użu ta' nomenklatura li tinkludi ż-żewġ ġeneri fil-Formoli Uffiċjali tal-Gvern;
- Appoġġ fuq l-inizjattiva ta' *teleworking;*
- Promozzjoni ta' soċjeta' inklużiva;
- Kif inżommu l-importanza ta' l-ugwaljanza fl-aġenda nazzjonali;
- Titjib tal-miżuri favur il-familja fis-settur pubbliku;

- Pariri lill-kumpaniji fis-settur privat li riedu jimplimentaw politika dwar fastidju sesswali;
- Tqassim ta' informazzjoni fil-Kumitati ta' l-Ugwaljanza fis-settur pubbliku.
- Sorveljar u azzjoni dwar is-sitwazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet bħal fil-każ tan-nominazzjonijiet ta' Malta għal maġistrati fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-każ, l-NCPE uriet li ma ħaditx gost bil-fatt li ma ġewx identifikati kandidati nisa.

Parti importanti ħafna mix-xogħol tal-Kummissjoni hija t-taħriġ. Diversi sessjonijiet ta' taħriġ saru kemm għall-impjegati tal-Kummissjoni kif ukoll għal pubbliku. Dawn is-sessjonijiet kienu jinkludu l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, fastidju sesswali, tagħlim interkulturali, għarfien fuq l-oqsma ta' ġeneru u razza, liġijiet u ir-responsabbiltajiet ta' l-NCPE stess. Permezz ta' seminars u *workshops* li saru, ġew diskussi diversi suġetti importanti ma' gruppi ta' nies differenti.

Taħriġ, ħolqien ta' għarfien, u tqassim ta' informazzjoni, huma mezzi effettivi sabiex jegħlbu l-ostakli u jipprovdu s-soċjeta' Maltija bil-mezzi neċessarji biex tifhem aħjar il-bdil fl-irwoli tan-nisa fis-soċjeta' fosthom dawk in-nisa li jaħdmu, bidla demografika u żieda fid-diversita' kulturali u etnika, etċ. Dawn l-oqsma iridu jiġu aċċettati u miftehma aktar.

Barra minn hekk għan ieħor tal-Kummissjoni huwa l-promozzjoni. Fl-2007 permezz tal-medja li intużat fil-proġetti, il-Kummissjoni irnexxilha twassal il-messaġġ ta' ugwaljanza lill-pubbliku Malti kollu. F'sezzjoni 5 hemm deskrizzjoni dettaljata fuq l-attivitajiet li saru f'kull proġett.

Matul is-sena, il-Kummissjoni ħadmet ukoll fuq l-istrateġija ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi f'kull livell tas-soċjeta'. Dan se jkun diskuss fis-sezzjoni li jmiss.

Ix-xogħol tal-Kummissjoni tagħti l-kontribut tagħha fix-xogħol ta' l-EU b'żewġ modi: tagħti s-suġġerimenti tagħha fuq Direttivi Ewropej u fuq *policies* li jkunu se jidħlu jagħmlu parti mill-liġijiet nazzjonali kif ukoll tieħu sehem attiv, f'isem Malta f'diversi kumitati u laqgħat Ewropej.

L-investigazzjoni ta' lmenti fuq aġir diskriminatorju (fastidju sesswali u diskriminazzjoni diretta u indiretta) hija parti importanti mix-xogħol tal-Kummissjoni. Każijiet irrapurtati l-Kummissjoni jiġu investigati u skond r-riċerka li ssir jittieħdu passi biex jgħinu lill-vittma. Barra minn hekk meta b'mod indirett il-Kummissjoni ssir taf fuq sitwazzjonijiet inaċċettabli, tibda tinvestiga u tieħu azzjoni biex dawn l-atti diskriminatorji ma jsirux aktar.

## 2.2. Direzzjoni Politika

Ix-xogħol tal-Kummissjoni kien mill-bidu nett tagħha mibni fuq azzjonijiet prattiċi li jiżguraw li dak ix-xogħol li qed tagħmel hu mibni fuq bażi soda. Dawn l-azzjonijiet issarfu fi strateġiji u inizzjattivi differenti bl-għan li l-irġiel u n-nisa ta' liema livell ekonomiku, edukattiv u soċjali huma, jiġu konxji tal-politika li tippromovi u tmexxi l-Kummissjoni. Barra minn hekk l-NCPE issostni l-importanza tal-parteċipazzjoni tas-soċjeta' Maltija fil-bidliet li qed isiru.

Madankollu, l-implimentazzjoni ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-miżuri favur il-familja, l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol, it-tneħħija ta' l-isterjotipi, l-inċentivi għan-nisa biex jieħdu sehem attiv fid-dinja ekonomika u politika kif ukoll l-importanza ta' l-irġiel fl-indukrar għad hemm ħafna x'jista' jsir fuqhom. Dawn huma kollha parti mix-xogħol futur tal-Kummissjoni.

Minn meta seħħ it-tkabbir fir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, id-direzzjoni politika futura, tinkludi wkoll azzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni: għarfien dwar diskriminazzjoni u xenofobija, promozzjoni tad-diversita' u sensittivita' kulturali. Fil-fatt f'Malta saru diversi żviluppi biex ikun hemm opportunitajiet ugwali għal

kulħadd u biex il-liġi Nazzjonali tkun fuq l-istess livell mal-liġi ta' l-anti-diskriminazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Hekk kif sar matul l-2007, il-Kummissjoni beħsiebha tibqa' tintegra l-perspettiva tal-ġeneru fis-setturi differenti tas-soċjeta' Maltija, se tintroduċi politika biex tipproteġi persuni vulnerabbli u tissorvelja din l-istess politika biex tiżgura li l-ugwaljanza tkun verament qed tiġi prattikata.

It-temi prinċipali li se jkunu parti mid-direzzjoni politika ta' l-NCPE se jinkludu:

- L-ugwaljanza bħala parti kontinwa fl-Aġenda Nazzjonali
- Promozzjoni ta' soċjeta' inklużiva u li taċċetta d-diversita'
- Ħidma mmirata lejn tipi differenti ta' diskriminazzjoni

Azzjonijiet oħra jinkludu:

**Verifika**

- Issir verifika tas-sitwazzjoni preżenti rigward id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza/oriġini etnika u ġeneru/responsabbiltajiet familjari. Barra minn hekk isir ukoll studju fuq aspirazzjonijiet li ntlaħqu kif ukoll fuq punti li għad iridu jiġu indirizzati;

***Networking***

- Tkabbir tar-relazzjonijiet kemm fuq livell nazzjonali dawk internazzjonali u wkoll tisħiħ fir-relazzjonijiet ma' msieħba soċjali, NGOs, Kunsilli Lokali u entitajiet pubbliċi u privati, etc;

**Leġislazzjoni**

- Sorveljar, reviżjoni u suġġerimenti għall-emendi li jkun hemm bżonn fil-liġijiet biex jimplimentaw politika inklużiva f'kull qasam tat-teħid tad-deċiżjonijiet (infrastruttura, finanzi, impjieg, saħħa, edukazzjoni u ambjent).

**Riċerka**

- Koperazzjoni ma' entitajiet oħra biex nidentifikaw id-differenzi fl-għarfien;
- Riċerka interna
- Organizzazzjoni u ġbir ta' informazzjoni
- Identifikazzjoni u żvilupp ta' indikaturi biex jintużaw bħala miri

**Taħriġ u ħolqien ta' għarfien**

- Taħriġ ma' *stakeholders* differenti biex ikun hemm għarfien inter-kulturali, sensittivita kulturali, integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, lingwaġġ inklussiv, miżuri favur il-familja fis-settur privat, eċċ
- Trawwim tal-kapaċita' fost il-Kumitati Governattivi ta' l-Ugwaljanza u fost l-impjegati ta' l-NCPE stess
- Żieda ta' kuxjenza fuq il-mezzi tax-xandir, bħal kampanji ta' informazzjoni, reklamar, programmi tar-radju u dawk televiżivi, u stampa.

**Amministrazzjoni**

- Inizzjattivi ġodda; titjib fil-proċeduri;
- Tisħiħ fil-qasam tal-ilmenti minħabba t-tkabbir fir-responsabbiltajiet.

## 2.3. L-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-sessi

Ix-xogħol li tagħmel il-Kummissjoni fuq ġeneru huwa ibbażat fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi: Fil-fatt il-proġetti, politika, riċerka, is-sehem fil-medja u azzjonijiet oħra ilkoll imxew fuq dan il-prinċipju. Barra minn hekk ħafna mill-proġetti li kienet fihom il-Kummissjoni jew li mexxiet fl-2007, kellhom x'jaqsmu direttament ma' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi dan il-kunċett hekk:

*'…l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru f'kull stadju tal-proċess politiku – disinn, implimentazzjoni, sorveljar u evalwazzjoni – bil-għan li jkun hemm ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Ifisser ukoll l-impatt ta' din il-politika fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa – u r-responsabbilta' biex terġa tinfetaħ diskussjoni dwarhom jekk ikun hemm il-bżonn.'*

Fost l-inizjattivi differenti li saħqu l-importanza ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi matul is-sena kienu dawn:

- Saru laqgħat u konferenzi kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell internazzjonali bl-għan speċifiku biex tiġi diskussa l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. F'dawn il-laqgħat issemmew eżempji tajbin fosthom l-implimentazzjoni ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u miżuri favur il-familja.
- Saru wkoll Sessjonijiet ta' Taħriġ bħala parti mill-proġett 'Inwasslu l-Ugwaljanza fil-Komunitajiet Lokali', li l-għan tiegħu kien immirat għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-NGOs u Kunsilli Lokali. Ingħataw tipi differenti ta' taħriġ fejn it-tema ċentrali kienet dik ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Bħala parti mill-istess proġett, saru sessjonijiet ta' taħriġ għad-delegati tal-Kunsilli Lokali u għas-Segretarji Eżekuttivi kollha ta' dawn il-Kunsilli f'Malta u Għawdex.
- Il-proġett UNESCO Malta: 'Id-Differenza bejn is-Sessi fil-Qasam tax-Xjenza u t-Teknoloġija f'Malta – Nindirizzaw is-sitwazzjoni', kellu żewġ skopijiet. L-ewwel skop kien il-ġbir ta' statistika u informazzjoni rigward differenzi bejn il-ġeneri fil-qasam ta' xjenza u teknoloġija. It-tieni skop kien biex ikun hemm kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali, l-aktar fost l-istudenti bniet u l-ġenituri tagħhom, rigward il-karriera li jista' jkollhom uliedhom fl-oqsma ta' xjenza u tekonoloġija. Diversi nisa li ġa qegħdin jaħdmu f'dawn l-oqsma imsemmija qasmu l-esperjenza tagħhom ma' dawn l-istudenti.
- L-għan tal-proġett 'Niffaċilitaw l-Ugwaljanza bl-Edukazzjoni' (FETE) kellu l-għan biex jikkoreġi l-irwoli tal-ġeneri fis-sistema formali edukattiva f'dak iż-

żmien partikolari meta l-istudenti ikunu qed jaspiraw għal xi tip ta' xogħol. Dan huwa ż-żmien ukoll li jinfluwenzaw ruħhom min-nies akbar minnhom aktar milli mill-interessi u l-kapaċitajiet tagħhom infushom. L-għan ta' dan il-proġett kien li joħloq kuxjenza fost dawk il-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet, għalliema u studenti, dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ b'responsabbilta' ugwali bejn ix-xogħol u l-familja, kif ukoll lingwa inkluživa. Il-proġett saħħaħ l-għarfien fost it-tfal dwar oqsma relatati ma' ġeneru, permezz ta' kompetizzjonijiet dwar l-irwoli fil-familja b'mod mhux tradizzjonali. Saru wkoll slots fil-programmi tat-tfal fuq it-televiżjoni u t-tqassim ta' materjal edukattiv fl-iskejjel.

- Saret ukoll riċerka relatata ma' l-oqsma tal-ġeneru; il-proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza f'Komunitajiet Lokali*"* inkluda wkoll riċerka mill-ħames pajjiżi li jagħmlu parti mill-proġett, dwar eżempji tajbin fuq l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-kommunita. Bħala parti mill-proġett AGEnder, sar l-istudju '*L-aspett tal-ġeneri f'Malta: nisa fuq l-erbgħin sena li huma mingħajr impjieg u s-settur tat-Turiżmu*'.
- Fil-proġett 'L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali' – FSE No.46, l-aspett ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi ġie indirizzat minn perspettiva legali. L-għan ta' dan il-proġett kien biex ikun hemm żieda fil-parteċipazzjoni u l-avvanz taż-żewġ ġeneri fis-suq tax-xogħol. Dan sar permezz ta' tibdil f'kodiċi u atti fil-liġi Maltija. Ħarġu diversi rakkomandazzjonijiet minn dan il-proġett fosthom kif ikun hemm l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kodiċi u kif inġibu l-liġi Maltija fuq l-istess livell tad-direttivi Ewropej. Għan ieħor ta' dan il-proġett kien l-iżvilupp ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq livell nazzjonali, ħolqien ta' kuxjenza dwar dawn il-prinċipji fost: leġislaturi, dawk li joffru servizz legali u dawk li jaħdmu fil qasam tar-Riżorsi Umani.
- Il-Kummissjoni għamlet is-suġġerimenti tagħha dwar bosta dokumenti matul l-2007, biex permezz t'hekk tiżgura li l-perspettiva tal-ġeneri tkun mogħtija l-attenzjoni mistħoqqa.

- Saru diversi intervisti u diskussjonijiet relatati mas-suġġett tal-ġeneru fuq programmi tar-radju u tat-televiżjoni, kif ukoll reklami;
- Il-Kummissjoni użat ħafna ir-reklami u mezzi oħra tax-xandir f'bosta proġetti. L-NCPE tiżgura li kull reklam ikun jinkludi ż-żewġ ġeneri u joffru opportunijiet indaqs.
- Il-Kummissjoni wieġbet għal diversi kwestjonarji li rċeviet fosthom dak mill-Presidenza Portugiża (bejn Lulju u Diċembru 2007) rigward Nisa u Faqar.
- F'kull ministeru u dipartiment tal-Gvern hemm Kumitat ta' l-Ugwaljanza li huwa responsabbli biex jippromwovi l-ugwaljanza tal-ġeneri f'setturi diversi, kif ukoll joħloq inizzjattivi u jaħdem ma' l-NCPE fuq ilmenti kif ukoll oqsma relatati mal-ġeneru. Dawn il-kumitati saru responsabbli wkoll għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza u non-diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u oriġini etnika minn mindu l-NCPE żiedet ir-responsabbilta' tagħha skond l-Att Legali 85 – *Trattament Indaqs ta' Persuni*. Dawn il-Kumitati ikunu infurmati mill-NCPE, dwar obligazzjonijiet li jiġu emendati skond il-liġi Maltija, bħal per eżempju Kap 452 – *Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali*.

## 2.4. L-Ugwaljanza fil-Kuntest ta' l-Unjoni Ewropea

- Din is-sena ix-xogħol iffoka fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplementa l-principju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. L-NCPE ħadmet ma' entitajiet varji sabiex tiżen il-possibilta' li titlob deroga, kif fil-fatt previst taħt id-Direttiva stess. L-NCPE qieset l-opinjonijiet kollha u tat il-parir tagħha lill-Ministeru konċernat.
- Barra minn hekk, l-NCPE għamlet studju tal- liġijiet lokali dwar ugwaljanza bejn is-sessi u bejn ir-razzez vis-à-vis il-liġijiet Ewropej f'dan ir-rgiward u ppreparat rapporti li juru kif dawn il-ligijiet jistgħu jigu mtejbin.

- L-NCPE tat ukoll l-opinjoni tagħha dwar numru ta' dokumenti diskussi fuq livell Ewropew. Dawn jinkludu:
- Memorandum dwar l-Opinjoni tal-Kummissjoni fir-rigward l-Artiklu 251 (2), tielet paragrafu, punt (c) tat-Trattat tal-KE dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew tal-pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill, dwar il-Proposta għal-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri;
- Opinjoni dwar l-abbozz tal-Kummissjoni Ewropea dwar riformi tal-liġi tax-xogħol;
- Noti għall-laqgħa EPSCO tat-22 ta' Frar 2007 dwar ir-rapport tal-Kumissjoni Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2007);
- Memoranda dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, Il-Kumitat Ewropew għall-Affarijiet Soċjali u Ekonomiċi u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar kif tiġi trattata il-qabża fil-pagi bejn l-Irġiel u n-Nisa;
- Risposta għall-kwestjonarju dwar il-Karta Soċjali Ewropea;
- Noti għall-laqgħa tal-grupp dwar il-kwistjonijiet soċjali rigward l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar bilanċ fir-rwoli ta' l-irġiel u n-nisa għall-Impjiegi, Tkabbir u l-Koeżjoni Soċjali;
- Noti għall-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet soċjali dwar ir-Revizjoni ta' l-Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, mill-Istati Membri u l-Istituzzjonjiet Ewropej – Indikaturi dwar in-Nisa u l-Faqar – Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill;
- Noti għal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, dwar l-Abbozz ta' Reżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-ħidma ta' wara s-Sena ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007);
- Opinjoni dwar inizjattiva dwar il-bżonn ta' reviżjoni tad-Direttiva 86/613/KEE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attivita', inkluż l-agrikoltura, f'ħidma għal-rashom, u l-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom matul it-tqala u l-maternita';

- Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-ftehim ta' qafas dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol.

## 2.5. Laqgħat/Konferenzi

### *2.5.1. Lokali*

16.01.07 – Il-grupp li jaħdem dwar il-miżuri favur il-familja organizza laqgħa biex jiddiskuti l-aħjar mod biex nimxu 'l quddiem fuq l-aħjar implimentazzjonijiet tal-miżuri favur il-familja mill-entitajiet kollha tas-Settur Pubbliku kif ġie deċiż matul id-diskors tal-Baġit.

23.01.07 – Il-Grupp Mużajk organizza laqgħa biex jiddiskuti t-tibdil ordnat u l-approvazzjoni mill-Entita` Nazzjonali ta' Implimentazzjoni.

24.01.07 – Fl-uffiċċju ta' l-NCPE saret il-laqgħa ta' l-imsieħba ta' l-*EQUAL* biex jiġi diskuss il-pjan ta' ħidma tal-proġett u l-informazzjoni li rċeviet dwar il-kwesjonarji dwar l-evalwazzjoni ta' l-*EQUAL*.

26.01.07 – L-ewwel laqgħa lilhinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali" ġiet organizzata biex tagħti deskrizzjoni qasira ta' l-objettiv tal-Proġett, il-funzjonijiet ta' l-imsieħba, il-metodoloġiji u r-riċerka.

26.01.07 – L-NCPE attendiet il-konferenza "*Enhancing Social Inclusion – Moving Forward Together*" organizzata mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjeta` Soċjali [MFSS].

09.02.07 – It-Tielet Konferenza Annwali ta' l-NCPE

L-NCPE organizzat it-Tielet Konferenza Annwali tagħha fid-9 ta' Frar fejn ġie ppreżentat ir-Rapport Annwali. Matul l-indirizz tagħha, l-Onorevoli Dolores Cristina enfasizzat l-impenn ta' l-NCPE lejn id-dominanza fl-ugwaljanza tal-ġeneru. Diskorsi oħra saru mill-Kummissarju u mid-Direttur Eżekuttiv. Finalment fil-konferenza saru tliet laqgħat għall-gruppi ta' diskussjoni, "*Becoming gender sensitive*…", "*Gender Mainstreaming – something old something new", u "2007 – Year of Equal Opportunities*".

21-22.02.07 – L-NCPE attendiet is-simpożju tal-*EuroMed* "*Partnership and Development in a Changing World*" li ġie organizzat mill-*Organisation de la Femme Arabe* u bil-kollaborazzjoni ta' l-MFSS.

20-22.02.07 – Ġiet organizzata laqgħa ta' studju tal-Proġett *EQUAL – EMPOWER* għall-aġenti Spanjoli ta' l-ugwaljanza fil-ġeneru. Ix-xogħol iffoka l-aktar madwar l-iżvilupp ta' l-għodda li ġiet prodotta mill-Proġett.

03.03.07 – Is-seminar "*Making Women's History Visible in Europe*" kien organizzat min-*Neolithia Foundation* u mmexxi mill-Kummissarju.

20.03.07 – L-NCPE attendiet laqgħa fuq l-Istrateġija Nazzjonali fuq Riċerka u Innovazzjoni. It-tema ewlenija ffukat fuq il-bżonn li għandha Malta biex ssir taf aktar dwar opportunitajiet ta' riċerka u innovazzjoni.

23.03.07 – Saret laqgħa ma' l-imsieħba kollha tal-Proġett UNESCO (l-NCPE, l-ETC u l-Universita` ta' Malta) biex jiġu diskussi l-komponenti li għad baqa'.

28.03.07 – L-NCPE ġiet mistiedna biex tkun parti mill-Kumitat Intergovernattiv fuq ir-Riċerka u l-Innovazzjoni *[IGC on R&I]* fejn il-qofol tad-diskussjoni hu l-isforz nazzjonali biex tiġi ppopolarizzata x-xjenza u biex jiżdiedu n-numru ta' gradwati fix-xjenza.

29.03.07 – Saret laqgħa mar-rappreżentanti ta' l-Uffiċċju li jieħu ħsieb l-affarjiet ta' l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Impjieg

biex jiġi diskuss ir-rappreżentant Malti fuq il-Kumitat *PROGRESS*. L-NCPE ma setgħetx titħalla fl-għama meta wieħed jikkunsidra li il-fondi għas-snin 2007-2013 għall-proġetti speċifikament fuq il-ġeneru u kontra d-diskriminazzjoni jaqgħu direttament taħt *PROGRESS*.

17.04.07 – L-MFSS organizza laqgħa dwar il-bidla għall-Ewro.

18.04.07 – Il-Grupp Mużajk – Magħqudin fid-diversita` organizza laqgħa biex jispjega l-bidliet li kellu jgħaddi minnhom il-Proġett biex jiġi aċċettat mill-Entita` Nazzjonali ta' Implimentazzjoni.

20.04.07 – Ġiet organizzata laqgħa madwar mejda f'lukanda lokali fejn saret diskussjoni dwar l-ugwaljanza u d-diżabilita`. Għal din il-laqgħa kien hemm attendenza numeruża mill-qasam tad-diżabilita`.

02.05.07 – L-NCPE iltaqgħet mal-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarjiet Soċjali biex jiddiskuti l-Proġett *EQUAL*.

04.05.07 – L-NCPE iltaqgħet mar-Rappreżentant Permanenti ta' l-Unjoni Ewropea tal-Partit Popolari.

08.05.07 – L-NCPE iltaqgħet mal-Kumitat tad-Drittijiet tan-Nisa tal-Parlamentari Ewropej.

10.05.07 – L-Entita` Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tal-Proġett Mużajk kellha laqgħa ma' l-NCPE fejn ġiet ippreżentata l-ittra tar-rabta.

14.05.07 – L-NCPE ipparteċipat fil-grupp ta' diskussjoni dwar ksib innovattiv.

16.05.07 – L-MFSS organizza laqgħa dwar l-HESC 116. Dan huwa n-numru li qed jiġi magħżul mill-Kummissjoni Ewropea bħala n-numru Ewropew għall-emerġenzi partikolari.

21.05.07 – L-NCPE iltaqgħet mal-Kap ta' l-*IMU (Information Management Unit)* ta' l-MFSS dwar id-Direttorju ta' Nies Professjonali biex dan isir disponibbli għall-Ministeri kollha ħalli l-persentaġġ ta' nisa fuq bordijiet u kummissjonijiet maħtura mill-Gvern ikun jista` jitjieb.

24.05.07 – L-NCPE iltaqgħet ma' l-Assoċċjazzjoni Maltija ta' l-Assikurazzjoni biex tiddiskuti d-deroga li ntalbet qabel ma tiġi implimentata d-Direttiva 2004/113/EC [merkanzija u servizzi].

24.05.07 – L-NCPE attendiet il-laqgħa informali li saret mill-Prim Ministru ma' l-organizazzjonijiet tan-nisa biex jiġu diskussi l-metodi u modi oħra ta' kif tiġi implimentata l-ugwaljanza fil-ġeneru.

06.06.07 – Saret laqgħa mar-Rappreżentant responsabbli mis-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007.

09.06.07 – Ġie organizzat seminar lokalment mir-Rappreżentant tal-Kunsill tar-Reġjuni bit-titlu *"Putting Children First".*

16.06.07 – L-NCPE tat preżentazzjoni matul it-tnedija tas-Sena għall-Opportunijiet Indaqs għal Kulħadd fejn saħqet l-iskop tal-proġett tal-Mużajk, li kien maħsub speċifikament għal din is-sena.

27.06.07 – Saret laqgħa bejn l-NCPE u l-Awtorita` tax-Xandir dwar il-linji ta' gwida fuq ġeneru li l-Awtorita` bi ħsiebha tippubblika aktar 'il quddiem.

05.07.07 – L-NCPE attendiet laqgħa dwar il-popolarizzazzjoni tax-xjenza.

17.07.07 – L-NCPE ġiet mistiedna biex tattendi laqgħa mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza biex jispjegaw ix-xogħol li qed isir, partikolarment fuq il-kwistjoni ta' razza.

18.07.07 – Il-Programmi ta' Operazzjoni [I u II] tal-PPCD *(Planning and Priorities Co-ordination Division)* ġew varati u l-NCPE ġiet mistiedna biex tattendi u

tagħmel emfasi fuq l-importanza ta' l-aspett tal-ġeneru fi proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

27.07.07 – Il-Proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali" ġie varat.

01.08.07 – L-NCPE attendiet laqgħa mtella' mis-Soċjeta` Ċivili ta' l-MCESD.

02.08.07 – Il-PPCD organizza laqgħa ta' infomazzjoni fuq l-FSE u l-NCPE offriet il-kontribuzzjoni tagħha fejn jidħol l-argument favur il-ġeneru.

24.08.07 – Saret laqgħa mal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Informatika biex jiġi żviluppat proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea dwar l-informatika u l-ġeneru.

04.09.07 – L-NCPE attendiet laqgħa ta' konsultazzjoni mill-Onorevoli Tonio Fenech dwar id-dokument ta' qabel il-Baġit.

06.09.07 – L-NCPE ġiet mistiedna biex tattendi laqgħa organizzata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar id-dokument ta' qabel il-Baġit.

14.09.07 – Id-Direttur Eżekuttiv tat preżentazzjoni fuq id-Direttiva 2002/73/EC fil-Kumitat Interministerjali fejn emfasizzat il-punt li l-NCPE qed tara li segwi l-obbligazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

27.07.07 – Ġie varat it-taħriġ offrut lid-delegati tal-Kunsilli Lokali li ħareġ mill-Proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali".

04.10.07 – L-NCPE attendiet konferenza bit-titlu *"Employment Challenges and Opportunities for Persons Experiencing Social Exclusion and Poverty"* organizzata mill-Grupp Ewropew kontra l-Faqar [l-EAPN] fejn ġiet ippreżentata riċerka bit-tema ta' l-impjieg u l-inklużjoni soċjali f'Malta.

10.10.07 – Saret laqgħa mad-Dipartiment ta' l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u fil-preżenza ta' l-Assoċjazzjoni ta' min iħaddem biex jiġu diskussi Kap 456 u Kap 452 tal-Liġi ta' Malta kif ukoll l-aħjar riferiment lill-vittmi b'każijiet ta' fastidju jew ibbuljar.

15.10.07 – L-NCPE tat preżentazzjoni lill-organizazzjonijiet mhux governattivi, dwar il-komponent lilhinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Proġett *EQUAL*, li qed jiġu mħarrġa kif jaċċessaw fondi mill-Unjoni Ewropea meta jiktbu l-proġetti.

16.10.07 – L-NCPE attendiet laqgħa mtella` mill-Onorevoli Dolores Cristina għall-kummissjonijiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha.

19.10.07 – Saret laqgħa mill-Kumitat ta' l-Ugwaljanza tal-Ministeru tas-Saħħa fejn ġew diskussi argumenti dwar is-saħħa u l-ġeneru.

09.11.07 – Ġiet organizzata laqgħa bejn l-NCPE, l-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (l-NCW) u l-*Malta Confederation of Women's Organisations* (l-MCWO) biex jiġi mfassal pjan dwar kif dawn it-tlett organizzazzjonijiet jistgħu jappoġġjaw il-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika fil-Ġurnata Internazzjonali kontra l-Vjolenza Domestika, ċċelebrata fil-25 ta' Novembru.

13.11.07 – Il-*Jesuit Refugee Services* stiednu lill-NCPE għall-attivita`marbuta mal-proġett għas-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs.

15.11.07 u 22.11.07 – L-NCPE organizzat taħrig, mnissel mill-Proġett Mużajk, għall-Manigers tar-Riżorsi Umani. Is-sessjonijiet koprew l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, id-diżabbilita`, il-ġeneru, l-eta` u r-reliġjon.

15.11.07 – Delegazzjoni Irlandiża intbagħtet tiltaqa' ma' l-NCPE mill-*Malta Enterprise* biex tiddiskuti kollaborazzjoni prospettiva għall-proġetti ta' l-Unjoni Ewropea.

16.11.07 u 17.11.07 – Saru sessjonijiet ta' taħrig kontra d-diskriminazzjoni u dwar id-diversita`, mnissla mill-Proġett *Human European Consultacy*, biex tintlaħaq udjenza mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u trejd unions.

15.10.07 – L-NCPE ġiet mistiedna biex tagħti preżentazzjoni bit-titlu *"The Maltese Equality Commission: Procedures in the event of a claim of Racial Discrimination"* matul is-seminar *"The EU Racial Equality Directive and its implications for Malta"* immirat għall-istudenti tal-liġi.

18.12.07 – L-NCPE kienet mistiedna biex tattendi l-Konferenza tat-Tmiem tas-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, imtella' mill-Entita' Nazzjonali ta' Implimentazzjoni.

19.12.07 – L-NCPE ġiet mistiedna biex tattendi s-seminar madwar mejda *"The Draft National Family Policy: Second Round of Consultations"* organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja.

### *2.5.2. Konferenzi barra minn Malta*

**Laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza [11-12.01.07, Berlin]**

Il-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli taħt il-Presidenza Ġermaniża iltaqgħet Berlin, il-Ġermanja. Matul il-Presidenza Ġermaniża, l-Indikaturi tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing (BpfA) fuq l-Edukazzjoni u t-Taħriġ ġew emfasizzati filwaqt li kien iċċirkolat abbozz ta' dokument li juri figuri attwali ta' kisbiet edukattivi varji ta' l-Istati Membri.

**Laqgħa għall-Promoturi tal-proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali" [19.01.07, Brussel]**

Il-laqgħa saret fi Brussel, il-Belġju fuq il-proġetti li huma ko-finanzjati.

**Varar tas-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs 2007 [30-31.01.07, Berlin]**

Il-Kummissarju kienet parti mid-delegazzjoni Ministerjali li attendiet għal din il-konferenza. Membru ieħor kien ukoll Berlin bħala r-rappreżentant nazzjonali tal-Kumitat Kontra d-Diskriminazzjoni.

**Il-Prinċipju ta' l-ugwaljanza fil-livelli governattivi fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea [1-2.02.07, Stokkolma]**

Din il-konferenza ħarġet mill-proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u li kien jinkludi l-Litwanja, il-Portugal, il-Finlandja u l-Isvezja. L-NCPE kienet irrappreżentata mill-Uffiċċjal għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Matul il-konferenza ġew diskussi eżempji tajbin ta' prattiċi u regoli.

**Laqgħa għall-uffiċjali legali dwar it-transpozizzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE u 2000/78/KE [13.02.07, Brussel]**

Il-laqgħa fuq it-transpożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE saret ġo Brussel, il-Belġju. L-NCPE kienet irrappreżentata mill-Konsulent Legali.

***EQUINET AGM* [27-28.02.07, Doorn, L-Olanda]**

Matul din il-laqgħa ġew diskussi l-pjanijiet ta' l-*EQUINET*.

**EQUAL 4: *EMPOWER* – laqgħa lilhinn mill-fruntieri [1-2.03.07, Leon, Spanja]**

Għal din il-laqgħa attendew il-*Project Leader* u l-*Project Co-ordinator*. Is-suġġetti diskussi inkludew; il-qsim ta' l-esperjenzi miksubin minn proġetti individwali, il-laqgħa tal-kumitat tat-tmexxija għall-ippjanar tal-fażi suċċessiva tal-proġett, il-websajt, ir-rapport informali li jintbagħat permezz ta' l-*e-mail*, it-*tool kit*, u l-ħames laqgħa trans-nazzjonali li għadha tiġi orgnanizzata f'Lecce, l-Italja.

**Is-36 Laqgħa tal-*Bureau* tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-ugwaljanza dwar is–sessi tal-Kunsill ta' l-Ewropa [15-16.03.07, Strassburgu]**

Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-NCPE ġiet maħtura fuq il-*Bureau* tas-*CDEG* tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Din kienet l-ewwel laqgħa li attendiet fejn is-suġġetti ewlenin li ġew diskussi kienu fost l-oħrajn:

- il-parteċipazzjoni ibbilanċjata tan-nisa u ta' l-irġiel fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet pubbliċi;
- l-irwol tan-nisa u ta' l-irġiel f'soluzzjoni ta' konflitti;
- il-livell u l-metodi ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru;
- il-vjolenza kontra n-nisa – il-fatt li ma hemm l-ebda konvenzjoni Ewropea li tipproteġi n-nisa mill-vjolenza ħolqot ħafna tħassib fis-*CDEG* u għalhekk qed jipproponi konvenzjoni iktar wiesa' mill-vjolenza li ġejja biss mis-sieħeb tal-vittma;
- l-attivitajiet li jiġġieldu t-traffikar tal-persuni.

**It-30 Laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel [22.03.07, Brussel]**

Il-Kummissarju attendiet il-laqgħa tal-Kumitat li għandu s-setgħa li jagħti l-pariri fuq Opportunitajiet Indaqs li iltaqa' ġo Brussel.

**Konferenza bit-titlu *"Equal Opportunities for All: What role for Positive Action?"* [23-24.04.07, Ruma]**

Id-Direttur Eżekuttiv attendiet din il-konferenza u stabilixxiet mezzi ta' kuntatti ma' korpi oħra ta' l-ugwaljanza. Ġie mqassam dokument li jġib it-titlu *"Putting Equality into Practice: What role for positive action?"*. Id-diskussjoni serviet biex ħarġu eżempji tajbin li setgħu ġew ikkupjati f'pajjiżi oħra.

**Laqgħa: *Equality & Non-discrimination – A Framework Strategy* [4-5.06.07, Mastrikt, L-Olanda]**

Id-Direttur Eżekuttiv attendied taħriġ fuq *"Equality and Anti-discrimination – a framework strateg"* f'Maastrikt, l-Olanda organizzata mill-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika.

**Simpożju Ewropew: *Gender Budgeting: Let's share the benefit – with gender budgeting towards social justice and equal opportunities* [4-5.06-07, Frankfurt]**

Membru mill-Kummissjoni u d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Finanzi attendew din il-konferenza.

**Is-37 Laqgħa tas- *CDEG* tal-Kunsill ta' l-Ewropa [13-15.06.07, Strassburgu]**

Is-suġġetti ta' l-agenda inkludew: il-livell u l-metodi ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru; ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa u ta' l-irġiel fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet pubbliċi; ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-irwol tal-mara u tar-raġel fil-prevenzjoni tal-kunflitti u r-riżoluzzjonijiet kif ukoll iż-żamma tal-paċi. Id-Direttur Eżekuttiv ġiet ivvotata biex tkun fuq il-*Bureau* tas-*CDEG* għas-sentejn li ġejjin.

**EQUAL 4: L-aħħar laqgħa lil hinn mill-fruntieri ta' *AGEnder* [21-22.06.07, Pariġi]**

It-tliet pajjiżi imsieħba kienu preżenti u kollha urew l-interess li jerġgħu jaħdmu flimkien fi proġetti prospettivi.

**It-3 laqgħa lilhinn mill-fruntieri tal-proġett *W.in.D* [16.07.07, Ruma]**

Membru mill-istaff ta' l-NCPE attendiet dan il-Kumitat tat-Tmexxija tal-Proġett *W.in.D* fejn Malta hi waħda mill-imsieħba.

**Laqgħa tan-*'National Equality Bodies'* imwaqqfa skond id-Direttiva 2002/73/KE [6.7.09.07, Brussel]**

Membru mill-Kummissjoni attenda din il-laqgħa fi Brussel organizzata mid-Direttorat Ġenerali ta' l-Impjieg, Każijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs ta' l-UE li jiffokaw l-iktar fuq id-Direttiva 2002/73/KE.

**Laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli fuq il-prinċipju ta' l-ugwaljanza [10-11.09.07, Lisbona, Portugal]**

Id-Direttur Eżekuttiv attendiet din il-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli Portugiż.

**Is-7 Laqgħa ta' l-Grupp Informali tal-Kunsill ta' l-Ewropa fuq l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza u s- 37 Laqgħa tal-Bureau tas-CDEG [19-21.09.07, Strassburgu]**

Hawn ġew diskussi il-laqgħa tas-*CDEG* li jmiss u l-Konferenza Ministerjali. Barra dan, l-ewwel ġurnata kienet iddedikata għall-laqgħa informali ta' l-esperti fuq l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ġeneru.

**Konferenza bit-titlu "*Employability and Entrepreneurship – Gender Stereotypes*" u Laqgħa Informali tal-Ministri ta l-Ugwaljanza tas-Sessi [3-4.10.07, Lisbona, Portugal]**

Id-Direttur Eżekuttiv attendiet din il-konferenza u l-laqgħa Ministerjali Informali li ġew organizzati mill-Presidenza Portugiża.

**Laqgħa tal-*EuroMed* bit-titlu "*Strengthening the Role of Women in Society*" [22.10.07, Brussel]**

Il-Kummissarju attendiet għal din il-konferenza.

**Konferenza bit-titlu "*50 Years of Gender Equality Law*" [24-26.10.07, Brussel]**

Id-Direttur Eżekuttiv attendiet għal din il-konferenza.

**It-38 Laqgħa tas- *CDEG* tal-Kunsill ta' l-Ewropa [28-30.11.07, Strassburgu]**

It-tmienja u tletin laqgħa tas-*CDEG* saret fi Strassburgu u attendiet għaliha id-Direttur Eżekuttiv. Is-suġġett tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet kien fuq l-agenda, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fuq il-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza; ix-xbieha tan-nisa fir-reklamar u l-femminizzazzjoni tal-faqar.

**L-aħħar Laqgħa lil hinn mill-fruntieri tal-proġett *W.in.D* [11-13.12.07, Ruma]**

Il-konferenza finali tal-Progett *W.in.D* saret ġewwa Ruma, l-Italja.  Id-dokumenti li ħargu minn dan il-proġett u ppreżentati inkludew l-istudju ta' riċerka fuq il-parteċipazzjoni ta' l-iżvilupp tan-nisa fil-komunita` kif ukoll sett ta' linji ta' gwida.

## 2.6. Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja

Fil-bidu tas-sena finanzjarja, il-Gvern alloka baġit ta' Lm110,000/ €256,231.07 lill-Kummissjoni. 79% (Lm86,704/€201,965.99) ikopri l-pagi ta' l-istaff u onorarja, 21% (Lm23,296/€54,265.08) koprew spejjeż ta' manutenzjoni u spejjeż normali li huma meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol. Analiżi ta' kif intefqu l-ispejjeż meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol tinsab hawn taħt.




Kif wieħed jista' jara fir-rappreżentazzjoni grafika t'hawn fuq aktar minn kwart (45%) mis-somma li intefqet fuq spejjeż normali li huma meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol, intefqet fuq tiswija u manutenzjoni (Lm10,416/€24,262.75). Din l-ispiża prinċipaljament intefqet fuq modernizzar ta' l-uffiċji l-ġodda ta' l-NCPE.

13% relatati ma' bżonnijiet ta' l-uffiċċju (Lm3,000/€6,988.12), waqt li l-kumplament 42% intefqu fuq safar (Lm5,000/€11,646.87) servizzi professjonali (Lm3,480/€8,106.22) u servizzi informattivi (Lm1,400/€3,261.12).

Matul din is-sena finanzjarja l-Kummissjoni għamlet ukoll użu minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea. L-analiżi hawn taħt tispjega aħjar liema kienu l-proġetti u kif intefqu l-flus fis-sena 2007.

| Isem tal-Proġett | Baġit (2007) |
|---|---|
| | |
| Anti-diskriminazzjoni u diversita' | Lm3,314.20/ €7,720 |
| EQUAL/ Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz ta' l-Għotja ta' Aktar Setgħa (Empowerment) | Lm56,493.65/€131,594.80 |
| FSE/ L-Għarfien ta' l-Integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-sessi fuq Livell Lokali | Lm27,140/ €63,220 |
| FSE/ L-Integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: id-Direzzjoni għall-ġejjieni | Lm38,153.32/ €88,873.33 |
| FSE/ L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali | Lm91,874/ €214,008 |
| Mużajk – Magħqudin fid-Diversita' | Lm65,583.30/ €152,768 |
| Inwasslu l-Ugwaljanza f'Komunitajiet Lokali | Lm95,494/ €222,442 |
| Id-Differenza bejn is-Sessi fil-Qasam tax-Xjenza u t-Teknoloġija f'Malta [UNESCO Malta] | Lm5,386/ €12,546 |

| | |
|---|---|
| In-Nisa fl-Iżvilupp | Lm5,495/ €12,800 |

Il-flus li ntefqu fuq kull proġett, kienu allokati skond kif kien jirrikjedi l-proġett u kollox sar skond il-baġit. Dan kollu kien possibli b'sorveljar kontinwu u bl-għajnuna ta' kull min kien involut fil-proġetti.

# 3. Ilmenti

## 3.1. Punti li ħarġu mix-Xogħol li sar fuq l-ilmenti

Matul is-sena li qed nitkellmu dwarha f'dan ir-rapport sar tibdil importanti fix-xogħol ċentrali li għandu x'jaqsam ma' lmenti li jsiru mill-pubbliku. Dan seħħ minħabba l-fatt li daħal fis-seħħ l-Avviż Legali Nru. 85/2007 fil-Liġijiet ta' Malta. Minħabba d-dħul ta' din il-liġi, ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni saru jinkludu wkoll diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u/jew oriġini etnika. Sa ma daħlet din il-liġi ix-xogħol tal-Kummissjoni kien immexxi mill-provviżjonijiet miktuba f'Kap. 456 *Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa*. Għalhekk minħabba l-iżviluppi l-ġodda, il-proċedura tal-Kummissjoni fejn jidħlu l-ilmenti, kellha tinbidel ukoll biex tagħmel spazju għal dawn il-proviżjonijiet. Sal-lum in-numru ta' lmenti dwar razza, kien kemmxejn limitat iżda dan hu mistenni li jinbidel għas-sena 2008 minħabba li l-Kummissjoni beħsiebha tagħti promozzjoni estensiva lill-medja u lill-pubbliku dwar it-twessigħ fir-responsabbiltajiet tagħha. Eżempju ta' l-iżvilupp ġdid li kellu jsir fir-rigward ta' l-ilmenti, huwa l-ħolqien ta' formola li ssawret b'mod speċifiku għall-ilmenti li għandhom x'jaqsmu ma' razza u oriġini etnika. Ta' min jgħid li hemm differenza bejn iż-żewġ bażi li taħdem fuqhom il-Kummissjoni għall-fatt li fil-każ ta' ġeneru, l-impenn tal-Kummissjoni ħafna drabi jidħol fil-qasam ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li fil-każ ta' razza, l-Kummissjoni tista' tintervjeni f'dak li huwa fastidju u diskriminazzjoni li ssir fl-għotja ta' servizzi. Madankollu l-liġi ma tippermettix li l-Kummissjoni taħdem fuq dak li għandu x'jaqsam ma' diskriminazzjoni razzjali fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk każi ta' dan it-tip iridu jmorru dirett fi ħdan id-Dipartiment għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

Barra minn dan ix-xogħol, il-Kummissjoni għamlet ukoll diversi suġġerimenti fuq liġijiet li hemm bżonn li jiġu emendati biex tinqered kull diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru u responsabbiltajiet familjari, kemm diretta kif ukoll indiretta.

Il-Kummissjoni taħdem dwar ilmenti li:

- Jaslu għandha bil-miktub mill-pubbliku. Dan it-tip ta' lmenti normalment ikunu ta' natura aktar personali u privata, skond iċ-ċirkustanzi ta' l-individwi li jkunu qed jagħmlu l-ilment
- Jiġu investigati fuq inizjattiva tal-Kummissjoni meta tiġi mgħarrfa b'xi nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni jew prattiċi li jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni diretta jew indiretta. Dawn huma normalment ilmenti li jiġu indirizzati b'mod aktar ġenerali.

Din is-sena wkoll, il-Kummissjoni rċeviet numru sostanzjali ta' lmenti dwar fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u miżuri favur il-familja. Ta' min isemmi li numru ta' lmenti kif ukoll talbiet għal informazzjoni mill-pubbliku kienu dwar *teleworking* jew xogħol mid-dar. Dan l-interess f'dan is-suġġett juri li ħafna impjegati iqisu li t-*teleworking* huwa ta' siwi kbir u huwa sistema tajba li tippermetti li l-individwi jibbilanċjaw aħjar bejn ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-familja. Minħabba f'dan l-interess, il-Kummissjoni wettqet xogħol f'dan ir-rigward permezz ta' diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet rilevanti biex twassal għal politika effettiva dwar teleworking għal benefiċċju ta' l-impjegati kif ukoll ta' min iħaddem. Dawn id-diksussjonijiet issarfu f'azzjoni pożittiva kemm fis-servizz pubbliku kif ukoll fis-settur pubbliku. Il-Kummissjoni qegħda wkoll tagħmel ħidma sfiqa biex tintroduċi miżuri simili fis-settur privat. Dan qed isir billi qed tingħata promozzjoni lill-benefiċċji li għandhom l-flessibilta' u mezzi oħra ta' xogħol alternattivi li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal żieda fil-produttivita' u l-lealta' ta' l-impjegati. Id-diskussjonijiet qed isiru dwar il-miżuri favur il-familja kollha li huma possibli, madankollu kif semmejna, hemm interess kbir minn bosta individwi u kumpaniji fil-possibilta' ta' *teleworking*.

Fis-sena 2007, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel każ tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-każ kien dwar allegazzjonijiet ta' tkeċċija inġusta ta' impjegata minħabba li din kienet tqila. Madankollu dan il-każ issolva bonarjament bejn il-partijiet konċernati fi ftehim barra mit-Tribunal.

Matul-l-2007 kienu diversi l-persuni li jħaddmu li għamlu kuntatt mal-Kummissjoni, biex jitolbu għajnuna dwar taħriġ fuq il-fastidju sesswali li xtaqu jorganizzaw għall-impjegati tagħhom. Minħabba l-proviżjonijiet li nsibu f'Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa li jisħqu li huwa fl-interess ta' min iħaddem kif ukoll ta' l-impjegati li jkun hemm politika serja kontra l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, huma bosta l-kumpaniji li talbu l-għajnuna tal-Kummissjoni biex jimplimentaw miżuri ta' dan it-tip u joffru taħriġ effettiv lill-impjegati tagħhom. Ta' min ngħidu li l-Kummissjoni tieħu kull okkażjoni possibli biex issostni l-importanza ta' miżuri kontra l-fastidju sesswali f'kull post tax-xogħol biex dan l-ambjent ikun ħieles minn kull forma ta' fastidju. Il-Kummissjoni tkompli tisħaq dan il-punt minħabba li l-fastidju sesswali jibqa' wieħed mill-aktar kawżi komuni ta' problemi fuq il-post tax-xogħol.

### 3.2. <u>Sotto-Kumitat responsabbli mill-Ilmenti</u>

Is-sotto-kumitat responsabbli mill-ilmenti huwa parti mill-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza li huwa responsabbli mid-deċiżjonijiet li jittieħdu fuq l-ilmenti li jsiru mill-pubbliku jew li jinbdew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni innifisha. Dan is-sotto-Kumitat huwa magħmul mill-Kummissarju, membru jew żewġ membri mill-Kummissjoni, id-Direttur Eżekuttiv, il-konsulent legali u l-membru ta' l-istaff responsabbli mill-ilmenti. Matul din is-sena, is-sottokumitat iltaqa' disa' darbiet biex jiddiskuti l-ilmenti b'mod ġenerali kif ukoll biex jinvestiga aktar fil-fond ilmenti partikolari. Barra minn dan, is-sotto-kumitat jikkomunika spiss permezz ta' bosta mezzi biex jiddiskuti azzjonijiet li jkun hemm bżonn li jittieħdu dwar każijiet partikolari, b'mod speċjali meta l-azzjoni li jkollha tittieħed tkun ta' natura urġenti. Apparti dan kollu, jsiru bosta laqgħat ma' persuni li jiġu l-uffiċċju tal-Kummissjoni biex jippreżentaw l-ilment tagħhom biex jiġu investigati mill-Kummissjoni. Isiru laqgħat informali ukoll ma' individwi li jkunu jixtiequ jaraw fiex ikun wasal il-kaz tagħhom. Isiru wkoll laqgħat mill-inqas darba fil-ġimgħa bejn l-impjegati tal-Kummissjoni u l-konsulent legali biex tingħata ħarsa mill-qrib lejn l-

ilmenti li jkun qed isir xogħol fuqhom, biex niżguraw li dawn ġew analizzati mill-persepttiva legali korretta, kif ukoll biex jingħataw proposti li jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni fuq azzjonijiet li jkun maħsub li għandhom jittieħdu.

## 3.3. Lista ta' Lmenti li sar xogħol dwarhom

Matul is-sena 2007, apparti x-xogħol li ssokta fuq ilmenti li nfetħu fis-snin ta' qabel, il-Kummissjoni ħadmet fuq 50 ilment ġdid dwar diversi suġġetti kif ġej:

(minħabba li x-xogħol dwar ilmenti abbażi ta' diskriminazzjoni minħabba razza għadu qasam relattivament ġdid, in-numru ta' każi f'dan is-sens kien limitat ħafna)

### *3.3.1. Ġeneru*

- Sigurta' soċjali
- Miżuri favur il-familja għal individwi li għandhom karigi għolja fis-servizz pubbliku
- Fastidju sesswali
- Sigħat ta' xogħol imnaqqsa (*reduced hours*)
- Fastidju u abbuż
- Diskriminazzjoni fl-għotja ta' promozzjonijiet
- Tkeċċija inġusta minħabba tqala
- Miżuri favur il-familja fis-servizz pubbliku
- Teleworking
- Diskriminazzjoni minħabba identita' sesswali
- Reklamar offensiv/diskriminatorju
- Drittijiet waqt il-maternita'
- Kriterji ta' applikazzjoni għal eżamijiet fis-Servizz Pubbliku

- Tkeċċija inġusta minħabba responsabbiltajiet tal-familja
- Tkeċċija waqt iż-żmien ta' prova allegatament minħabba tqala
- Tibdil fil-kundizzjonijiet ta' xogħol
- Faċilitajiet għall-kura tat-tfal
- Diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru fil-provvista ta' merkanzija u servizzi
- Diskriminazzjoni fl-opportunitajiet ta' xogħol
- Diskriminazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol meta ġie offrut impjieg
- Krediti ta' taxxa
- Diskriminazzjoni fis-servizzi offruti mill-banek
- Flessibilta' fil-kundizzjonijiet ta' xogħol
- Diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru fil-ħlas għal servizzi mogħtija
- Kura u kustodja tat-tfal
- Diskriminazzjoni fis-sejħa għal applikazzjonijiet

### *3.3.2. Razza*

- Diskriminazzjoni fl-għoti ta' impjieg
- Trattament differenti bejn ċittadini ta' l-UE
- Allegazzjonijiet ta' ksenofobija kif ukoll diskriminazzjoni fil-qasam tad-djar

## 3.4. <u>Proċedura – kif isir ix-xogħol dwar l-ilmenti</u>

Biex tiżgura l-aħjar servizz għall-klijenti, il-Kummissjoni fasslet proċedura meta taħdem dwar l-ilmenti. B'hekk il-Kummissjoni taċċerta ruħha li jkun hemm konsistenza f'kif jitmexxa kull każ skond il-bżonnijiet ta' l-individwu. Meta dan ma jkunx possibli, bħal meta per eżempju min qed jagħmel l-ilment ma jkunx jaf jaqra u jikteb, il-Kummissjoni tgħin lill-persuna konċernata biex timla l-formula, quddiem xhud. Dan isir biex ikun hemm interpretazzjoni korretta tal-fatti hekk kif

qed iġarrabhom min qed jagħmel l-ilment. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-klijenti kollha biex jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi mħaffef l-ipproċessar ta' l-ilment. Skond Kap. 456, *Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nis*a, kull ilment li taħdem fuqu l-Kummissjoni għandu jkun bil-miktub. Apparti hekk il-Kummissjoni tisħaq biex dawk li jagħmlu l-ilment jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom għalhekk jiġu mħeġġa biex ma jagħżlux li jibqgħu anonimi meta jippreżentaw il-każijiet. Madankollu il-Kummissjoni tassigura l-kunfidenzjalita' meta tittieħed kull tip ta' azzjoni fuq xi każ.

Kull persuna li tressaq l-ilment tagħha tiġi mgħarrfa bil-miktub li dan wasal f'idejn il-Kummissjoni. Eżatt kif jasal ilment jinfetaħ *file* bil-każ fejn jiġu inklużi il-liġijiet li fuqhom tkun trid taħdem il-Kummissjoni fil-każ in kwistjoni. Il-Kummissjoni tagħmel li tista' wkoll biex iżżomm sunt ta' kull każ, li jkun fih il-punti l-iktar importanti ta' kull ilment, biex b'hekk tiffaċilita' d-diskussjoni dwar il-każ għall-membri tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-ilment jiġi studjat bir-reqqa, u jsiru diskussjonijiet dwar diversi mezzi kif kull ilment jista' jiġi indirizzat. Dawn il-proposti imbaghad jiġu ppreżentati lis-sotto-kumitat li jaħdem fuq l-ilmenti biex jiġu approvati jew biex tittieħed deċizjoni dwar l-aħjar mod kif għandu jitmexxa kull każ, dejjem skond dak li titlob il-liġi.

Spiss, il-każijiet jiġu solvuti bla ma naslu biex indaħħlu l-pulizija jew it-Tribunal Industrijali. Nistgħu ngħidu li normalment, meta l-Kummissjoni tinforma lill-partijiet konċernati li jkun hemm ksur fil-liġi, permezz ta' medjazzjoni, in-nuqqas jiġi rranġat jew jintlaħaq kompromess aċċettabbli ma' min ikun sofra diskriminazzjoni. Dan jiġi biss aċċettat meta min ikun għamel l-ilment stess jaċċetta dan l-arranġament.

# 4. Talbiet għall- u Tqassim ta’ Informazzjoni

## 4.1. Introduzzjoni

Bħal fis-snin li għaddew il-Kummissjoni irċeviet numru sostanzjali ta’ talbiet għall-infomazzjoni kif ukoll talbiet għall-assistenza. Dawn it-talbiet kienu milqugħin u mwieġba fl-aqsar żmien possibli, hekk kif stipulat fill-*Quality Service Charter*. Matul iż-żmien inħasset il-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema fejn dawn it-talbiet jiġu reġistrati, u wara li saru xi diskussjonijiet ġiet introdotta sistema ġdida biex kull talba li ssir tiġi propju reġistrata. Din il-proċedura il-ġdida tirrikjedi li kull talba/mistoqsija li tasal għand il-Kummissjoni issir bil-miktub, u b’l-istess mod issir it-tweġiba. B’hekk b’din is-sistema minbarra li tiffaċilita il-proċess ta’ reġistrazzjoni, kull talba tkun aktar ċara, u t-tweġiba aktar effiċjenti.

Matul l-2007, diversi persuni (il-biċċa il-kbira kienu studenti), għamlu użu wkoll mil-librerija tal-Kummissjoni, permezz ta’ self ta’ kotba, kif ukoll billi ħadu kopji ta’ partijiet min materjal li jinstab fil-librerija skond is-suġġetti relatati mar-riċerka tagħhom. Matul din is-sena ġie fis-seħħ ukoll l-avviż legali l-A.L. 85 *Ordni ta’ l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni*, li ta l-poter lill-Kummisjoni li tinvestiga każijiet ta’ diskriminazzjoni fuq bażi ta’ razza jew origini etnika. Għalhekk il-Kummissjoni ħasbet ukoll biex iżżid il-materjal fil-librerija li jitratta aktar dwar dan is-suġġett kif ukoll il-ħarsien u d-drittijiet tal-bniedem.

Fill-fatt, matul l-2007, ġew miżjuda 229 ktieb, biex b’hekk il-librerija b’kollox tikkonsisti f’6042 dokument. Il-librerija hija ukoll aċċessibli fuq is-sit elettroniku, għall-effiċjenza ta’ dawk kollha li jakkwistaw ‘e-ID’, li jingħata mid-Dipartiment tal-Passaporti, fil-Belt Valletta.

L-NCPE, taħdem bis-sħiħ biex telimina kull forma ta' diskriminazzjoni fi-reklamar lokali, fejn jidħlu opportunitajiet ta' impjieg kif ukoll opportunitajiet edukattivi. **Artiklu 10 -Kapitlu 456** – *Att dwar l-Ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa* jgħid li:

> " … *persuni ma jistgħux jippubblikaw, jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi pubblikat jew espost xi reklam, jew, xort'oħra li jirreklamaw post battal għal xi impjieg li jkun jiddiskrimina bejn min ikun qed ifittex ix-xogħol jew jitlob mingħand min ikun qed ifittex ix-xogħol informazzjoni li tkun tirrigwarda l-ħajja privata tagħhom jew il-pjanijiet li jkollhom dwar it-tkabbir tal-familja tagħhom …*"

kif ukoll **Artiklu 8- Kapitlu 456 –** Att dwar l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa jgħid li:

*"(1) Ebda stabbiliment edukattiv jew stabbiliment ieħor li jagħti taħriġ jew gwida vokazzjonali ma jista' jiddiskrimina kontra xi ħadd -*

> *(a) fl-attendenza għal xi kors, taħriġ jew gwida vokazzjonali; …"*

Fil-fatt, matul l-2007, il-Kummissjoni interveniet f'62 kas, fejn wara li ġibdet l-attenzjoni ta' diversi gazzetti lokali, kif ukoll aġenziji tar-reklamar dwar dan il-ksur fil-liġi, il-Kummissjoni spjegat il-kunċett ta' opportunitajiet indaqs għall-kulħadd, biex b'hekk ħadd ma jiġi iddiskriminat bejn iż-żewġ ġeneri. Dawn ir-reklami kienu jittrattaw kemm opportunitajiet ta' impjieg kif ukoll opportunitajiet ta' tagħlim, u kienu ppublikat fuq gazzetti lokali, *magazines* kif ukoll fuq siti elettroniċi lokali.

### 4.2. Talbiet għall-informazzjoni

#### *4.2.1. Dawn it-talbiet waslu mingħand:*

- Ħaddiema tas-Servizz Pubbliku
- Membri ta' l-*Equality Committees*
- Membri tal-midja
- Pubbliku Ġenerali
- Kumpaniji Privati
- Studenti Universitarji
- Unjins
- Għalliema fl-iskejjel

#### *4.2.2. Dawn it-talbiet saru dwar:*

- Miżuri favur il-familja (*leave* tal-maternita, sigħat imnaqqsa, *parental leave* u flessibilita fuq il-post tax-xogħol)
- Ix-xogħol ġeneral ta' l-NCPE speċjalment fuq *mainstreaming* tal-ġeneri
- Diskriminazzjoni fir-reklamar
- Lingwaġġ newtrali
- Edukazzjoni
- Proġetti ta' l-UE
- Proviżjonijiet fil-Liġi Maltija dwar l-Ugwaljanza, inkluż Kap. 456, *Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u Kap. 452 dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali.*
- Direttivi ta' l-UE dwar diskriminazzjoni u ugwaljanza bejn il-ġeneri
- Il-Proċedura li timxi fuqha l-NCPE biex tmexxi l-ilmenti li jaslu
- L-Impjieg
- Fastidju Sesswali
- Pubblikazzjonijiet varji
- Familji b'ġenitur wieħed u l-benefiċċji soċjali
- Il-Ħarsien u l-kura tat-tfal
- Ugwaljanza Razzjali

### *4.2.3. Il-Materjal li ġie użat mil-librerija kien jitratta:*

- Vjolenza Domestika
- Fastidju Sesswali fuq il-post tax-xogħol
- Ugwaljanza fil-midja
- In-Nisa fil-qasam tax-xogħol
- Drittijiet tal-Bniedem

### 4.3. <u>Mistoqsijiet Parlamentari</u>

22889 - Kiri ta' Karozzi

22891 - *Mobile Phones*

22892 - Safar

22893 - *Fuels*

22894 - Telefowns

22973 - Donazzjonijiet Finanzjarji

22987 - Użu ta' Vettura

23264 - Kontijiet tat-Telefown

23277 - Konsulenti

23312 - Taxxi/Tariffi/Miżati

23360 - Kiri ta' Propjeta`

23361 - Kiri ta' Pjanti

23362 - Kiri ta' Għamara/Pittura

23363 - Ikliet/Ospitalita`

23364 - Xiri ta' *Stationery*

23946 - *Teleworking*

24385 - Reliġjuzi

24409 - Kiri ta' Vannijiet u Trakkijiet

24506 - Bordijiet/Kummissjonijiet

24519 - Listi ta' Aġenziji tar-Reklamar

24575 - *Mobile Phones*

24944 - *Mobile Phones*

24979 - Uffiċjali

24982 - *Mobile Phones*

24985 - Telefonati minn Linji Fissi

25114 - Dħul ta' Impjegati

25135 - Ħaddiema li jieħdu *Allowance*

25153 - *Direct Orders*

25244 - Xiri ta' Karozzi

25246 - Xiri ta' Karozzi

25248 - Karozzi Ġodda

25358 - Karozzi *Environmentally Friendly*

25361 - Safar

25363 - Lukandi

25459 - Xiri ta' Gazzetti

25488 - Kontijiet tad-Dawl u Ilma

25583 - Safar Uffiċjali

25588 - Ospitalita`

25676 - Salarji u Benefiċċji

25692 - Ħaddiema li Għalqu l-61 Sena

26034 - Impjegati

26035 - Xogħol fuq *Sub Contracting*

26036 - *Direct Orders*

26073 - Kontijiet tad-Dawl u Ilma

26077 - Apparat *Energy Saving*

26082 - Impjegati

26086 - Ospitalita`

26089 - Impjegati

26092 - Kontijiet tad-Dawl u Ilma

26101 - *Leave* bla ħlas jew *leave* għall-istudju

26151 - Konsulenti

26153 - Servizz ta' l-Internet

26155 - Rapporti

26158 - Tiswijiet u Manutenzjonijiet

26191 - Nefqa fuq Petrol

26216 - Kera

26620 - Bordijiet, Awtoritajiet u Kummissjonijiet

26653 - Riżenji ta' Ħaddiema

26658 - Enerġija Elettrika

26780 - Għawdxin Jaħdmu f'Malta

- Impjegati b'Kuntratt Definit

27332 - Bozoz Energy Savers

28287 - Kontijiet ta' *Mobile Phones*

28288 - *Prepaid Top Up Cards* tal-Mobile

28289 - Xiri ta' *Mobile Phones*

28290 - Kiri ta' Karozzi

28294 - Karozzi Ġodda

28295 - Nefqa fuq Safar

28296 - Ospitalita`

28297 - Uffiċjali li Rriżenjaw

28298 - Impjegati 'l fuq minn 61 Sena

28299 - *Direct Orders*

28300 - Nefqa fuq Petrol

28301 - Nefqa fuq Servizzi ta' Konsulenti

28757 - Serq

28811 - Postijiet Vakanti

28855 - Riklamar u Kampanji ta' Informazzjoni

29223 - Liġi tal-*Health and Safety*

## 4.4. <u>Tqassim ta' Informazzjoni</u>

### *4.4.1. Il-websajt il-ġdida ta' l-NCPE*

Fl-2006, l-NCPE tellgħet l-ewwel websajt tagħha, www.equality.gov.mt, biex tipprovdi lill-pubbliku ġenerali u entitajiet pubbliċi u privati iktar aċċessibilita` u informazzjoni intiża. Il-websajt tal-preżent toffri informazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet, ix-xogħol, il-funzjonijiet u s-servizzi offruti mill-NCPE, u aħbarjiet riċenti dwar proġetti li għaddejjin bħalissa.

Din is-sena, wara konsultazzjoni ma` l-*Information Management Unit* [IMU] fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali, l-NCPE għażlet li taħdem fuq websajt ġdida bil-għan li tinkludi r-responsabbilta` ġdida ta' razza/oriġini etnika, u żżid iktar informazzjoni. Minħabba r-responsabbilta` l-ġdida, l-NCPE biddlet ukoll l-indirizz ta' l-e-mail minn gender.equality@gov.mt għal equality@gov.mt. Hu maħsub li l-websajt il-ġdida tittella mhux iktar tard mill-ewwel 4 xhur tas-sena 2008. It-titjib ewlieni se jkun biex il-websajt tkun iktar faċli biex wieħed jużaha, kif ġie ssuġġerit minn dawk li ġieli żaru l-websajt preżenti. Se jiġu inklużi affarjiet ġodda bħall-buttuna biex wieħed ifittex u jsib informazzjoni u documenti b'mod iktar faċli; aħbarjiet/avvenimenti, rapporti u taħrig offrut; *links* li huma relatati mar-responsabbiltajiet ta' l-NCPE; u sejħiet għall-offerti u/jew stimi li joħorgu mill-NCPE. Paġni ġodda u interessanti oħra li jinkludu mistoqsijiet komuni; sezzjoni relatata ma' l-ilmenti (ġeneru, fastidju sesswali, u razza); *links* għal-leġislazzjoni lokali u ta' l-Unjoni Ewropea; artikli u stqarrijiet għall-istampa. Is-sit il-ġdid se jżomm l-istess indirizz li hu www.equality.gov.mt.

Il-pubblikazzjonijiet kollha li jinstabu fil-librerija ta' l-NCPE, kif ukoll id-Direttorju ta' Nies Professjonali se jkunu aċċessibbli permezz ta' l-e-ID, li jinkiseb mill-Uffiċċju tal-Passaporti fil-Belt Valletta. L-e-ID hi identifikazzjoni elettronika sikura simili għall-Karta ta' l-Identita`. Kull ċittadin jista` japplika għal din 'iċ-ċavetta' li tħallih jaċċessa informazzjoni jew servizzi oħra *on-line*. Din tikkonsisti fin-numru tal-Karta ta' l-Identita` ta' l-individwu, PIN u *password*. Il-possessur jista` juża l-e-ID biex jaċċessa servizzi governattivi pprovduti mill-Gvern ta' Malta.

### *4.4.2. Mezzi oħra*

Minbarra li taġġorna kontinwament is-sit elettroniku tagħha bl-iktar informazzjoni riċenti, l-NCPE tqassam informazzjoni dwar diversi konferenzi/laqgħat, kemm dawk organizzati mill-kummissjoni stess kif ukoll min organizzazzjonijiet oħra. Din l-Informazzjoni tiġi mqassma permezz ta' *e-mails*.

## 5. Proġetti

### 5.1. Introduzzjoni

Bħala l-entita` nazzjonali illi tippromwovi l-ugwaljanza fuq bażi ta' sess, responsabilita' familjari, u razza, l-NCPE ħadmet fuq diversi proġetti mill-2004, u kabbret l-esperjenza tagħha kemm bħala sieħba prinċipali kif ukoll bħala sieħba internazzjonali.

L-għan prinċipali ta' dawn il-proġetti huwa illi tiżdied il-kuxjenza ta' l-i*stakeholders* prinċipali dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u kif ukoll jissaħħaħ il-kunċett ta' studju dwar l-ugwaljanza f'setturi oħra. Permezz ta' dawn il-proġetti, l-NCPE qed tikkontribwixxi wkoll lejn l-isforz nazzjonali sabiex jintlaħqu l-miri ta' Lisbona.

Il-proġetti kienu kollha miktubin sabiex jikkumplimentaw lil xulxin, u sabiex ikun hemm il-bidla neċessarja għall-ugwaljanza *de facto* fis-soċjeta`. Il-fondi kienu prinċipalment meħuda mill-; Fond Soċjali Ewropew, EQUAL, Qafas Strateġiku dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, u mill-fond Sena 2007 għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd.

Minbarra dan, żewġ proġetti oħra kienu approvati mill-Kummissjoni Ewropea mill-fondi tal-PROGRESS 2007-2013. Dawn iż-żewġ proġetti ser ikunu qed jiffukaw fuq:

**"Ngħixu l-Ugwaljanza"** - Dan il-proġett qiegħed jibni fuq inizjattivi illi bdew matul il-proġetti tas-sena 2007. Il-pass importanti illi jmiss huwa is-sorveljar u l-identifikazzjoni ta' aktar bżonnijiet għall-bini ta' kapaċitajiet għall-implimentazzjoni tal-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tas-Servizz Pubbliku. Matul dan il-proġett qed jintużaw ukoll għodod u mudelli ta' impatt fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel illi ġew stabbiliti minn proġetti oħra tal-Fond

Strutturali Ewropew. Is-Somma ta' fondi allokati għal dan il-Proġett: hija ta € 85,682.50 (UE – 80%; Malta – 20%)

**"Vuċi għal Kulħadd"** - L-attivitajiet relatati ma' dan il-Proġett ser jgħinu sabiex jinħoloq għarfien soċjali, kif ukoll mudell soċjali aktar sod. Dan ser ikun sostnut minn kampanja nazzjonali pubbliċitarja, kif ukoll minn eżempji tajbin li ser ikunu identifikati minn riċerka Ewropea illi ser tkun marbuta ma' dan il-proġett. Din ir-riċerka ser tiffoka fuq sitwazzjonijiet f'diversi oqsma fejn issir diskriminazzjoni, sabiex jiġi spjegat il-kuntest nazzjonali skond is-setturi, (Eż. Il-mezzi tax-xandir, l-edukazzjoni, eċċ). Dawn il-prattiċi tajbin ser ikunu miġburin f'fuljett. Bħala parti mill-proġett, ser ikun hemm kompetizzjoni bl-għan li toffri inċentivi għal min joħloq inizjattivi ġodda jew prattiċi tajbin f'diversi oqsma ta' diskriminazzjoni. Permezz ta' dan il-proġett l-NCPE se tieħu l-inizjattiva biex kull studju li jsir fuq bażi nazzjonali jkun jista jiġi riprodott. It-total ta' fondi allokati għal dan il-proġett: huwa ta' € 392,897.58 (EU – 80%; Malta – 20%).

Din it-taqsima ser tkun segwita minn ħarsa qasira lejn l-għanjiet, il-komponenti, u r-riżultati li inkisbu fil-proġetti implimentati mill-NCPE matul l-aħħar tnax-il xahar.

### 5.2. Mużajk – Magħqudin fid-diversita'

Il-proġett Mużajk – Magħqudin fid-diversita' kien miktub għas-sena Ewropea iddedikata għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007. Dan il-proġett serva bħala programm ta' għarfien biex tingħata importanza lis-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea. Dawn huma is-Sess, ir-Reliġjon jew Twemmin, ir-Razza u l-Etniċita', l-Eta', id-Diżabilita' u l-Orjentazzjoni Sesswali.

*Fondi* – bħala parti mis-sena Ewropea ddedikata għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, l-UE iffinanzjat parti mill-proġett flimkien mal-Gvern ta' Malta, kull wieħed iffinanzja 50% tal-proġett.

*L-Irwol ta' l-NCPE* – l-NCPE tmexxi n-netwerk tal-Mużajk, li kien iffurmat min għaxar membri minn entitajiet governattivi u soċjetajiet ċivili. Ir-rwol ta' l-NCPE kien li torganizza l-attivitajiet tal-proġett flimkien ma' l-imsieħba, kif ukoll li tipprovdi bażi għall-qafas biex jitkompla x-xogħol tagħha wara li jintemm il-proġett.

L-imsieħba tal-Proġett Mużajk kienu:

- l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal
- Il-Qafas Ewropew kontra r-Razziżmu
- Il-Konfederazzjoni Maltija ta' l-Organizzazzjonijiet tan-Nisa,
- Il-Federazzjoni Maltija ta' l-Organizzazzjonijiet għall-Persuni b'Diżabilità
- Il-Moviment Malti għad-Drittijiet ta' l-Omosesswali
- Il-Kunsill Nazzjonali għall-Anzjani
- Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa
- Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żagħżagħ
- Iċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni Nazzjonali għaż-Żagħżagħ

Il-Proġett beda f'Jannar 2007 u spiċċa fl-aħħar ta' Jannar 2008.

### *5.2.1. Għanijiet*

Il-Proġett Mużajk kien l-ewwel proġett tax-xorta tiegħu li qatt sar f'Malta, bl-għan prinċipali li jqajjem kuxjenza. Mużajk kien immirat għall-pubbliku ġenerali u indirizza l-biżgħat u kunċetti żbaljati dwar id-diskriminazzjoni li jeżistu fis-soċjeta' Maltija. Din kienet ir-raġuni, li ċertu ċirkostanzi kienu immirati lejn gruppi speċifiċi. Il-"*Forum Theatre*", per eżempju kien immirat lejn studenti ta' l-ewwel u t-tieni sena ta' l-iskola sekondarja, "*Train the Trainers*" lejn Korpi Governattivi li jaħdmu fuq l-ugwaljanza u Maniġers tar-Riżorsi Umani.

Il-ħsieb ta' dan il-proġett kien li titqajjem kuxjenza fuq is-sitt oqsma ta diskriminazzjoni, u li tiġi żviluppata għodda li tkun komuni għall-imsieħba tal-proġett li ġejjin min għaqdiet kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi.. Dan l-eżerċizzju li qajjem kuxjenza permezz ta' disseminazzjoni ta' posters, fuljetti, *billboards*, *stickers* għat-tfal u reklami fuq ir-radju u t-televiżjoni sar fuq perjodi qosra, u ġew inklużi s-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Minbarra dan, il-proġett ta promozzjoni ukoll lis-sena Ewropea ddedikata għall-opportunitajiet indaqs permezz ta' diversi attivitajiet li saru fuq it-tema ta' diversita.'

### *5.2.2. L-Istadji tal-Proġett*

*Taħriġ:*

- *Network Capacity Building* - Taħriġ għall-imsieħba tal-proġett Mużajk fejn ġew imħarrġa fuq is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni.
- *Train the Trainers* - Taħriġ li ġie offrut lill-Korpi Governattivi li jaħdmu fuq l-ugwaljanza, Maniġers tar-Riżorsi Umani u l-pubbliku ġenerali. Dan it-taħriġ kien jitratta is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni.

*Kampanja ta' Għarfien:*

- "Id-Diskriminazzjoni Tweġġa'" kienet it-tema tal-kampanja li ppromwoviet l-anti-diskriminazzjoni fil-Gżejjer Maltin. Din il-kampanja inkludiet kampanja ta' *billboards*, reklami fuq it-televiżjoni u r-radju, reklami fuq il-gazzetti, posters u *stickers*.
- Il-Ġranet ta' Diversita' kienu opportunita' għall-proġett biex jittieħed spunt u jinħoloq għarfien fuq l-oqsma ta' diskriminazzjoni.
- *Film Festival* dwar l-Opportunitajiet Indaqs – Sabiex tiġi ċċelebrata l-ġurnata tad-drittijiet tal-bniedem, ġiet organizzata ġimgħa li matulha intwerew films li kienu jitrattaw sitwazzjonijiet diversi ta' diskriminazzjoni.

- *Forum Theatre* - Dan ipprovda teatrini interattivi u attivitajiet għall-istudenti ta' l-ewwel u t-tieni sena li jattendu skejjel sekondarji.

### 5.2.3. Riżultati

*Riżultati tat-taħriġ*

| Tip ta' taħriġ | Numru ta' parteċipanti | | |
|---|---|---|---|
| | **Total** | **Rġiel** | **Nisa** |
| *Mosaic Network Capacity Building* | 19 | 7 | 12 |
| *Train the Trainers* – għall-maniġers tar-riżorsi umani | 33 | 12 | 21 |
| *Forum Theatre* – għall-istudenti ta' l-iskola sekondarja | 321 | 173 | 148 |

*Materjal imqassam mal-parteċipanti:*

- *Stickers* għat-tfal, forma ta' *jigsaw*, li juru 6 papri b'kuluri differenti li jelenkaw l-irwol tad-diversita'.
- *Posters* bit-tema "Id-diversita' ssaħħaħna"
- **"**Id-diskriminazzjoni tweġġa': Id-diversita' ssaħħaħna**"** fuljett fuq is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni, flimkien ma' spegazzjoni tal-proġett Mużajk bl-Ingliż, Malti, Franċiż u Għarbi.
- Rapport finali bit-tema tal-kampanja li d-diskriminazzjoni tweġġa', u li inkluda ukoll l-għanijiet u l-avvenimenti tal-proġett.
- Billbords - 7 Billbords bl-istess tema li inkludew s-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni kienu mferrxa madwar Malta u Għawdex.
- Reklami fuq it-Televiżjoni - Ir-reklami fuq it-televiżjoni li tkellmu dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni u intwerew fil-*prime time* għal perjodu ta' xahar fuq l-istazzjonijiet TVM, One TV u Net TV.

- Reklami fuq ir-radju - Reklami fuq il-proġett kif ukoll fuq is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Dawn saru kemm bil-Malti u bl-Ingliż.
- Reklami fuq il-Gazzetta – bit-tema "Waqqaf id-Diskriminazzjoni: Id-Diversita' ssaħħaħna". Ir-reklami kienu ippublikati fuq il-gazzetti kollha tal-Ħadd.
- *Badges* tal-Mużajk.
- *Jigsaw* għat-tfal - 1.5m x 1.8m.
- Yo-Yo's tal-Mużajk.

## 5.3. Inwasslu L-Ugwaljanza Bejn Is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali

Il-Proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali" kellu l-għan illi jgħin lill-komunita` lokali sabiex tħares lejn ir-rwoli tal-ġeneri fuq livell lokali u jeżamina ir-rwoli li n-nisa u l-irġiel għandhom fis-soċjeta'. Dan kollu sar bl-għan sabiex jiġu minsuġa fil-kultura tagħna il-kunċetti ta' ugwaljanza u opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Il-Proġett beda f'Jannar 2007 u ġie fi tmiemu fi Frar tas-sena 2008.

*Finanzjament:* Il-Proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Programm ta' Qafas tal-Komunita` Ewropea, (79.33%), l-Istrateġija ta' Qafas Komunitarju dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, kif ukoll mill-Gvern ta' Malta (20.67%).

*Ir-Rwol ta' L-NCPE*: Il-Pożizzjoni ta' l-NCPE matul dan il-proġett kienet dik ta' ko-ordinatur prinċipali fost is-sitt imsieħba. Il-ħames imsieħba l-oħra huma d-Dipartiment tal-Gvern Lokali (Malta), ir- *Research Centre for Gender Equality* (Greċja), id-*Dipartimento per le Pari Opportunita*` (Italja), il-*Governmental Office for Gender Equality* (Kroazja), u l-Comissão para a Cidadania e Igualdade de Género, (Portugall).

### *5.3.1. Għanjiet*

L-għan ewlieni ta' dan il-Proġett kien li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-ġeneru fl-iżvilupp lokali. Dan qiegħed isir permezz ta` kampanji edukattivi li ġew imwettqa fuq livell lokali.

Minbarra dan, il-proġett ħoloq għodda bħall-preżentazzjonijiet u materjal promozzjonali, sabiex iċ-ċittadini jkunu imħajra jiddiskutu dwar ir-rwoli tan-nisa u l-irġiel fil-ħajja pubblika u privata.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan, il-Kunsilli Lokali flimkien ma' l-għaqdiet lokali li jiffunzjonaw kemm fuq livell lokali u/jew reġjonali, u ċ-ċittadini infushom ingħataw għarfien dwar ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rwol tagħhom fis-soċjeta'.

Il-prinċipju ewlieni li fuqu kien maħluq dan il-proġett kien propju li jgħallem lil awtoritajiet lokali u ċ-ċittadini biex ikunu konxji dwar l-impatt negattiv li jħallu l-isterjotipi. B'hekk il-pubbliku ikun jista' jara u jgawdi min aktar produttivita', b'riżultat ta' soċjeta' aktar inklużiva li tħaddan il-parteċipazzjoni taż-żewġ ġeneri.

Il-proġett huwa mmirat sabiex isaħħaħ l-impatt ta' l-integrazzjoni tal-ġeneru fuq livell komunitarju u sabiex l-imsieħba lil hinn mill-fruntieri ikunu jistgħu jaqsmu l-għarfien illi jkunu kisbu permezz ta' l-istudju li jkun sar. Dan jiżgura illi l-eżempji tajbin ikunu jistgħu ikunu replikati f'diversi pajjiżi imsieħba.

### *5.3.2. L-Istadji tal-Proġett*

*Konferenzi:*

- L-ewwel konferenza internazzjonali saret f'Jannar tas-sena 2007 sabiex tkun żviluppata l-metodoloġija tar-riċerka tal-Proġett;
- Laqgħa mal-Kunsilliera f'Settembru 2007;

*Taħriġ:*

- Taħriġ għal-kantanti/mużiċisti u artisti: 10 kantanti lokali magħrufin kienu mħarrġa minn esperta dwar l-Ugwaljanza.
- Taħriġ offrut lil *Trainers* ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru
- Taħriġ għall-Pubbliku ġenerali u l-membri ta' l-għaqdiet lokali
- Taħriġ għall-membri tal-kunsilli lokali

*Riċerka:*

Saret riċerka fuq prattiċi tajbin għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza fil-pajjiżi imsieħba kollha, fejn ġew identifikati eżempji tajba biex jintużaw għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fuq livell lokali;

*Kampanja ta' Għarfien:*

- Riklami televiżivi u parteċipazzjoni matul programmi fuq il-mezzi tax-xandir:
- Il-proġett ingħata promozzjoni fuq il-programm "Flimkien", imxandar wara nofsinhar fuq *Smash Television*, fejn ġew interpretati il-kanzunetti waħda waħda tul l-iskeda tal-programm.
- Il-Konferenza Stampa illi saret fl-aħħar ta' Lulju, varat CD bi tnax-il kanzunetta dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dawn il-kanzunetti inħolqu speċifikament għall-proġett.
- Il-koordinatur tal-proġett ipparteċipat fi programm fuq ir-radju fejn kienu reklamati l-kanzunetti tal-proġett
- Il-kantanti ipparteċipaw f'diversi attivitajiet lokali dwar Malta u Għawdex matul l-istaġun tas-Sajf.
- F'Lulju ġie varat sit elettroniku marbut mall-Proġett bil-lingwi kollha ta' l-imsieħba. Dan is-sit joffri dettalji dwar l-għanjiet tal-proġett, kalendarju ta' ġrajjiet, kif ukoll applikazzjoni għat-taħriġ. Wieħed jista jniżżel ukoll il-kanzunetti min fuq dan is-sit elettroniku.

- Riklami fuq il-gazzetti lokali kollha
- Produzzjoni u xandir ta' reklami televiżivi
- Wirja fejn ġew esposti il-prattiċi tajbin għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, li ġew identifikati fil-pajjiżi imsieħba.

### *5.3.3. Riżultati*

*Riżultati sa l-aħħar ta' l-2007:*

- Għaxar kantanti kienu imħarrġa minn esperta fuq l-ugwaljanza;
- Tnax-il *Trainer* ta' l-ugwaljanza dwar il-Ġeneru ingħataw taħriġ ta' għoxrin siegħa;
- 193 ċittadin kienu imħarrġa għal sagħtejn kull wieħed;
- 22 delegati tal-Kunsilli Lokali kienu imħarrġa għal minimu ta' erba' sigħat kull wieħed.

| ***Nies li ġew imħarrġa*** | **Total ta' Parteċipanti** | **Numru ta' Parteċipanti Maskili** | **Numru ta' Parteċipanti Femminili** |
|---|---|---|---|
| Kantanti, Mużiċisti u Artisti | 12 | 7 | 5 |
| *Trainers* dwar l-Ugwaljanza | 12 | 1 | 11 |
| Delegati tal-Kunsilli Lokali f' Malta u Għawdex | 23 | 10 | 13 |
| Ċittadini | 193 | 41 | 152 |

*Sejbiet mir-Riċerka:*

Ir-riċerka identifikat numru ta' eżempji tajbin għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza. Saret riċerka dettaljata dwar tnejn mill-eżempji tajbin għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza, illi kienu magħżula mill-pajjizi imsieħba. Ftit mill-eżempji tajbin

jinkludu l-promozzjoni ta' l-inklużjoni taż-żewġ ġeneri fl-edukazzjoni, attivitajiet kulturali u sport, kumitati magħmula miż-żewġ ġeneri, promozzjoni ta' l-intrapriża femminili permezz tat-turiżmu sostenibbli, miżuri li jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja familjari ma` dik tax-xogħol, kif ukoll il-promozzjoni tal-politika favur l-opportunitajiet indaqs, u l-Kumitati għall-Opportunitajiet Indaqs.

## 5.4. FSE/Numru 48 Insaħħu l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'Livell Nazzjonali

L-għan tal-proġett FSE/Numru 48 – "Insaħħu l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'Livell Nazzjonali" huwa, li jgħin biex tiżdied ir-rata tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, biex b'hekk ikun hemm żieda fin-numru ta nies jaħdmu f'Malta. Dan il-proġett jindirizza kull forma ta' diskriminazzjoni, kemm dik diretta u indiretta, kif ukoll jiffoka fuq il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza f'kull qasam ta' attivitajiet għan-nisa u għall-irġiel. Dan il-proġett huwa kontinwazzjoni ta' proġett ieħor FSE/Numru 23 bl-isem ta' "l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi – Id-Direzzjoni għall-Ġejjieni". Il-proġett FSE/Numru 48 "Insaħħu l-Integrazzjoni tal-Prinċipju ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'Livell Nazzjonali" jkompli jibni fuq il-kunċett ta' l-Integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur pubbliku u dak privat.

*Fondi* – Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea u parzjalment mill-Gvern ta' Malta. Fil-fatt 75% tal-fondi ġejjin mill-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006 u 25% huwa finanzjat mill-Gvern ta' Malta.

Dan il-proġett li ġie varat fl-2007 u huwa mistenni jispiċċa fil-bidu ta' l-2008, huwa mmexxi mill-NCPE mingħajr imsieħba.

### *5.4.1. Għanijiet*

Dan il-proġett għandu l-għan li jżid l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u jgħin biex tinkiseb l-ugwaljanza tal-ġeneru. Il-proġett għandu l-skop ukoll li jipprovdi prattiċi tajbin biex jintlaħqu l-obbligazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan il-proġett huwa maħsub speċifikament għal; diretturi, regolaturi, maniġers tar-riżorsi umani u korpi ta' l-ugwaljanza bil-ħsieb li dawn jaġġornaw il-mod ta' tmexxija tagħhom.

'L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi ġiet definita bħala 'ir-(ri)organizzazzjoni, titjib, żviluppar u evalwazzjoni ta' *policy processes*, u dan sabiex l-ugwaljanza tal-ġeneru tiġi inkorporata f'kull *policy* , f'kull livell u f'kull stadju minn nies li huma normalment involuti f' *policy-making*.'

L-istrateġija għall-integrazzjoni tal-ġeneru mhix immirata biex tbiddel lin-nisa u l-irġiel, imma pjuttost biex taċċetta is-sitwazzjonijiet differenti tagħhom, il-prijoritajiet u n-neċessitajiet tagħhom li għandhom l-istess importanza. Dan huwa l-punt ta' tluq għal titjib f'organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet biex ikunu ugwali.

Dan kollu qed jiġi imwettaq permezz ta' sezzjonijiet ta' taħriġ li qed jiġu offruti lill-persuni responsabbli għall-implementazzjoni ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li l-pubbliku ġenerali qed jiġi mgħarraf fuq is-suġġett, u b'hekk tinħoloq aktar kuxjenza dwar diskriminazzjoni diretta u indiretta.

Minn barra dan, il-proġett huwa ntiż biex jgħallem lil min iħaddem fis-settur privat, kif jitnaqqsu d-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel fid-dinja tax-xogħol. Dan qed isir permezz ta' materjal li ser jiġi mqassam biex lid-diretturi, *policy makers,* maniġers tar-riżorsi umani, korpi ta' l-ugwaljanza u l-pubbliku ġenerali.

### ***5.4.2. L-Istadji tal-Proġett***

*Kampanja ta' Għarfien:*

- Il-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' ġabra ta' informazzjoni, maħluqa speċifikament għad-diretturi, *policy makers* u maniġers tar-riżorsi umani li se jiġi mqassma f' kumpaniji privati f'Malta u f'Għawdex.
- Il-produzzjoni u pubblikazzjoni ta' fuljett fuq il-kunċett ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru li se jiġi mqassam fid-djar kollha f'Malta u f'Għawdex.
- Pubbliċita' fil-gazzetti lokali sabiex tinxtered informazzjoni fuq l-għanijiet tal-proġett, li huwa dak li jiġu promossi inizjattivi dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u/jew il-benefiċċji ta' l-introduzzjoni ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tan-negozju.
- Aspett innovattiv tal-proġett huwa l-użu ta' *cartoons* sabiex jiffaċilitaw il-messaġġ. Dawn il-*cartoons* ser jidhru fuq il-ġabra ta' informazzjoni, il-fuljett u pubbliċita' fil-gazzetti.
- Sezzjonijiet ta' taħriġ biex inkomplu nippromwovu l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljnza bejn is-sessi lid-diretturi, maniġers u *policy makers* kemm għas-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Dawn is-sezzjonijiet ser isiru fil-bidu tas-sena 2008.
- Sezzjonijiet ta' taħriġ biex nippromwovu l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi mal-Kumitati ta' l-Ugwaljanza fi ħdan kull ministeru tal-gvern li huma intiżi għal 2008.

### *5.4.3. Riżultati*

*Publikazzjonijiet:*

Ser jiġu ippublikati fuljett u ġabra ta' informazzjoni fuq l-ugwaljanza tal-ġeneru bl-għan li jinħoloq għarfien fost il-poplu fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza tal-ġeneru. Dan biex inkomplu nispjegaw il-proċess ta' implimentazzjoni ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-publikazzjonijiet ser jinkludu *cartoon designs* sabiex jelenkaw il-messaġġ tal-proġett.

*Tip ta' Pubblikazzjoni:*

- Fuljett b'informazzjoni bl-għan li jħaddan il-prinċipju ta' l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi f'kull dar.
- Ġabra ta' informazzjoni fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi għal kumpaniji privati kollha.

## 5.5. <u>In-Nisa fl-Iżvilupp Soċjali – Women in Development VP/2005/021 (W. in D.)</u>

Il-proġett 'In-Nisa fl-Iżvilupp Soċjali' kien ikkoordinat mid-*Dipatimento per I Diritti e le Pari Opportunita'* ta' l-Italja, fil-waqt li l-NCPE kienet waħda mill-imsieħba trans-nazzjonali. Flimkien f'dan il-proġett kien hemm jieħdu sehem *l-European Policies Research Centre* (EPRC) ta' l-iSkozja u l-*Institut de Governo I Politique Publique* ta' Spanja. Dan il-proġett kien iffinanzjat mil-Istrateġija tal-Qafas tal-Kommunita' fuq l-Ugwaljanza bejn is-sessi.

### *5.5.1. Għanijiet*

L-għan ta' dan il-proġett kien li jsaħħaħ u jikkonsolida dawk l-istrateġiji li jġibu l-quddiem il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi ta' żvilupp lokali, kif ukoll li joħloq metodu integru li jgħin fl-introduzzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-proċess ta' żvilupp lokali. L-għan finali ta' dan il-proġett huwa li l-proċess ta' żvilupp lokali jibda jkun ikkunsidrat mill-aspett ta' opportunitajiet indaqs fuq bażi ta' ġeneru kif ukoll, mill-aspett ta' l-introduzzjoni tal-prinċipju ta'l-ugwaljanza bejn is-sessi.

### *5.5.2. L-Istadji tal-Proġett*

Matul din is-sena l-NCPE ippartecipat fi tliet laqgħat tal-kumitat tat-tmexxija li seħħew f'Ruma nhar id-19 ta' Marzu, is-16 ta' Lulju u il-11 ta' Ottubru. Matul dawn il-laqgħat l-imsieħba iddiskutew il-koordinazzjoni ġenerali tal-proġett kif ukoll is-sitwazzjoni tal-kull pajjiż rigward ir-riċerka u r-rapporti relatati ma l-istess proġett.

Nhar is-16 ta' Ġunju ġie organizzat *Panel Meeting* ġewwa lukanda lokali. Għal din il-laqgħa attendew l-imsieħba Taljani flimkien ma' l-entitajiet Maltin fosthom; Kunsilli Lokali, li kienu taw sehemhom sabiex tkun żviluppata ir-riċerka u r-rapport Malti. L-għan ta' din il-laqgħa kien propju dak li tinħoloq diskussjoni fejn fiha jsir skambju ta' l-ideat min kull parteċipant, rigward l-ugwaljanza tal-ġeneru kif ukoll dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Nhar it-13 ta' Diċembru ġiet orġanizzata l-konferenza aħħarija f'Ruma. Matul din il-konferenza li fiha attendew l-imsieħba kollha, kienu ġew ippreżentati ir-riżultati tar-riċerka kif ukoll il-publikazzjonijiet li kienu ħarġu minn dan il-proġett.

*Riċerka:*

- Ġiet żviluppata riċerka msemmija *Analiżi komparattiva tal-kuntesti u l-esperjenzi ta' żvilupp lokali fl-Ewropa,* li ħarset lejn l-istrateġiji li qed jgħinu fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess ta' żvilupp lokali.
- Ir-riżultati ta' din ir-riċerka wasslu għad-disinn u l-implementazzjoni tal-*mudell ta' intervent Ewropew.*
- Finalment ġew żviluppati u ppublikati linji gwida ta' l-aqwa prattiċi li ġew ippreżentati forma ta' manwal.

F'dan il-proġett, ir-rwol primarju ta'l-NCPE kien dak li titwettaq riċerka dwar l-aqwa prattiċi li nsibu fil-livell lokali u li jistgħu jkunu implimentati f'partijiet oħra fl-Ewropa. Din ir-riċerka li ġiet iffinalizzata f'Settembru 2007 saret biex tisħaq dejjem aktar l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi.

### *5.5.3. Riżultati*

Matul dan il-proġett, l-NCPE żviluppat rapport dwar riċerka lokali li kienet saret fuq dawk il-prattiċi lokali tajbin li taw kontribut fl-iżvilupp tal-*mudell ta' intervent Ewropew*. Dan ir-rapport dwar ir-riċerka lokali flimkien ma' sitt rapporti oħra kienu ippublikati u preżentati waqt il-konferenza finali tal-proġett W.in.D.

| | |
|---|---|
| **Lista ta' publikazzjonijiet li ħarġu minn dan il-Proġett.** | *The promotion of Gender Equality in local Development in Italy* |
| | *The promotion of Gender Equality in local Development in Malta* |
| | *The promotion of Gender Equality in local Development in Scotland* |
| | *The promotion of Gender Equality in local Development in Spain* |
| | *The Introduction of a Gender Perspective in the Local Development Process* |
| | *Gender Mainstreaming and Female participation in Local Development Process* |
| | *Strategies and Experiences in the Local Development Process at the European Level* |

## 5.6. FSE No/46- L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali

L-għan prinċipali ta' dan il-Proġett huwa illi jindirizza l-barrieri strutturali fuq bażi tal-ġeneru fil-liġi Maltija. Għal dan il-għan, saret analiżi ta' diversi Kodiċi u Atti. Minbarra dan, ġew żviluppati tliet tipi ta' għodda ta' tagħlim illi huma indirizzati lejn il-maniġers tas-settur pubbliku u dak privat, lejn min iħaddem, u lejn dawk illi jipprovdu servizzi legali, inkluż dawk illi jfasslu l-liġijet, kif ukoll studenti tal-liġi. L-NCPE hija l-imsieħba prinċipali ta' dan il-proġett.

*Fondi*- Dan il-proġett huwa parzjalment finanzjat mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea u ko-finanzjat mill-Gvern ta' Malta. 75% huma finanzjati mill-Fondi Strutturali ta' L-Unjoni Ewropea għal Malta 2004-2006 u 25% mill-Gvern Malti.

### *5.6.1. Għanjiet*

Il-ħsieb ta' dan il-proġett huwa li jżid il-parteċipazzjoni u l-avvanz tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, primarjament permezz tat-tneħħija ta' l-ostakli li jeżistu f'numru ta' Kodiċi u Atti fil-Liġi Maltija, u li qegħdin iżommu lin-nisa milli jibqgħu/javvanzaw fid-dinja tax-xogħol. Il-proġett qiegħed ukoll jipprovdi taħriġ u tixrid tar-riżultati illi jkun kiseb.

Il-proġett żviluppa fuq l-idea ta' l-integrazzjoni tal-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'diversi Kodiċi u Atti illi jiffurmaw parti mil-Liġi Maltija. Huwa wkoll immirat sabiex ikompli jtenni l-iżvilupp tal-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq livell nazzjonali, u anke sabiex joħloq aktar kuxjenza fost il-leġiżlaturi, dawk li jipprovdu servizzi legali, u maniġers tar-riżorsi umani.

### *5.6.2. L-Istadji tal-Proġett*

Il-Proġett huwa mfassal fuq erba` (4) komponenti:

1) Studju tal-liġi dwar l-edukazzjoni, l-impjieg u t-taħriġ, is-sigurta` soċjali u t-taxxa, il-liġi kriminali, ċivili u l-liġi tal-familja;
2) Żvilupp ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-liġi Maltija sabiex tkun imħeġġa l-ugwaljanza fl-oqsma u fl-attivitajiet kollha;
3) Sessjonijiet ta' taħriġ għall-leġiżlaturi, individwi u entitajiet li jipprovdu servizzi legali; (speċjalment għal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' tfassil ta' liġijiet);

4) Taħriġ għall-maniġers tar-riżorsi umani fis-setturi pubbliċi u privati dwar il-prinċipju ta' l-integrazzjoni tal-perspettiva ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll dwar il-liġijiet Maltin u dawk Ewropej.

*Taħriġ:*

Is-sezzjonijiet ta' taħriġ għall-proġett fuq imsemmi huma ippjanati li jsiru matul l-ewwel erba' xhur tas-sena 2008.

*Kampanja ta' Għarfien:*

- Kampanja edukattiva fuq il-gazzetti li tolqot lill-pubbliku ġenerali, ibbażata fuq ir-riċerka illi ser issir matul l-ewwel erba` xhur tas-sena 2008.
- Tliet tipi ta' għodda ta' tagħlim qed jiġu imfassla u huma immirati lejn:
  - Maniġers tar-Riżorsi Umani/Diretturi fis-settur Pubbliku;
  - Maniġers tar-Riżorsi Umani/Diretturi fis-settur Privat;
  - Dawk li jipprovdu servizzi legali (inklużi dawk illi jfasslu l-liġijiet)

Dawn it-tliet tipi ta' għodda ta' tagħlim ser ikunu użati waqt is-sezzjonijiet ta' taħriġ, ippjanati għall-ewwel erba` xhur tas-sena 2008.

### 5.7. <u>Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversita` VT/2003/009</u>

Fl-2006, il-*Human European Consultancy* b'kollaborazzjoni mal-*Migration Policy Group* kienu tefgħu proposta sabiex jibbenefikaw minn skema ta' fondi msejħa VT/2006/009 – Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversita`. Fl-istess waqt avviċinaw lill-NCPE sabiex tkun il-koordinatur Malti ta' din l-istess proposta. Dan il-proġett se jipprovdi taħriġ fuq l-anti-diskriminazzjoni u d-diversita' f'madwar 31 pajjiż Ewropew (l-Istati Membri ta' l-UE flimkien ma' l-Islanda, Liechtenstein, in-Norveġja u t-Turkija).

### 5.7.1. Għanijiet

Bħala koordinatur nazzjonali, l-NCPE kellha l-obbligu li torganizza żewġ seminars ta' jumejn għall-għaqdiet mhux governattivi u għat-*Trade Unions* sabiex toħloq kuxjenza fi ħdan dawn l-għaqdiet dwar politika kontra kull diskriminazzjoni, fl-istess waqt kellha ukoll torganizza seminar ta' ġurnata immirat lejn l-għaqdiet ta' min iħaddem u għal kull tip ta' kumpaniji li nsibu kemm fis-settur publiku kif ukoll f'dak privat. Dawn is-seminars qegħdin ikunu organizzati bl-għan li nsaħħu t-tagħlim kontra d-diskriminazzjoni.

### 5.7.2. L-istadji tal-Proġett

F'Novembru li għadda ġie organizzat seminar ta' jumejn li għalih attendew diversi għaqdiet mhux governattivi kif ukoll *Trade Unions*. Huwa ippjanat li bejn Jannar u Marzu ta' 2008 l-istess parteċipanti ser jerġgħu ikunu mistiedna għat-tieni seminar ta' jumejn. Dawn is-seminars ingħataw minn sitt *trainers* Maltin li kollha kienu ġew imħarrġa tajjeb matul proġett ieħor li kien iffinanzjat mill-Unioni Ewropea.

Fi Frar ta' l-2008 se jiġi organizzat seminar ta' ġurnata dwar kif is-soċjeta' għandha tħaddan id-diversita`. Għal dan is-seminar ser ikunu mistiedna l-għaqdiet ta' min iħaddem u l-kumpaniji fis-settur publiku kif ukoll f'dak privat. Dan is-seminar qiegħed ikun ikkordinat minn *trainer* Malti bl-għajnuna ta' *trainer* internazzjonali.

### 5.7.3. Riżultati

F' Novembru li għadda, matul l-ewwel seminar li kien jittratta temi kontra d-diskriminazzjoni, l-NCPE kienet tat l-opportunita` lil diversi għaqdiet mhux

governattivi kif ukoll *Trade Unions* sabiex iwessgħu u jiżviluppaw l-għerf tagħhom rigward kull tip ta'diskriminazzjoni.

| Dati tas-seminar | In-numru ta' parteċipanti irġiel li attendew | In-numru ta' parteċipanti nisa li attendew | Numru totali ta' parteċipanti |
|---|---|---|---|
| 16 ta' Novembru | 13 | 21 | 34 |
| 17 ta' Novembru | 9 | 21 | 30 |

## 5.8. Id-Distakk fil-Ġeneru fix-Xjenza u t-Teknologija f'Malta – Nindirizzaw is-Sitwazzjoni

Dan il-proġett li kien iffinanzjat minn UNESCO Malta kien sforz konġunt bejn l-NCPE bħala msieħba prinċipali, l-Universita' ta' Malta u l-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC). L-għan ta' dan il-proġett kien li tiġi evalwata l-problema tad-distakk fil-ġeneru fix-xjenza u t-teknoloġija f'Malta u li jingħataw rakkomandazzjonijiet fuq kif l-aħjar tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni.

### *5.8.1. Għanijiet*

Dan il-proġett kellu żewġ għanijiet prinċipali:

1) L-ewwel għan kien dak li tinġabar l-istatistika u informazzjoni oħra fuq id-differenzi bejn il-ġeneru fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija f' Malta.
2) It-tieni skop ta' dan il-proġett kien li jiġu żviluppati eżerċizzji sabiex jinħoloq għarfien fost studenti, edukaturi, ġenituri u l-pubbliku ġenerali sabiex jiġi megħluba l-isterjotipi tal-ġeneru fix-xjenza.

### *5.8.2. L-Istadji tal-Proġett*

Dan il-proġett kien jikkonsisti fi tlett azzjonijiet prinċipali.

*L-Ewwel Azzjoni – Ġabra ta' Statistika*

Matul l-ewwel parti ta' dan l-istudju, ġiet miġbura informazzjoni fuq il-perspettiva tal-karrieri fix-xjenza u taħriġ terzjarju fix-xjenza. Parti minn din l-informazzjoni kienet diga' teżisti minn diversi sorsi, iżda kienet sparsa ħafna. Ġie impjegat koordinatur responsabbli mill-iżvilupp ta' *database* u tal-koordinazzjoni tax-xogħol fuq livell nazzjonali.

*It-Tieni Azzjoni – Sezzjonijiet ta' Informazzjoni*

Matul it-twettiq ta' dan il-proġett ġew organizzati sezzjonijiet ta' informazzjoni li ingħataw lill-għalliema tax-xjenza, għalliema tal-*guidance*, studenti ta' l-iskola sekondarja u ġenituri. Dawn is-sezzjonijiet kienu parti minn seminars organizzati ġo skejjel u li ingħataw lill-għalliema li kienu jgħallmu tfal li kienu waslu biex jagħmlu l-għażla tas-suġġetti tat-tieni sena ta' l-iskola sekondarja.

*It-Tielet Azzjoni – Pubblikazzjoni tar-riżultati finali u l-konferenza ta' l-aħħar*

Ir-Rapport finali kien ġie ippreżentat lill-pubbliku ġenerali fit-30 ta' Mejju 2007 waqt il-konferenza finali. Għal din il-konferenza, kienu mistiedna; għalliema tal-PSD, għalliema tax-xjenza u kapijiet ta' skejjel. Matul din il-laqgħa, kienu ippreżentati ir-riżultati tar-riċerka miġbura tul dan il-proġett. Ġew identifikati eżempji ta' gwida kif ukoll ġiet diskussa l-possibilta' li jiġu replikati dawn l-eżempji tajbin. Eżempju ta' prattika tajba li ħareġ min dan il-proġett huwa il-klabb ta' xjenza li kien jiltaqa matul il-ħin tal-break fil-Junior Lyceum taż-Żejtun, bl-għan li x-xjenza ssir suġġett iktar interessanti għall-istudenti.

### 5.8.3. Riżultati

| | |
|---|---|
| **Riżultati tal-Proġett** | Rapport ta' Riċerka |
| | |
| **Parteċipanti tal-Konferenza** | 26 Raġel; 93 Mara |

## 5.9. L-Identifikazzjoni tal-Miżuri Tajbin għal-Implimentazzjoni tad-Direttivi dwar ir-Razza u l-Etniċita`

Fl-2006, l-NCPE issottomettiet il-proposti tagħha dwar proġett bl-intenzjoni li twassal għarfien fuq Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE **-** li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità. Dan it-tagħrif kellu jitwassal permezz ta' tfassil ta' għodda ta' tagħlim dwar id-diversi liġijiet u direttivi relatati ma' dan is-suġġett. Il-Proġett kien parzjalment iffinanzjat mill-Ambaxxata Rjali Olandiża f'Malta.

### *5.9.1. Għanjiet*

L-għan ta' dan il-Proġett kien l-iżvilupp ta' għodda ta' tagħlim/manwal illi jiffaċilita x-xogħol ta' min iħaddem meta jkun qiegħed jimplimenta d-Direttiva 2000/43/KE u liġijiet prinċipali u sussidjarji oħra.

### *5.9.2. L-Istadji tal-Proġett*

L-għodda ta' tagħlim, bl-isem ta' "*Race and Ethnic Origin Equality Manual*" se tiġi mqassma lill-uffiċjali għolja kollha tas-settur pubbliku, parastatali u s-settur privat,

kif ukoll lill-kumitati governattivi, bl-għan li titwessa l-bażi ta' l-għarfien lil hinn mill-Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, u sabiex ikunu koperti l-oqsma l-oħra tad-diskriminazzjoni, l-aktar ir-razza u l-etniċita`. L-għodda ta' tagħlim ser tkun imqassma wkoll lill-Membri Parlamentari, Membi tal-Ġudikatura, u Segretarji Permanenti, kif ukoll lill-mezzi tax-xandir, sabiex tinħoloq kuxjenza dwar il-bżonn ta' l-ugwaljanza bl-aktar mod wiesgħa possibbli.

# 6. Riċerka u Pubblikazzjonijiet

## 6.1. Introduzzjoni

Ir-riċerka hija suġġett ċentrali għall-Kummissjoni u din titwettaq permezz tal-proġetti li l-Kummissjoni tieħu sehem fihom, kif ukoll bħala parti ċentrali mix-xogħol ta' l-NCPE. Permezz tar-riċerka, l-Kummissjoni tifhem aħjar is-sitwazzjoni lokali u dik internazzjonali fejn jidħlu l-aspetti ta' ġeneru u razza. Ir-riċerka tgħin ukoll biex il-pożizzjoni tal-Kummissjoni tissaħħaħ f'kumitati nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

## 6.2. Publikazzjonijiet

### *6.2.1. 'Ommijiet waħedhom u l-benefiċċji soċjali' (NCPE)*

Dan id-dokument inkiteb mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tinġabar informazzjoni dwar l-ommijiet waħidhom u kif inhuma affetwati mill-benefiċċji soċjali biex b'hekk jinbdew diskussjonijiet dwar jekk l-iskemi kurrenti ta' benefiċċji soċjali humhiex fil-fatt iwasslu biex in-nisa jkunu aktar viċin il-linja tal-faqar. Meta ġie mqabbel id-dħul mill-benefiċċji socjali mogħtija, mal-paga minima, ħareġ ċar kemm fil-fatt is-sistema kif inhi ma tħajjarx lil dawn in-nisa biex joħorġu jaħdmu. Fil-fatt ġie konkluż li s-sistema għandha tkun waħda li titnaqqas ftit ftit biex tinkoraġġixxi ommijiet waħedhom, jitħajru joħorġu jaħdmu meta l-wild tagħhom ikun ta' eta' li jibda jattendi l-iskola.

### *6.2.2. Il-Fuljett: 'Id-Diversita` issaħħaħna, waqqaf id-Diskriminazzjoni Issa – Magħqudin fid-Diversita``.*

Il-fuljett *Id-Diversita` issaħħaħna* ġie ippubblikat bil-għan li jinforma lill-pubbliku dwar il-benefiċċji li tista` toffri d-Diversita` fis-soċjeta ta` madwarna. F'dan il-fuljett li huwa mitwi għal ħames darbiet, insibu spjegazzjoni ta' x'irridu nifhmu bi kliem bħal Ugwaljanza u Diversita', fl-istess waqt jagħmel distinzjoni ċara bejn x'jigifieri diskriminazzjoni diretta, diskriminazzjoni indiretta u diskriminazzjoni multipla. Sabiex ikunu spjegati aħjar is-sitt oqsma li fuqhom isseħħ id-diskriminazzjoni, ġew miktuba xi biżgħat u idejat foloz segwiti minn fatti u realtajiet dwar kull qasam. Dan il-fuljett kien ġie mqassam matul konferenza finali tas-Sena għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, kif ukoll ġew mogħtija diversi kopji lill-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet pubbliċi.

### *6.2.3. Rapport Finali: 'Mużajk – Magħqudin fid-Diversita`'*

Ir-Rapport finali dwar il-proġett *Mużajk – Maqgħudin fid-Diversita`*, ser jagħti stampa ċara dwar l-attivitajiet varji li kienu ġew organiżżati matul dan il-proġett. Fl-istess rapport insibu informazzjoni siewja dwar l-għanijiet tal-proġett, il-kampanja pubbliċitarja kif ukoll informazzjoni dwar ix-xirka Mużajk (Mosaic Network)

### *6.2.4. CD 'Differenti u Ugwali'*

Dawn ic-CDs kienu imqassmin lill-istazzjonijiet tar-radju. It-temi ta` dawn id-diski jinkludu l-bilanċ bejn xogħol u familja, parteċipazzjoni taż-żewġ ġeneri fil-komunita`, l-aspirazzjonijiet tal-karriera irrispettivament mill-ġeneru, l-importanza tal-medja fuq il-promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, kif ukoll l-importanza tat-tagħlim matul il-ħajja.

#### *6.2.5. Rapport dwar ir-Riċerka- 'Inwasslu l-Ugwaljanza Bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Komunitajiet Lokali'*

Sabiex ikomplu jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett, sar studju bħala parti mill-attivitajiet. Din ir-riċerka se tiġi pubblikata fil bidu ta l-2008. Ħames pajjiżi kienu involuti fil-Proġett: Malta, l-Italja, il-Kroazja, il-Greċja u l-Portugall.

#### *6.2.6. Rapport ta' riċerka bl-isem ta' 'Id-Distakk fil-Ġeneru fix-Xjenza u t-Teknologija f'Malta – Nevalwaw il-problema u nindirizzaw is-Suġġetti' (Id-Distakk fil-Ġeneru fix-Xjenza u t-Teknologija f'Malta – Nindirizzaw is-Suġġetti).*

Din il-pubblikazzjoni kienet miġbura minn riċerkatur ikkummissjonat f' isem l-NCPE u kien imqassam fit-30 ta' Mejju 2007 fil-konferenza finali ta' l-istess proġett.

### 6.3. Riċerka li saret bħala parti mix-xogħol ċentrali tal-Kummissjoni

#### *6.3.1. Kumitati*

Il-Kummissjoni tirrappreżenta lil Malta fuq diversi kumitati kemm fuq livell lokali kif ukoll fl-UE. F'dawn ir-rappreżentazzjonijiet, il-Kummissjoni tagħti l-opinjoni tagħha dwar bosta inizjattivi. Fost dawn il-Kumitati insibu:

- ***High Level Group*** **ta' l-UE dwar Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irgiel (HLG)**

Dan il-grupp huwa għodda importanti ta' diskussjoni informali u qsim ta' idejat dwar eżempji ta' prattiċi tajbin u esperjenzi. Permezz t'hekk tittejjeb ir-relazzjoni bejn politka nazzjonali u dwar l-ugwaljanza flimkien ma' strateġiji għal integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq livell nazzjonali. Il-

*High Level Group* huwa l-moħħ wara l-ippjanar ta' strateġiji li seħħew wara l-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing, inkluż ukoll indikaturi f'diversi oqsma.

- ***Bureau and Steering Committee for Equality between Women and Men*** **(*CDEG) – Kunsill ta' l-Ewropa***

Dan huwa l-korp intergovernmentali li huwa responsabbli biex jiddefinixxi, jistimula u jmexxi l-azzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa biex jippromwovi l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dan il-kumitat jimxi skond l-istituzzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri, fejn jiġu mgħoddija ukoll ir-rapporti u l-proposti tal-CDEG. Il-Membri fi ħdan dan il-Kumitat ġew maħtura mill-gvern ta' kull stat membru fl-organizzazzjoni.

- ***Il-Kumitat li jagħti pariri dwar l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel***

Ir-rwol u l-ħatra ta' dan il-Kumitat joħroġ direttament mill-proviżjonijiet fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 82/43/EEC ta' 1981. Ix-xogħol prinċipali ta' dan il-Kumitat huwa li jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar kif l-aħjar għandhom jiġu implimentati miżuri bl-għan li tintlaħaq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, kif ukoll biex iħeġġeġ i-tpartit ta' informazzjoni mill-esperjenza tal-membri varji fil-Kumitat. Dan il-Kumitat mhux biss jgħaqqad rappreżentanti ta' Korpi Nazzjonali li jaħdmu għall-Ugwaljanza u l-Imsieħba Soċjali, iżda ukoll jagħti pariri u jissorvelja l-iżvilupp tal-politka dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

- ***Kunsill Malti għall-Ekonomija u Żvilupp (MCESD)***

Il-Kumissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza hija parti mill-Kumitat ts-Soċjeta' Ċivili fi ħdan l-MCESD, u tipparteċipa fil-laqgħat organizzati minn dan l-istess Kunsill. Fost is-suġġetti li ġew diskussi f'dawn il-laqgħat insibu: l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri favur il-familja, il-liġijiet u d-direzzjoni politka tax-xogħol u d-differenzi soċjo-demografiċi fis-soċjeta' Maltija.

### *6.3.2. Kwestjonarji*

Matul din is-sena l-Kummissjoni rċeviet diversi kwestjonarji mill-UE u Korpi Internazzjonali oħra biex tagħti informazzjoni dwar diversi aspetti importanti. Dawn il-kwestjonarji jgħinu lill-Kummissjoni mhux biss minn perspettiva ta' riċerka, iżda ukoll biex tagħraf punti importanti, toħloq jew temenda regolameti, kif ukoll xi drabi jservu ta' bażi għall-proġetti.

Il-Kwestjonarji li jmiss intbagħtu mill-*High Level Group* ta l-UE (HLG). Il-Kummissjoni tat ir-risposti tagħha fejn spjegat is-sitwazzjoni Maltija fuq is-suġġett.

- '**Girl Child'** - kien kwestjonarju dwar it-titjib tal-livell ta' għixien tal-bniet, opportunitajiet soċjali kif ukoll gruppi soċjali marġinalizzati. L-indikaturi li ntbagħtu kienu fil-qasam ta' l-edukazzjoni (differenzi bejn is-sessi fil-qasam xjentifiku), taħriġ u vokazzjoni (differenzi bejn is-sessi fl-għotja ta' tagħlim u taħriġ, żagħżagħ li jitilqu ta' eta' żgħira mill-iskejjel) u saħħa u soċjo-kultura (tagħlim dwar żvilupp personali, tagħlim dwar il-medja u mezzi ġodda ta' komunikazzjoni u protezzjoni kontra kontenut li jista' jagħmel ħsara).
- **Nisa f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet** - Dan il-kwestjonarju kellu l-għan li jiġbor informazzjoni dwar nisa f'pożizzjonijiet għolja fis-settur pubbliku u fl-isfera politika. Barra minn hekk intalbet ukoll informazzjoni dwar regolamenti li jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa (Servizz

Pubbliku, Parlament, Kunsilli Lokali, Kummissjoni Ewropea, Qrati, Qorti Ewropea għall-Ġustizzja/u l-*Court of First Instance*).

- Il-Kwestjonarju **In-Nisa u l-Faqar** kellu l-għan li jara jekk il-ġeneru għandux sehem fit-tfassil ta' regoli li jindirizzaw il-faqar fost in-nisa. Barra minn hekk inġabret ukoll informazzjoni dwar indikaturi fuq kemm, u x'inhuma r-raġunijiet tal-faqar fost in-nisa. Fost il-mistoqsijiet kien hemm dawk dwar il-kwalita' tal-ħajja tan-nisa f'dak li huwa l-qasam tad-djar, suq tax-xogħol, protezzjoni soċjali, saħħa, edukazzjoni u taħriġ, riżorsi ekonomiċi, ħajja fil-familja u sehem soċjali.
- Il-Kummissjoni irċeviet ukoll kwestjonarju mill-*Euro Mediterranean Partnership* li fih insibu 35 membru: 25 stat membru ta' l-UE, u 10 imsieħba Mediterranji (l-Alġerija, l-Eġittu, Israel, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Marokk, l-Awtorita' Palestinjana, is-Sirja, it-Tuneżija u t-Turkija). Malta daħlet f'dan il-*partnership* hekk kif saret membru sħiħ ta' l-UE fl-2004.
- Wara l-Konferenza dwar It-Tisħiħ tar-Rwol tan-Nisa fis-Soċjeta' (Istanbul 2006), l-imsieħba fil-Euromed inkluż Malta, intalbu jirrispondu kwestjonarju dwar it-tliet aspetti prinċipali tal-konklużjonijiet tal-konferenza: id-drittijiet politiċi u ċivili tan-nisa, id-drittijiet soċjali u ekonomiċi tan-nisa u l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tan-nisa fl-isfera kulturali, u r-rwol tal-komunikazzjoni u *mass media*. Inkiteb rapport li minbarra li jinkludi l-informazzjoni ta' kull pajjiż, jispjega ukoll li, huwa permezz ta' l-inklużjoni ta' kull persuna u permezz ta' azzjoni effettiva, in-nisa tar-reġjun ikunu jistgħu jaslu li jwettqu l-ambizzjonijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom.

### *6.3.3. Rapporti*

Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni fuq in-Nisa (CEDAW) ġiet addottata fl-1979 mill-Assembleja Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Din il-Konvenzjoni, li Malta iffirmat fl-1991, hija spiss deskritta bħala l-Abbozz internazzjonali tad-Drittijiet tan-Nisa.

Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ingħatat il-kompitu li tikteb ir-raba' rapport ta' CEDAW f'Malta. Dan ġie mitmum fil-bidu tas-sena 2007. Dan ir-rapport jagħti ħarsa lejn numru ta' artikli li jindirizzaw oqsma differenti fl-isfera soċjali, fosthom l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-ħajja politika u pubblika, ekonomija u benefiċċji soċjali, saħħa, żwieġ u familja, sterjotipi, u miżuri soċjali. Dan ir-rapport li jinkludi ukoll regoli, liġijiet u riċerka, għandu jservi ta' għodda għal min hu interessat direttament biex janalizza s-sitwazzjoni u jaħdem fuq problemi identifikati biex tkun aċċertata l-koeżjoni soċjali. Dan ir-rapport jinkludi fih ukoll numru ta tabelli li jgħinu biex tingħata stampa ċara tas-sitwazzjoni Maltija.

Mid-dħul ta' Malta u Ċipru fl-UE, numru ta' direttivi dwar l-ugwaljanza ġew implimentati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dawn iż-żewġ pajjiżi. Ġie organizzat taħriġ ta' tlett ijiem b'koperazzjoni bejn l-NCPE u l-Fond għal Koperazzjoni Teknika, *Commonwealth – Regional Training Programme on Equality Issues for Good Governance in the Maltese, and Cypriot Public Service*. L-għan ta' dan it-taħriġ kien li jiżgura li id-direttivi jinftehmu tajjeb u jiġu implimentati minn uffiċjali għolja tas-Servizz Pubbliku (Diċembru 2006). Bħala għeluq għal dan it-taħriġ, il-Kummissjoni kitbet rapport fl-2007, li fih kien hemm lista tal-qafas legali nazzjonali li jipprovdi protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll huma responsabbli mis-sorveljar tal-liġijiet. Dan ir-rapport jinkludi ukoll l-istrateġija nazzjonali biex naslu għall-ugwaljanza u l-aħjar modi biex naslu. Fl-aħħar f'dan ir-rapport insibu ukoll deskrizzjoni tas-sessjonijiet tat-taħriġ, li kienu jitrattaw l-ugwaljanza bejn is-sessi u *multiground equality*, li ingħataw lill-gruppi ta' nies differenti fosthom, Maniġers tar-Riżorsi Umani u Uffiċjali għolja fis-servizz Pubbliku.

### *6.3.4. Rispons*

Il-Kummissjoni fil-kapaċita' tagħha ta' organizzazzjoni nazzjonali li taħdem fuq l-ugwaljanza, tat rispons dwar id-dokument ta' qabel il-baġit 2008. Dan id-

dokument intbagħat lill-kumitat tal-Kunsill Malti għall-Ekonomija u Żvilupp (MCESD) biex jiġi diskuss flimkien mal-Ministeru tal-Finanzi.

Apparti minn hekk, il-Kummissjoni kellha sehem attiv fid-diskussjonijiet dwar miżuri favur il-familja u '*teleworking*'. Saru bosta proposti dwar suġġetti varji biex jittieħdu in konsiderazzjoni għall-baġit. Fost dawn insibu proposti dwar *leave* tal-maternita', ommijiet waħdihom, faċilitajiet għall-kura tat-tfal, edukazzjoni tul il-ħajja, taħriġ vokazzjonali u nisa imprendituri. Proposta li ġiet milqugħa kienet dik ta' ġimgħa żejda *leave* tal-maternita' mħallas (b'hekk it-total sħiħ ta' *leave* tal-maternita imħallas tela' għal erbatax-il ġimgħa).

Il-Kummissjoni tat ukoll rispons dwar il-*Greenpaper* li timmodernizza l-liġi dwar ix-xogħol biex tindirizza l-isfidi tas-seklu 21. L-għan ta' din, kien li jitneda djalogu pubbliku fl-UE dwar kif il-liġi tax-xogħol tista' tevolvi biex tappoġġa l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, sabiex jinkiseb tkabbir sostenibbli b'aktar impjiegi u impjiegi aħjar. Punti oħra li ħarġu minn dan id-dokument kienu mezzi dwar kif niksbu suq tax-xogħol flessibli u inklussiv kif ukoll dibattitu dwar kif għandha tiġi immodernizzata l-liġi tax-xogħol.

# 7. Inizzjattivi ta’ Taħriġ

## 7.1. <u>Introduzzjoni</u>

It-taħriġ huwa parti ċentrali mix-xogħol tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta’ l-Ugwaljanza. Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li huwa permezz ta’ dawn l-għodod li fil-fatt jintlaħqu bosta għanijiet bħall-promozzjoni ta’ l-ugwaljanza, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma’ l-*istakeholders*, u l-imsieħba soċjali jkunu dejjem infurmati bl-aktar żviluppi riċenti. Barra minn hekk din l-għodda tintuża biex ikun hemm tkabbir fl-għarfien tas-soċjeta’ ċivili u l-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta’ l-Ugwaljanza.

Matul is-sena 2007, ġew organizzati bosta laqgħat ta’ taħriġ li kienu immirati lejn gruppi differenti ta’ nies ġejjin minn oqsma differenti. Fost dawn kien hemm:

- Kunsilli Lokali
- Studenti ta’ l-Universita’
- Korpi tal-Gvern li jaħdmu għall-Ugwaljanza
- Maniġers tar-Riżorsi Umani
- Pubbliku ġenerali
- NGOs
- Għalliema u tfal ta’ l-iskejjel primarji
- Kumpaniji privati u persuni li jħaddmu
- *Trade Unions*
- Uffiċjali tal-Gvern
- Assoċjazzjonijiet u Organizzazzjonijiet tas-soċjeta’ ċivili

It-temi diskussi matul dawn is-seminars, *focus groups* u laqgħat ta’ taħriġ esploraw id-diskriminazzjoni fid-diversi forom tagħha f’dak li għandu x’jaqsam ma’ ġeneru u responsabbiltajiet tal-familja kif ukoll razza u oriġini etnika. Bħala proġett partikolari, sar taħriġ fuq is-sitt bażijiet ta’ diskriminazzjoni inkluż orjentazzjoni sesswali, diżabilita’, eta’, u reliġjon u twemmin apparti sess u razza u oriġini etnika.

## 7.2. Taħriġ provdut mill-Proġetti ta' l-NCPE

### *7.2.1. Mużajk –Magħqudin fid-Diversita`*

Nhar il-15 u nhar it-22 ta' Novembru 2007, bħala parti mill-proġett 'Mużajk-Magħqudin fid-Diversita`' ġew organizzati jumejn ta' taħriġ għal min jgħallem – *train the trainers*. Dan it-taħriġ li kien provdut minn membri tan-Netwerk Mużajk u kien immirat għal maniġers li jaħdmu fil-qasam tar-Riżorsi Umani, għall-korpi governattivi li jaħdmu għall-ugwaljanza kif ukoll għal pubbliku ġenerali. Matul dawn il-jumejn ġew diskussi is-sitt oqsma prinċipali ta' diskriminazzjoni: il-ġeneru, ir-razza u l-etniċita`, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilita`, l-eta`, r-reliġjon u t-twemmin.

### *7.2.2. Inwasslu l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Komunitajiet Lokali*

Bħala parti minn dan il-proġett, ingħata taħriġ lil diversi għaqdiet bħal per eżempju; l-Għaqda Nisa Żgħażagħ, il-Malta Girl Guides, l-għaqda OIWAS, numru ta' studenti universitarji, numru ta' impjegati ta' l-Awtorita` għall-Lotteriji u l-Logħob, xi membri ta' diversi għaqdiet u ċittadini minn bosta lokalitajiet f'Malta fosthom l-Għarb, il-Għarghur, iż-Żejtun, u l-Ħamrun.

It-temi li ġew diskussi waqt dan it-taħriġ jinkludu l-ugwaljanza u suġġetti marbuta magħha, fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qasam ta' l-Impjiegi, l-Intrapriża, il-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet inkluż politika, il-familja, l-edukazzjoni il-ħin liberu. B'kollox, in-numru ta' parteċipanti kien ta'193.

### *7.2.3. Taħriġ fuq l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversita`*

Nhar il-Ġimgħa 16 u s-Sibt 17 ta' Novembru 2007, ġie organizzat seminar dwar kif għandna nevitaw kull tip ta' diskriminazzjoni. Fl-ewwel ġurnata tas-seminar attendew erba' u tletin parteċipant waqt li fit-tieni jum attendew tletin. Dawn il-parteċipanti kienu qegħdin jirrappreżentaw erbatax-il għaqda non-governattiva u żewġ Trejd Unjins. Tul dan it-taħriġ, il-parteċipanti ingħataw l-opportunita` li jiddiskutu diversi temi li jixħtu dawl fuq ir-rwol li għandu jkollhom dawn l-għaqdiet fil-ġlieda tagħhom kontra d-diskriminazzjoni.

## 7.3. Taħriġ provdut mill-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (mhux mill-proġetti)

### Taħriġ għall-persuni li jirreġistraw għax-xogħol u għan-nisa li reġgħu lura fid-dinja tax-xogħol

Il-Kummissjoni tat taħriġ dwar ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tagħha lil numru ta' persuni li jirreġistraw għax-xogħol (dawk li jagħmlu użu mis-servizz tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ) kif ukoll għal dawk in-nisa li reġgħu lura fis-suq tax-xogħol. L-aħħar sezzjoni ta' taħriġ saret fl-uffiċċju tal-Kummissjoni f'Marzu 2007. Ingħata wkoll taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza għan-nisa u l-irġiel lill-istaff tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ.

### Taħriġ dwar l-HIV/AIDS u l-Impatt fuq in-Nisa u l-Irġiel

F'Mejju 2007 ġew organizzati żewġ seminars għall-ħaddiema ta' l-Organizzazzjoni għall-Integrazzjoni u l-Istat ta' Saħħa ta' l-Immigranti Irregolari (OIWAS) dwar l-HIV/AIDS u l-impatt fuq in-nisa u l-irġiel.

**Taħriġ għall-Forzi Armati ta' Malta**

Il-Kummissjoni organizzat ukoll taħriġ għall-uffiċjali kollha fil-Forzi Armati ta' Malta (AFM). Dan it-taħriġ saħaq fuq il-proviżjonijiet ta' Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa u ingħatat importanza kbira lill-fastidju sesswali.

**Taħriġ dwar il-Ġeneru u l-Medja**

Ingħata taħriġ dwar il-ġeneru u l-medja li sar b'koperazzjoni mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC) bħala għeluq tal-proġett *Gender News Good News* (9 t'Ottubru sas-16 t'Ottubru).

**Taħriġ għar-Rekluti Ġodda fil-Pulizija**

Ir-rekluti ġodda fil-Korp tal-Pulizija ingħataw taħriġ maqsum f'żewġ partijiet dwar l-antidiskriminazzjoni u r-razziżmu. It-talba għal dan it-taħriġ saret mill-uffiċjali inkarigati mit-taħriġ tar-rekluti l-ġodda. Illum din saret parti integrali fit-taħriġ tal-pulizija.

**Taħriġ dwar il-Fondi Strutturali Ewropej**

SOS Malta organizzat taħriġ għall-aġenziji non-governattivi rigward l-użu tal-Fondi Strutturali Ewropej (FSE). Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ġiet mitluba biex taqsam l-esperjenza tagħha fuq l-aspett lil hinn mill-fruntieri tal-proġetti ta' l-EQUAL u għaldaqstant tat preżentazzjoni dwar dan lill-NGOs waqt dan it-taħriġ (15 t'Ottubru).

**Żjara ta' Studju għal Uffiċjali Ewropej**

L-*IStaff Development Organisation* organizza żjara ta' studju għall-uffiċjali Ewropej fl-24 t'Ottubru 2007. Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE) ippreżentat informazzjoni dwar il-proġetti li ġew implimentati matul l-2007, inkluż tagħrif dwar l-oqsma li jagħmlu parti minn dawn il-proġetti, kif ukoll l-indikaturi li ntlaħqu f'kull proġett.

**Taħdita għat-Tfal dwar l-Ugwaljanza**

Il-Moviment Kerygma talab lill-Kummissjoni biex issir taħdita immirata għal tfal bejn id-9 u 12-il sena dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-ugwaljanza. L-għan kien li dawn is-suġġetti jiġu ppreżentati b'mod li jinftiehem mit-tfal ta' dik l-eta' u għalhekk inħass li għal dan it-taħriġ kellhom jintużaw metodi simili għall-dawk li intużaw fit-twettiq tal-proġett *Niffaċilitaw l-Ugwaljanza bl-Edukazzjoni* (FETE).

**Taħriġ dwar fastidju sesswali lit-tmexxija ta' bosta entitajiet**

Il-Kummissjoni ħafna drabi tintalab biex tgħin organizzazzjonijiet jiżviluppaw b'mod effettiv politika jew regoli ċari dwar fastidju sesswali, kif ukoll biex tħarreġ lit-tmexxija ta' l-organizzazzjoni partikolari dwar dan is-suġġett.

## 7.4. Taħriġ li ingħata lill-impjegati tal-Kummissjoni

L-Impjegati ta' l-NCPE għandhom l-opportunita' bħala uffiċjali pubbliċi li jattendu għal taħriġ li jiġi organizzat mill-SDO (Staff Development Organisation) kull sena. Dawn li ġejjin huma l-korsijiet li attendew għalihom l-impjegati ta' l-NCPE matul l-2007:

- L-Inteliġenza Emozzjonali fuq il-post tax-xogħol.
- Mezzi kif jiġi iffaċilitat it-tagħlim permezz ta' parteċipazzjoni.
- L-Akkwisti Pubbliċi – proċeduri, *tenders*, evalwazzjonijiet.
- *Database* fuq Fondi Strutturali Ewropej.

**Korsijiet oħra interni u esterni**

Il-Kummissjoni ħadet ħsieb li tagħti taħriġ lill-impjegati tagħha dwar diversi suġġetti oħra. Fost dawn insibu:

- Sezzjonijiet ta' taħriġ fuq Kommunikazzjoni Inter-Kulturali. Dan it-taħriġ sar bl-għan li jgħin lill-impjegati tal-Kummissjoni jifhmu aħjar suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u oriġini etnika.(9, 10, 16 u 17 ta' Jannar)
- Tmexxija tad-Diversita' fil-Kummissjoni Ewropea (20 ta' Ġunju 2007)
- Fondi Strutturali Ewropej (FSE) Applikazzjoni għal proġetti ġodda – perjodu 2007 - 2013 (3 t'Awissu)
- Taħriġ mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali fuq kif tittella' informazzjoni fuq is-sistema ta' Infoshare u l-aħjar mezz ta' kif għandha tintuża din l-għodda. (Awwissu 2007)
- Bħala parti mit-taħriġ li sar fil-proġett Mużajk – Magħqudin fid-Diversita', tmien impjegati tal-Kummissjoni ġew imħarrġa fuq is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni li huma; Razza u Oriġini Etnika, Orjentazzjoni Sesswali, Diżabilita', Eta', Ġeneru u Reliġjon jew Twemmin, fil-15 u fit-22 ta' Novembru.
- Tmien impjegati tal-Kummissjoni attendew għat-taħriġ tal-*Human European Consultancy* bl-isem ta' *'L-Irwol ta' l-organizzazzjonijiet non-governattivi u t-trejd unjins fil-ħidma dwar l-anti-diskriminazzjoni fuq bażi ta' Razza, Oriġini Etnika, Eta', Orjentazzjoni Sesswali, Reliġjon u Diżabilita'*,' (16 u 17 ta' Novembru 2007).
- Bħala parti mill-proġett *'Inwasslu l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-Komunitajiet Lokali'* (TGELC) għaxar impjegati mill-NCPE, ingħataw taħriġ dwar l-aħjar mod kif persuna għandha tippreżenta ruħha quddiem il-medja. Dan it-taħriġ sar fil-21 ta' Novembru u fl-20 ta' Diċembru 2007.
- L-impjegati kollha tal-Kummissjoni ingħataw taħriġ dwar id-dħul ta' l-Ewro bħala l-munita uffiċjali ta' Malta minn Jannar 2008 (18 ta' Diċembru 2007). Dan it-taħriġ ġie żviluppat mill-Uffiċjal inkarigat mill-Ewro fi ħdan l-NCPE.

# 8. Ħolqien ta' Għarfien

## 8.1. <u>Relazzjonijiet Pubbliċi</u>

### *8.1.1. Ittri lill-Editur*

**Titli newtrali - *Gender neutral titles* - The Times of Malta, 2 ta' Frar**

B'referenza għall-nota ta' l-Editur li kienet ippubblikata fill-25 ta' Jannar, u li kienet tindika li sar xi tip ta' ftehim bejnu u bejn il-Kummissjoni, fir-rigward tat-terminu '*chairman versus chairperson'*, il-Kummissjoni riedet tiċċara li fill-fatt ma' ntlaħaq l-ebda ftehim.

**Lingwaġġ newtrali u inklussiv - *Gender-inclusive language* - The Times of Malta, 10 ta' Frar**

B'referenza għall-ittra lill-editur li dehret taħt it-titlu ta' *New Chairman for Women's Organisations Federation*, l-NCPE ikkritikat l-użu ħażin tat-terminu *chairman* mill-gazzetta. Dan minħabba li it-terminu *chairman* huwa diskriminatorju, u għalhekk permezz ta' din l-ittra l-NCPE stiednet lill-gazzetta biex terġa tikkonsidra il-politika tagħha.

**Lingwaġġ ta' referenza - *Referencing language* - The Times of Malta, 2 ta' Marzu**

Bħala reazzjoni għad-dibattitu twil dwar jekk għandux jintuża t-terminu *chairman* jew *chairperson*, il-kummissjoni saħqet li jeżistu diversi tipi ta' diskriminazzjoni, fosthom dik simbolika, lingwistika, akkademika, jew filosofika.

**Naħdmu is-somom - *Doing Mathematics* - The Malta Independent on Sunday, 3 ta' Ġunju**

L-NCPE wieġbet għall-artiklu li kien ippublikat fuq The Malta Independent on Sunday fis-27 ta' Mejju, mill-*Where's Everybody* bit-titlu *'expensive' tender becomes more expensive still* (offerta għolja issir dejjem aktar għolja). F'din l-ittra il-Kummissjoni infurmat lill-pubbliku, li l-informazzjoni kollha relatata ma' din l-offerta kienet ingħatat kollha waqt konferenza għall-istampa li saret nhar -il 11

ta’ Frar 2006, il-Kummissjoni tenniet li l-artiklu mhux korrett u qed ifixkel lill-pubbliku.

**Liġi għall-Trattament Indaqs - *Law on equal treatment* - The Times of Malta, 30 ta’ Ġunju**

B’referenza għall-istorja bit-titlu *Immigrants Claim Skin Colour Barred Them from Jobs* (Immigranti jgħidu li minħabba l-kulur tal-ġilda tagħhom mhux qed isibu jaħdmu) ippublikata fil-25 ta’ Ġunju, l-NCPE qalet li skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, kif ukoll l-Ordni ta’ l-2007 dwar Trattament Indaqs tal-Persuni jgħidu biċ-ċar li trattament mhux ugwali fuq bażi ta’ razza jew oriġini etnika jitqies bħala diskriminazzjoni u għalhekk huwa kontra il-liġi. Il-Kummissjoni qalet ukoll li se tinvestiga l-ilmenti li saru min dawn iż-żewġ ħaddiema Eritrej.

**It-Tkabbir fir-responsabbiltajiet ta’ l-NCPE - *The widening of the remit of the NCPE* - The Malta Independent, 5 ta’ Lulju**

B’referenza għall-artiklu “Ta’ wara l-muntanji”, ippublikat fil-25 ta’ Ġunju, l-NCPE infurmat lill-pubbliku li permezz ta’ l-A.L. 85 ta’ l-2007 - Ordni dwar Trattament Indaqs tal-Persuni, il-Kummissjoni żdiditilha ir-responsabilta‘ biex b’hekk issa għandha il-jedd li tinvestiga ilmenti ta’ diskriminazzjoni fuq bażi ta’ razza jew oriġini etnika. Għalhekk, l-NCPE ħeġġet lil dawk kollha li qed isofru xi diskriminazzjoni biex jagħmlu l-ewwel pass u jwasslu l-ilmenti tagħhom biex b’hekk jiġu investigati.

**Liġi dwar Ugwaljanza fuq bażi ta’ Razza - *Racial equality legislation* - The Times of Malta, 5 ta’ Settembru**

B’referenza għall-artiklu *EU Agency Urges Malta to Step up Anti-Discrimination Efforts* - Aġenzija ta’ l-Unjoni Ewropea tħeġġeġ lil Malta biex ittejjeb l-isforz biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni, ippublikat fit-30 ta’ Awwissu, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-kittieb u speċifikat li d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE ġiet infurzata fill-liġi Maltija permezz ta’ l-A.L. 85 u l-A.L.86 ta’ l-2007 – biex b’hekk l-

NCPE ingħatat ir-responsabilta‘ li taħdem għall-ugwaljanza fuq bażi ta’ razza ukoll.

**Investigazzjonijiet fuq bażi ta’ Razza - *Racism investigations* - The Times of Malta, 4 ta’ Ottubru**

Bħala risposta għall-ittra lill-editur taħt it-titlu *Racism: What is the government doing about it?* - Razziżmu: X’qed jagħmel il-gvern dwar is-sitwazzjoni?, ippublikata fl-20 ta’ Settembru, l-NCPE irreferiet għall-A.L. 85 ta’ l-2007 Ordni dwar Trattament Indaqs tal-Persuni, li tagħat ir-responsabilta‘ lill-Kummissjoni li tinvestiga ilmenti ta’ diskriminazzjoni fuq bażi ta’ Razza u/jew oriġini Etnika. L-NCPE ħeġġet lil dawk kolla li qed isofru min xi tip ta’ diskriminazzjoni biex iwasslu l-ilmenti tagħhom għand l-NCPE biex jiġu investigati.

**Diskriminazzjoni fl-Att dwar Taxxa fuq l-*Income* - *Inequalities and the Income Tax Act* - The Times of Malta, 8 ta’ Ottubru**

L-NCPE irrispondiet ittra li dehret fid-29 ta’ Settembru bit-titlu *Tax Law Unjust for Men* - Il-Liġi tat-Taxxa mhux ġusta ma’ l-Irġiel. Permezz ta’ din l-ittra l-NCPE infurmat lill-qarrej li l-Kummissjoni għamlet studju intensiv biex tidentifika diskriminazzjoni bejn iż-żewġ ġeneri, kif ukoll għamlet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha biex dawn jiġu irregolati skond il-liġi. Il-Kummisjoni qalet ukoll li, l-proġett FSE 46, ġie żviluppat propju biex iħares lejn numru ta’ liġijiet fejn hemm diskriminazzjoni bejn il-ġeneri, fejn l-Att dwar Taxxa fuq l-*Income* huwa wieħed minnhom. L-NCPE tenniet li din l-informazzjoni tinsab fir-rapporti annwali preċedenti.

### *8.1.2. Stqarrijiet għall-Istampa*

**Il-Vjolenza fuq in-nisa - riżultat ta’ l-iżbilanċ fit-tqassim tal-poter’ - The Times of Malta, 5 ta’ April**

L-NCPE esprimiet ir-reazzjonijiet tagħha u qalet li kienet maħsuda dwar każ partikolari, fejn mara kienet tiġi imsawta min ħuha sa min l-eta‘ tenera ta’ sitt snin biss. L-NCPE saħqet li l-vjolenza fuq in-nisa tikser id-dritt fundamentali tal-

bniedem waqt li tkompli ixxekkel il-mixja biex tintlaħaq ugwaljanza bejn iż-żewġ ġeneri fis-soċjeta tagħna.

**Studenti tax-Xjenza nisa jindirizzaw id-differenzi bejn il-ġeneri - MaltaMedia.com, 31 ta' Mejju**

Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-Istampa dwar il-proġett li kien iffinanzjat mill-UNESCO Malta bit-titlu "*The Gender Gap in Science and Technology in Malta – Evaluating the Problem and Tackling the Issues*" – Id-Differenza bejn il-ġeneri fil-Qasam tax-Xjenza u t-Teknoloġija f'Malta. L-għan ta' dan il-proġett kien propju biex jinkoraġġixxi studenti nisa jagħżlu aktar suġġetti fil-qasam tax-xjenza. Din l-istqarrija ħarġet wara konferenza li saret fit-30 ta' Mejju b'kollaborazzjoni mal-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-Taħriġ (ETC), u mall-Fakulta' tax-Xjenza fl-Universita ta' Malta.

**Inwasslu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Komunitajiet Lokali - MaltaStar.com, 27 ta' Lulju; L-Orrizont, 30 ta' Lulju**

Permezz ta' Konferenza għall-Istampa, li saret fis-27 ta' Lulju, l-NCPE introduċiet pubblikament il-proġett - Inwasslu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Komunitajiet Lokali. L-Istqarrija għall-Istampa kienet tinkludi ukoll diversi dettalji dwar l-attivitajiet li kienu ser iseħħu bħala parti min dan il-proġett. Fost dawn l-attivitajiet ta' min isemmi; ir-riċerka, esibizzjoni f'diverżi lokalitajiet, sessjonijiet ta' taħriġ, kif ukoll il-ħruġ ta' CD mużikali li tinkludi 12-il kanzunetta bit-tema ta' l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

**Inwasslu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Komunitajiet Lokali - Korsijiet ta' Taħriġ dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-Pubbliku - The Times of Malta, 11 ta' Ottubru; The Sunday Times, 14 ta' Ottubru; The Malta Independent, 15 ta' Ottubru**

Il-Kummissjoni ħarġet din l-istqarrija biex tgħarraf lill-pubbliku dwar korsijiet ta' taħriġ li kienu ser isiru bħala parti min dan il-proġett - Inwasslu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Komunitajiet Lokali. Partikolarment dawn il-korsijiet kienu ta' interess

għall-membri ta' organizzazjonijiet lokali, persuni attivi fill-komunitajiet lokali, kif ukoll studenti fi skejjel sekondarji u terzjarji.

**Taħriġ fuq id-diversita għall-Maniġers tar-Riżorsi Umani - Intranet għas-Servizz Pubbliku, 31 ta Ottubru; The Times of Malta, 1 ta Novembru; The Sunday Times, 4 ta' Novembru; The Malta Independent, 11 ta' Novembru**

L-għan ta' din l-istqarrija kien biex titqajjem kuxjenza dwar sessjonijiet ta' taħriġ fuq id-diversita', li kienu indirizzati partikolarment lejn maniġers tar-riżorsi umani. Dan it-taħriġ sar bħala parti mill-attivitajiet li ħarġu min-*Network* tal-Proġett bl-isem Mużajk – Magħqudin fid-Diversita', li kien ikkordinat mill-NCPE flimkien ma' disa' imsieħba soċjali.

**Taħriġ dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi f'Għawdex - Intranet għas-Servizz Pubbliku, 9 ta' Novembru, Times of Malta, 10 ta' Novembru; The Sunday Times, 18 ta' Novembru**

Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija oħra biex tkompli tippromwovi dan it-taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li saru ġewwa Għawdex. Dan it-taħriġ kien maqsum fi tnejn; sezzjoni għall-membri tal-Kunsilli Lokali, u sezzjoni oħra li saret għall-pubbliku ġenerali u membri ta' organizzazzjonijiet lokali. Iż-żewġ sezzjonjiet saru ġewwa l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb.

**Stqarrijiet għall-Istampa**

- *Times of Malta*, 1 ta' Novembru 2007. (Informazzjoni għall-ġurnalisti dwar it-taħriġ għat-*trainers* tal-proġett Mużajk) Mużajk – Magħqudin fid-Diversita'.
- *Malta Independent*, 11 ta' Novembru 2007, (Informazzjoni għall-ġurnalisti dwar it-taħriġ għat-*trainers* tal-proġett Mużajk) Mużajk – Magħqudin fid-Diversita'.

### *8.1.3. Artikli*

**Nikkombattu il-Fastidju Sesswali - The Malta Independent on Sunday, 22 ta' April**

Dan l-artiklu inkiteb bħala tweġiba għall-artiklu li deher fis-17 ta' April bit-titlu; *Study shows that nurses are sexually harassed by patients, colleagues and superiors* - studju li juri li l-infermiera jiġu fastidjati sesswalment kemm mill-pazjenti, mill-kollegi kif ukoll mill-maniġment. Il-Kummissjoni irreferiet għall-Kap. 456, tal-liġijiet ta' Malta, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, u qalet li l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol huwa forma ta' diskriminazzjoni u għalhekk mhux aċċettabli. Permezz ta' din l-istqarrija l-Kummissjoni fakkret lill-pubbliku dwar id-dokument li hija ippublikat fl-2005 bit-titlu; *Sexual Harassment – a code of practice* – Fastidju Sesswali – Kodiċi ta' Prattika. Hija tenniet billi ħeġġet lil dawk kollha li sofrew xi fastidju sesswali, jew xi diskriminazzjoni biex jimlew il-formola ta' l-ilmenti u jibgħatuha lill-Kummissjoni.

***Today is International Youth Day: Ending the silence?* - The Sunday Times, 12 ta' Awwissu**

Dan l-artiklu kien jitratta il-Ġurnata Internazzjonali għaż-Żagħżagħ, fejn ingħatat ħarsa lejn l-għaxar oqsma ewlenin li jaffetwaw liż-żagħagħ, foshom is-saħħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-edukazzjoni, l-impjieg u l-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan l-artiklu tkellem ukoll dwar il-Proġett Mużajk – Magħqudin fid-Diversita' u s-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni.

### *8.1.4. Parteċipazzjoni fuq ir-Radju u Dehriet fuq it-Televiżjoni*

Matul l-2007 diversi rappreżentanti ta' l-NCPE ħadu sehem waqt numru ta' programmi, kemm fuq ir-radju kif ukoll fuq it-televiżjoni. Fost dawn insibu:

- il-Programm *Bejnietna* li jixxandar fuq l-istazzjon tar-radju RTK. Fil-fatt l-NCPE ħadet sehem diversi drabi bejn it-8 ta' Jannar u l-25 ta' Ġunju, fejn ġie diskuss l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa;

- il-Programm tat-televiżjoni fuq Net TV - *Teen Trouble* li ntwera fil-15 ta' Jannar, fejn ġiet diskussa l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mill-perspettiva taż-żagħżagħ;
- *Il-Ħadd Magħna* – programm li jixxandar nhar ta' Ħadd wara nofsinhar fuq l-istazzjoni One TV. L-NCPE ipparteċipat nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar;
- il-Programm Sellili li jixxandar kulljum wara nofsinhar fuq Net TV. Tlett rappreżentanti ta' l-NCPE taw is-sehem tagħhom nhar it-23 ta' Jannar, l-20 ta' Frar, kif ukoll nhar it-30 ta' Ottubru rispettivament;
- Parteċipazzjoni fil-programm tat-tfal *Tini 5* li jintwera fuq TVM, fl-1, fis-6 u fit-8 ta' Frar;
- il-Programm *Bla Aġenda* – programm ta' diskussjoni li jixxandar fuq l-istazzjon One TV. L-NCPE ħadet sehem nhar is-17 ta' Frar fejn ġiet diskussa it-tema ta' l-Ugwaljanza, kif ukoll;
- Il-Programm 'Skrin', li xxandar fuq l- *Education Channel 22* nhar is-6 ta' Diċembru 2007. (matul dan il-programm, rappreżentant ta' l-NCPE flimkien ma rappreżentant ta' l-MGRM tkellmu dwar il-festival tal-films Mużajk Opportunitajiet Indaqs. (Mużajk – Magħqudin fid-Diversita').
- Il-kantanti (TGELC) ipparteċipaw ukoll f'programm illi kien jidher darba fil-ġimgħa, fuq TVM, "Il-Pjazza tar-Raħal"; u pparteċipaw f'"Min-Niċċa 'il Barra" fuq One TV. Minbarra dan, xi kantanti ipparteċipaw fil-Programm "Flimkien" fuq Smash TV, fejn ġew reklamati id-diski li jinsabu fuq ic-CD dwar l-ugwaljanza.
- il-Programm *l-Ewropej* imxandar fuq Net TV fejn il-Kummissjoni ipparteċipat nhar is-7 ta' Awwissu.
- Ic-CD dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kien irreklamat matul programm ta' wara nofsinhar fuq Radju Malta.

## 8.2. Kampanja ta' Għarfien - Mużajk Magħqudin fid-Diversita`

Il-kampanja *d-Diskriminazzjoni Tweġġa* għamlet użu minn xeni qawwija sabiex toħroġ l-effet ta' uġiegħ li jkun iġġenerat kull meta xi ħadd ikun iddiskriminat. Permezz ta' tabelli viżibbli, l-istess kampanja setgħet tindika b`mod ċar dawk il-forom differenti ta' diskriminazzjoni ndirizzati lejn diversi gruppi soċjali, li s-soltu ħadd ma jagħti każ ta' l-eżistenza tagħhom. Il-messaġġ *Waqqaf id-Diskriminazzjoni Issa* huwa ferm fundamentali għalina lkoll, dan għaliex kull darba li xi ħadd juża xi sterjotip, xi stigma jew jumilja xi individwu ieħor, dan għandu jikkunsidra l-fatt li min ikun qed jirċievi din l-azzjoni jkun qed iweġġa'.

### *8.2.1. Billbords*

Diversi billbords bit-temi tas-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni kif ukoll bil-messaġġ ta' introduzzjoni ta' dan il-proġett kien ġew esebiti. Dawn il-bilbords ġew imtella' kemm f'Malta (l-Marsa, High Ridge, Hal Qormi, Is-Salini, l-Imrieħel, il-Fgura, San Ġwann u n-Naxxar), kif ukoll f`Għawdex (Il-Belt Victoria u Għajnsielem).

### *8.2.2. Riklami*

Bħala parti minn dan il-proġett, ġie żviluppat riklam televiżiv bil-Malti, bil parteċipazzjoni ta' interpretu tal-lingwa tas-sinjali,. Dan ir-riklam intwera fuq l-aktar tliet stazzjonijiet popolari tat-televiżjoni Maltin, fl-istess waqt serva sabiex jiġu introdotti s-sitt oqsma rikonoxxuti li fuqhom isseħħ id-diskriminazzjoni.

Ġew żviluppati wkoll seba' riklami bl-ingliż u bil-Malti għal fuq ir-radju. Dawn ir-riklami ixxandru fuq l-għaxar stazzjonijiet prinċipali tar-radju. Wieħed minn dawn ir-riklami kien jiffoka fuq l-introduzzjoni ġenerali tal-proġett, filwaqt li s-sitt riklami l-oħra kienu ffukati fuq kull wieħed mil-oqsma rikonoxxuti ta' diskriminazzjoni.

### 8.2.3. *Riklami fuq l-Gazzetti*

Il-messaġġ prinċipali ta' dan il-proġett kien ġie mwassal ukoll permezz ta' riklam (ippublikat bil-Malti u bl-Ingliż) fuq il-gazzetti lokali kollha ta' nhar ta' Ħadd

### 8.2.4. *Posters*

Il-Posters bit-tema i*d-Diversita` Issaħħaħna*, kienu ferm kuplimentari għall-istess disinn b'kulur aħmar skur, li kien diġa' użat fil-billbords, bid-differenza li din id-darba id-disinn kien aktar sempliċi u iffukat fuq il-kunċett li nwaqqfu kull diskriminazzjoni abbażi tas-sitt oqsma rikonoxxuti. Dawn il-posters tqassmu f'kull ministeru tal-Gvern, fl-ETC, f'kull skola sekondarja, fl-Universita` kif ukoll fl-MCAST.

### 8.2.5. *Stikers għat-tfal*

Għat-tfal kienu ġew żviluppati 7 stikers differenti li meta jingħaqdu flimkien dawn jiffurmaw stampa waħda. Id-disinn tal-*Papri tad-Diversita*' li kienu użati f'dawn l-istikers, ma kellux l-għan li jirrappreżenta l-oqsma li fuqhom qegħda ssir id-diskriminazzjoni, iżda kienu ġew iddisinjati bil-għan li jattiraw lit-tfal. l-istampa li jiffurmaw flimkien dawn is-seba' stikers, intużat sabiex fuqha tinbena kompetizzjoni fil-ġurnal *The Times of Malta*, preċiżament fir-rokna *Junior News* li hija indirizzata għat tfal. It-tfal li kienu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum it-Tfal li kien ġie orġanizzat ġewwa Ta' Qali f'Novembru 2007, dehru ħadu gost b'din l-inizjattiva. Dawn l-istikers tqassmu lit-tfal matul il-festival tal-films bl-isem *Mużajk – Opportunitajiet Indaqs*.

### 8.2.6. *Fuljett*

Matul dan il-proġett ġie stampat fuljett li fih informazzjoni dwar tipi differenti ta' diskriminazzjoni, dwar l-għanijiet tal-proġett *Mużajk – Magħqudin fid-Diversita*, kif ukoll dwar in-Netwerk Mużajk li ġie ffurmat apposta għal dan il-proġett. F'dan il-fuljett ġiet iddedikata paġna għal kull wieħed mis-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni, fejn f'kull waħda minn dawn il-paġni stajna nsibu messaġġ ta' introduzzjoni fuq dak il-qasam partikolari, tliet idejat foloz ikkumparati ma tliet veritajiet fuq l-istess qasam u messaġġ finali. Kien hemm ukoll informazzjoni dwar minn fejn tista' tintalab għajnuna fuq dak il-qasam partikolari.

### *8.2.7. Jiem ta' Diversita'*

- *Pride March* 6 ta' Lulju 2007
- Jum it-Tfal 25 ta' Novembru 2007
- Jum Internazzjonli kontra il-Vjolenza fuq in-nisa 26 ta' Novembru 2007

### *8.2.8. Kompetizzjoni għat-tfal*

L-istampa tal-*Papri tad-Diversita'*, li tkun iffurmata kull meta wieħed jgħaqqad flimkien is-seba' stikers ta' dan il-proġett, kient il-bażi li fuqha inbniet il-kompetizzjoni għat-tfal. Din il-kompetizzjoni, li damet għaddejja għal perjodu ta' ġimagħtejn, saret b'kollaborazzjoni mal-ġurnal *The Times of Malta,* preċiżament fir-rokna *Junior News.* Fl-ewwel gimgħa it-tfal kienu mitluba sabiex jipparteċipaw permezz tal-kitba, fil-waqt li fit-tieni ġimgħa it-tfal intalbu jikkompetu permezz tat-tpinġija. L-għan tal-kompetizzjoni bil-kitba kien propju dak li jħeġġeġ lit-tfal sabiex jiktbu l-għeluq ta' l-istorja dwar il-*Papri tad-diversita'*. Min-naħa l-oħra, il-kompetizzjoni tat-tpinġija kienet qiegħda ssir fl-istess żmien meta kien qiegħed jintwera l-film *Happy Feet* matul il-festival tal-films. Minħabba f'hekk it-tfal kienu mitluba sabiex ipinġu lil *Happy Feet* flimkien mal-*Papri tad-Diversita'*.

### *8.2.9. Forum theatre*

Il-Kunċett tal-*forum theatre* kien ġie żviluppat mid-direttur teatrali, Augusto Boal, fejn kien jagħmel użu mit-teatru sabiex jiddiskuti diversi sitwazzjonijiet. Matul Il-*Forum Theatre* l-udjenza preżenti tkun qiegħda tieħu sehem fi produzzjoni interattiva, fejn l-istess parteċipanti ikollhom l-opportunita' li jieħdu sehem b'mod dirett fl-istess produzzjoni. Minħabba f'hekk l-ideat u l-ħsibijiet ta' l-istess udjenza jinfluwenzaw l-għeluq ta' l-istess produzzjoni.

Il-proġett Mużajk kien iffirma kuntratt mal-kumpanija teatrali *Curtain Raiser,* sabiex dawn itellgħu seba' esibizzjonijiet ta' *Forum Theatre* ġewwa sitt skejjel f' Malta. Dawn l-iskejjel kienu : L-iskola San Ġużepp, ta' tas-Sliema; l-iskola sekondarja tal-bniet Maria Goretti, Ħal Tarxien; il-*Junior Lyceum* Gużeppi Despott, Ħamrun; l-iskola sekondarja tas-subien Lorenzo Gafa', Birgu; l-iskola tas-subien Lorenzo Manche, Furjana; u l-iskola sekondarja tal-bniet Erin Serracino Inglott, Bormla. Matul dawn l-eżibizzjonijiet, it-tfal kellhom l-opportunita' li jirreċtaw il-parti ta' uħud mill aqwa karattri li nsibu fl-istejjer tat-tfal (bħal Pinocchio jew Cinderella) bid-differenza li l-kuntesti ta' l-istorja kienu jkunu totalment differenti minn dak li t-tfal huma mdorrijin bih. Bis-saħħa t'hekk l-istess tfal setgħu jitgħallmu dwar id-differenzi soċjali li jeżistu madwarna kif ukoll setgħu jsiru konxji mis-suġġett.

### *8.2.10. Fesitval tal-Films*

Il-festival tal-films *Mużajk – Opportunitajiet Indaqs* li kien organizzat ġewwa il-Kavallier ta' San Gakbu, ġie mniedi fl-10 ta' Diċembru 2007, propju fil-jum iddedikat għad-Drittijiet tal-Bniedem u dam għaddej għal perjodu ta' ġimagħtejn. B'kollox matul dan il-festival intwerew ħmistax-il film. Dawn il-films, li kollha kienu jitkellmu dwar l-ugwaljanza u d-diversita', kienu ġew magħżula minll-membri tal-

Mużajk. Il-films magħżula kienu dawn: *Guess Who's Coming to Dinner', 'I am Sam', 'North Country', 'Normal', 'Calendar Girls', 'The Station Agent', 'Yasmin', 'My sister Zahra* u għat-tfal intwera il-film '*Happy Feet'.*

## *8.3.* Inwasslu l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fil-komunitajiet lokali

### *8.3.1. Riklami Televiżivi*

Parti mill-inizjattivi tal-Proġett "Inwasslu l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel lill-Komunitajiet Lokali", jinkludu l-iżvilupp ta' numru ta' reklami televiżivi. Wieħed minn dawn ir-riklami kien iffukat fuq is-sessjonijiet ta' taħriġ illi kienu offerti lill-pubbliku. Żewġ kantanti illi ħadu parti fil-proġett dehru f'dawn ir-reklami. It-tieni reklam televisiv kien iffukat fuq it-tniżżil (*downloading*) tad-diski mis-sit elettroniku tal-proġett. F'dan ir-reklam, il-kantanti jkantaw is-sigla tal-proġett

### *8.3.2. Riklami fuq il-Gazzetti*

Żewġ riklami fuq il-gazzetti dehru fuq il-gazzetti kollha lokali ta' nhar ta' Hadd matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru. Wieħed mir-reklami kien jiffoka fuq is-sessjonijiet ta' taħriġ fit-Tramuntana, fiċ-Ċentru, fin-Nofsinhar ta' Malta u f' Għawdex. It-tieni reklam televiżiv kien iffukat fuq prattiċi tajbin għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Fir-reklam kien hemm ukoll diversi stampi illi kienu jirriflettu dawn l-eżempji tajbin.

### *8.3.3. Parteċipazzjoni fil-Programmi Televisivi u l-Attivitajiet Lokali*

Il-kantanti ipparteċipaw f'diversi attivitajiet lokali f'Malta u Għawdex fosthom il-Beer Festival f'Ta` Qali, il-Lejla Sajfija fl-Għarb, Lejla Mużikoletterarja fil-Belt Valletta, u Jum Marsaskala.

Il-kantanti ipparteċipaw ukoll f'programm illi kien jidher darba fil-ġimgħa, fuq TVM, "Il-Pjazza tar-Raħal"; u ppartecipaw f'Min-Niċċa l-Barra fuq One TV. Minbarra dan, xi kantanti ipparteċipaw fil-Programm "Flimkien" fuq Smash TV, fejn il-kantanti interpretaw id-diski li jinsabu fuq ic-CD.

Attivita` oħra illi ffurmat parti mill-proġett kienet il-wirja illi ffukat fuq prattiċi tajbin għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, illi ġew identifikati fir-riċerka marbuta mall-proġett. Din il-wirja hija magħmula minn numru ta' stampi kbar. Il-wirja bdiet lejn l-aħħar ta' l-2007 u hija mistennija illi tkompli sa l-aħħar tal-proġett. Din il-wirja kienet tinsab f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex. bħall-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Kumpless ta' Baystreet f'San Ġiljan, u fil-Kunsill ta' Ta Xbiex. Hu maħsub li iddur diversi kunsilli, fosthom il-Ħamrun u ż-Żejtun.

### 8.4. FSE/No. 46- Il-Ġeneru mill-Perspettiva Legali

- Kampanja edukattiva fuq il-gazzetti illi hija mmirata lejn il-pubbliku in ġenerali, ibbażata fuq ir-riċerka, u qed isseħħ matul l-ewwel erba` xhur ta; l-2008.
- Tlett tipi ta' għodda ta' tagħlim ser ikunu imfasslin għas-segwenti:
    - Maniġers tar-Riżorsi Umani/Diretturi tas-Settur Pubbliku
    - Maniġers tar-Riżorsi Umani/ Min jimpjega fis-Settur Privat
    - Dawk illi jipprovdu Servizzi Legali, (inklużi dawk illi jfasslu l-liġijiet)

L-għodda ta' tagħlim imsemmija ser ikunu użati matul is-sessjonijiet ta' taħriġ ippjanati għall-ewwel erba` xhur ta' l-2008.

# 9. Anness - Glossarju

| Terminu bl-Ingliż | Terminu bil-Malti |
|---|---|
| Awareness | Kuxjenza/għarfien |
| Childcare centre(s) | Ċentri għall-kura tat-tfal |
| Decision-making | Teħid tad-deċiżjonijiet |
| Entrepreneur | imprenditur |
| Equal opportunities for women and men | Opportunitajiet indaqs/ugwali għan-nisa u l-irġiel |
| Equality between men and women | Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa |
| Equality body | Korp ta' l-ugwaljanza |
| Family-friendly measure(s) | Miżuri favur il-familja |
| Feminisation of poverty | Femminizzazzjoni tal-faqar |
| Formal economy | Ekonomija formali |
| Gender disaggregated data | Informazzjoni separata għall-ġeneru |
| Gender equality | Ugwaljanza bejn il-ġeneri |
| Gender mainstreaming | L-integrazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel |
| Lifelong learning | Tagħlim (ta') matul il-ħajja |
| Policy | Politika |
| Raise awareness | Ħolqien ta' l-għarfien |
| Sexual Harassment | Fastidju sesswali |
| Social benefits | Benefiċċji soċjali |
| Trans-national | Lil hinn mill-fruntieri |

* *Din il-lista inġabret minn dokumenti u sorsi varji li ħadmet bihom l-NCPE matul is-sena.*